ATT TA' L-1998
DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

Arranġament ta' l-Artikoli

TAQSIMA I

Preliminari

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir
3. Amministrazzjoni

TAQSIMA II

Għan tat-Taxxa

4. Ġbir ta' taxxa
5. Attività ekonomika
6. Provvista ta' oġġetti u provvista ta' servizzi
7. Lok ta' provvista
8. Żmien ta' provvista
9. Eżenzjonijiet

TAQSIMA III

Persuni Reġistrati u Persuni Eżentati

10. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni
11. Reġistrazzjoni
12. Thassir ta' reġistrazzjoni
13. Klassifikazzjoni bħala persuna eżentata
14. Thassir ta' klassifikazzjoni ta' persuna eżentata
15. Żmien ta' taxxa
16. Kif tapplika s-Sitt Skeda
17. Klassifikazzjonijiet oħra ta' persuni reġistrati

TAQSIMA IV

Kif Tiġi Stabbilita u Titħallas it-Taxxa

18. Valur taxxabbli
19. Rata ta' taxxa
20. Persuni reponsabbli għall-ħlas tat-taxxa
21. Żmien meta t-taxxa tkun dovuta u meta għandha titħallas
22. Ħlas ta' taxxa fuq provvisti taxxabbli
23. *Input tax*
24. Kreditu għal *input tax*
25. Tnaqqis
26. Ħlas lura ta' kreditu eċċessiv

TAQSIMA V

Denunzi, Stimi, Penalitajiet u Appelli

27. Denunzi
28. Aġġustamenti tad-denunzi
29. Preżunzjoni kwantu għal dikjarazzjonijiet fid-denunzi
30. Dikjarazzjonijiet minn persuni eżentati u dikjarazzjonijiet oħra, eċċ.
31. Setgħat li jsiru stimi meta ma tkunx intbagħtet denunzja
32. Setgħat li jsiru stimi meta tkun intbagħtet denunzja
33. Setgħat li jsiru stimi lill-persuna eżentata
34. Stimi
35. Stimi addizzjonali u stimi riveduti
36. Preżunzjoni kwantu għall-ammonti murija fi stimi
37. Penali amministrattiva għal denunzja li ma tkunx korretta
38. Penali amministrattiva fin-nuqqas li tintbagħat denunzja
39. Penali amministrattiva fin-nuqqas ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni
40. Penali amministrattiva għal nuqqas minn persuna eżentata
41. Penalitajiet amministrattivi għandhom jitħallsu
42. Skuża raġonevoli
43. Appell kontra stima
44. Ħwejjeġ oħra li jistgħu jinġiebu fl-Appell
45. Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud
46. Ħwejjeġ regolati bid-Disa' Skeda
47. Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell

TAQSIMA VI

Dokumentazzjoni u Tagħrif

48. Dokumentazzjoni li għandha tinżamm
49. Wiri ta' prezzijiet
50. Fattura ta' taxxa
51. Dokumenti li għandhom jingħataw f'każijiet oħra
52. Produzzjoni ta' fatturi minn persuni li jkunu ingħataw provvista
53. Spezzjonijiet
54. Dħul f'postijiet ta' abitazzjoni
55. Tagħrif li jkollhom ċertu detenturi ta' liċenza
56. Segretezza uffiċjali

TAQSIMA VII

Każijiet Speċjali

57. Każijiet speċjali

TAQSIMA VIII

Ġbir, Garanzija u Ħlas Lura

58. Kawża mill-Kummissarju
59. Titolu eżekuttiv
60. Restrizzjonijiet fuq il-ħelsien ta' oġġetti importati
61. Setgħat li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti importati
62. Privileġġ speċjali
63. Garanzija għal taxxa dovuta fuq provvisti
64. Żmien iqsar għall-għemil ta' denunzja
65. *Reverse charge*
66. Rappreżentanti
67. Tqassim ta' ħlas
68. Ħlas lura
69. Ħlas lura ta' taxxa imħallsa żejda u li ma kellhiex tiħallas
70. Arranġamenti internazzjonali
71. Ħlas lura lill-persuni mhux residenti

TAQSIMA IX

Mixxellanji

72. Validità ta' avviżi, eċċ.
73. Tqassim u notifika ta' avviżi, eċċ.
74. Mgħax
75. Setgħa ta' għemil ta' regolamenti

TAQSIMA X

Reati u Pieni

76. Meta wieħed jonqos milli japplika għal reġistrazzjoni, jew li jżomm u jagħti kull dokumentazzjoni u denunzja
77. Nuqqasijiet f'kull dokumentazzjoni, eċċ. u stqarrijiet qarrieqa
78. Ħtija regolari
79. Tfixkil ta' uffiċjali
80. Reati li għandhom x'jaqsmu ma' l-importazzjonijiet
81. Reati ġenerali
82. Reati minn uffiċjali prinċipali ta' korpi ta' persuni u minn prinċipali
83. Prosekuzzjoni
84. Penali f'każ ta' kompromess

TAQSIMA XI

Dispożizzjonijiet Transitorji

85. Tħassir u riżerva
86. Denunzi u ħlas ta' taxxa skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa
87. Reġistrazzjoni, klassifika u żmien ta' taxxa ta' persuni reġistrati skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa
88. Żmien u valur taxxabbli ta' ċerti provvisti
89. Tifsir ta' ċerti kuntratti
90. Ħlas lura ta' taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet ta' ħażniet kummerċjali

SKEDI

L-Ewwel	Attivitajiet minn Awtoritajiet Pubblici
It-Tieni	Provvista ta' Oġġetti u Servizzi
It-Tielet	Lok ta' Provvista ta' Servizzi
Ir-Raba'	Provvisti Eżentati
Il-Ħames	Importazzjonijiet Eżentati
Is-Sitt	Negozji Żgħar
Is-Seba'	Valur Taxxabbli ta' Provvisti u Importazzjonijiet
It-Tmien	Rata ta' Taxxa
Id-Disa'	Appelli quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud
L-Għaxar	Formuli li għandhom ikunu preżentati mal-ħlas tat-taxxa
Il-Ħdax	Tnaqqis
It-Tnax	*Records* ta' Taxxa
It-Tlettax	Fattura ta' Taxxa
L-Erbatax	Riċevuti Fiskali
Il-Ħmistax	Każijiet Speċjali

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) UGO MIFSUD BONNICI
President

29 ta' Diċembru, 1998

ATT Nru. XXIII ta' l-1998

ATT biex jipprovdi għall-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud minflok is-sistema ta' taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet, prodotti u servizzi.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandu jitqies li jibda jseħħ fl-ewwel ta' Jannar 1999.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"akkomodazzjoni" tfisser akkomodazzjoni f'xi fond li għall-għan ta' dik il-provvista ta' dik l-akkomodazzjoni jkun jenħtieġ li jkollha liċenzja bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel jew ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, jew bis-saħħa ta' xi Att li jissostitwihom, u għandha tinkludi *bed and breakfast, half board* jew *full board,* skond il-każ, li jkunu inklużi fil-prezz ta' dik l-akkomodazzjoni;

Kap 197.
Kap. 240.

"attiv ta' attività ekonomika" tinkludi ħażniet u attiv fiss tanġibbli akkwistat jew użat għall-għan ta' dik l-attività ekonomika;

"attività ekonomika" għandha t-tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 5 ta' dan l-Att u dwar persuna li twettaq aktar minn attività ekonomika waħda tfisser dawk l-attivitajiet ekonomiċi kollha ħekk ġestiti;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern, dipartiment tal-Gvern, kunsill lokali mwaqqaf skond l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, awtorità vestita b'personalità distinta mwaqqfa b'Att tal-Parlament jew korporazzjoni mwaqqfa b'Att tal-Parlament; Att XV ta' l-1993.

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud imwaqqaf skond l-artikolu 45 ta' dan l-Att;

"data effettiva" tfisser l-ewwel ta' Jannar, 1999;

"denunzja ta' taxxa" tfisser id-denunzja meħtieġa li tingħata skond l-artikolu 27 ta' dan l-Att;

"depożt tad-dwana" tfisser depożt kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni; Kap. 337.

"fattura ta' taxxa" tfisser il-fattura meħtieġa li tingħata skond l-artikolu 50 ta' dan l-Att;

"impjegat" tfisser individwu marbut ma' prinċipal li jimpjegah permezz ta' kuntratt ta' impieg jew permezz ta' rabtiet oħra legali li joħolqu r-relazzjoni ta' bejn prinċipal u impjegat dwar kondizzjonijiet tax-xogħol, ħlas u r-responsabbiltà ta' l-impjegat u tinkludi wkoll id-diretturi ta' kumpanija jew ta' korporazzjoni mwaqqfa b'Att tal-Parlament;

"importatur" dwar oġġetti li dwarhom kellha jew għandha titħallas taxxa tfisser kull min ikollu dawk l-oġġetti reġistrati f'ismu fid-dipartiment tad-dwana fiż-żmien meta kellha jew ikollha titħallas dik it-taxxa, skond il-każ;

"importazzjoni eżentata" għandha it-tifsira lilha mogħtija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

"importazzjoni taxxabbli" tfisser importazzjoni li fuqha għandha titħallas it-taxxa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"*input tax*" tfisser l-ammont stabbilit skond l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud maħtur skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att u kull uffiċjal pubbliku jew persuna oħra li jkun ingħata delega skond is-subartikolu (2) jew (3) ta' dak l-artikolu meta jkun qiegħed jaġixxi skond dik id-delega;

"Malta" għandha t-tifsira lilha mogħtija bil-Kostituzzjoni u tinkludi l-blata kontinentali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"negozju żgħir" tfisser attività ekonomika li tikkwalifika bħala hekk skond is-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"*output tax*" tfisser it-taxxa msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att;

"penali amministrattiva" tfisser penali mposta skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att;

"persuna" tinkludi individwu, korp ta' persuni, awtorità pubblika u kull enti li tista' tiġġestixxi attività ekonomika;

"persuna eżentata" tfisser persuna klassifikata bħala hekk skond l-artikolu 13 ta' dan l-Att;

"persuna reġistrata" tfisser persuna li tkun ġiet reġistrata skond l-artikolu 11 ta' dan l-Att u li r-reġistrazzjoni tagħha ma tkunx ġiet kanċellata skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att;

"provvista eżentata" għandha it-tifsira lilha mogħtija skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

"provvista eżenti bil-kreditu" hija provvista li għaliha tapplika it-Taqsima Wieħed (Eżenzjonijiet bil-Kreditu) tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"provvista taxxabbli" tfisser provvista li fuqha għandha tintalab taxxa skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"stabbilit f'Malta" għandha it-tifsira lilha mogħtija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;

"stima" tfisser stima li tista' issir skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att iżda ma tinkludix stima provisorja;

"stima provviżorja" tfisser stima provviżorja magħmula skond l-artikolu 32 ta' dan l-Att;

"taxxa" tfisser it-taxxa fuq il-valur miżjud li tingabar bis-saħħa ta' dan l-Att;

"valur taxxabbli" tfisser il-valur ta' provvista taxxabbli jew ta' importazzjoni taxxabbli stabbilit skond l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

"żmien ta' taxxa" għandha t-tifsira lilha mogħtija bl-artikolu 15 ta' dan l-Att.

(2) Persuna li twettaq attività ekonomika tkun meqjusa li hija stabbilita f'Malta jekk:

(a) twettaq dik l-attività kollha kemm hi jew parti minnha ġewwa post fiss, jew minn jew permezz ta' post fiss li jinsab f'Malta; jew

(b) tkun korp ta' persuni li jkun mwaqqaf taħt il-liġi Maltija;

(ċ) tkun persuna fiżika li jkollha indirizz permanenti jew tkun soltu toqgħod f'Malta:

Iżda f'każ ta' kumpanija reġistrata Malta li ma twettaq ebda attività ekonomika f'Malta u li ma tkunx kumpanija li l-kapital jew jeddijiet ta' votazzjoni tagħha jkunu jappartjenu, direttament jew indirettament, f'qies ta' ħamsin fil-mija jew iktar, lil individwi li jkollhom indirizz permanenti jew ikunu soltu joqogħdu f'Malta, dik il-kumpanija ma tkunx meqjusa li tkun stabbilita f'Malta.

Amministrazzjoni.

3. (1) L-amministrazzjoni ta' dan l-Att hija vestita fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "il-Kummissarju", li jkun uffiċjal pubbliku maħtur għaldaqshekk mill-Prim Ministru.

(2) Il-Kummissarju jista' jiddelega lil kull uffiċjal pubbliku kull dritt, dmir, setgħa u funzjoni oħra li tkun fih vestita, lilu mogħtija jew imqegħda fuqu b'dan l-Att.

(3) Il-Kummissarju jista' jiddelega lil kull persuna oħra kull dritt, dmir, setgħa u funzjoni oħra li tkun fih vestita, lilu mogħtija jew imqegħda fuqu b'dan l-Att ħekk kif il-Ministru jista' bil-miktub jordna:

B'dan li l-Kummissarju ma jistax jiddelega dawk id-drittijiet, dmirijiet, setgħat u funzjonijiet oħra li jkunu vestiti fih lil xi persuna jekk dik il-persuna ma tkunx meqjusa mill-Kummissarju bħala persuna addattata u xierqa biex teżerċita dawk id-drittijiet, dmirijiet, setgħat u funzjonijiet u li jkun marbut bl-obbligi imposti mill-artikolu 56 ta' dan l-Att.

TAQSIMA II

Għan tat-Taxxa

Ġbir ta' taxxa.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att għandha tintalab, tiġi mposta u tinġabar f'isem il-Gvern taxxa fuq il-valur miżjud —

(a) fuq kull provvista ta' oġġetti jew servizzi magħmula f'Malta fi jew wara d-data effettiva b'korrispettiv fit-twettieq jew tkomplija ta' attività ekonomika ħlief —

(i) provvista eżentata,

(ii) provvista magħmula minn persuna eżentata;

(b) fuq kull importazzjoni li ma tkunx importazzjoni eżentata li issir fi jew wara d-data effettiva.

Attività ekonomika.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu attività ekonomika tfisser attività ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed minn dan li ġej -

(a) xi negozju jew kummerċ;

(b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz personali ieħor;

(ċ) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qliegħ minnha tul medda ta' żmien kontinwa;

(d) l-għoti minn *club*, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni (għax titħallas xi miżata jew jingħata xi korrispettiv ieħor) tal-faċilitajiet jew vantaġġi disponibbli għall-membri relattivi;

(e) id-dħul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond.

(2) L-attivitajiet ta' awtorita' pubblika li tkun qegħda taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet lilha assenjati bil-liġi ma għandhomx jitqiesu li jkunu attivitajiet ekonomiċi ħlief meta u sa dak il-limitu kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Provvista ta' oġġetti u provvista ta' servizzi.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' t-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom japplikaw għall-għan biex tiġi determinata xi kwistjoni dwar jekk transazzjoni:

(a) għandhiex titqies bħala provvista ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi jew la bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi;

(b) għandhiex titqies bħala provvista magħmula b'korrispettiv;

(ċ) għandhiex titqies bħala provvista magħmula fit-twettieq jew tkomplija ta' attività ekonomika.

Lok ta' provvista.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, provvista ta' oġġetti titqies li ssir fil-pajjiż fejn ikunu jinsabu l-oġġetti fil-waqt meta ssir il-provvista.

(2) Oġġetti importati ġewwa Malta għandhom jitqiesu li jkunu ġew provduti lill-importatur barra minn Malta.

(3) Oġġetti esportati minn Malta għandhom jitqiesu li jkunu ġew provduti mill-esportatur f'Malta.

(4) Il-post fejn jiġu provduti servizzi għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Żmien ta' provvista.

8. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu —

(a) provvista ta' oġġetti għandha titqies li sseħħ fil-waqt li l-oġġetti jiġu kunsinnati jew mod ieħor isiru disponibbli lil min issir il-provvista;

(b) provvista ta' servizzi għandha titqies li sseħħ fid-data meta jitwettqu s-servizzi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu meta jiġi riċevut ħlas għal provvista taxxabbli mill-persuna li tagħmel il-provvista qabel iż-żmien stabbilit skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-provvista għandha titqies, sal-limitu tal-ħlas hekk magħmul, li sseħħ f'dak iż-żmien li jkun ġie qabel.

(3) Meta tinħareġ fattura ta' taxxa għal provvista taxxabbli qabel iż-żmien stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew qabel it-tmiem ta' wieħed u tletin jum li jiġu wara ż-żmien stabbilit kif imsemmi qabel, il-provvista għandha titqies, sal-limitu tal-valur hekk magħmul, li sseħħ f'dak iż-żmien meta tinħareġ il-fattura.

(4) Meta jiġu provduti servizzi għal xi żmien b'korrispettiv li jiġi stabbilit sew kollu kemm hu jew parti minnu jew li jitħallas perjodikament jew minn żmien għal żmien, dawk is-servizzi għandhom jiġu trattati bħala li jkunu qegħdin jiġu provduti separatament u b'mod konsekuttiv f'dak iż-żmien li jiġi l-aktar kmieni minn dawn iż-żminijiet li ġejjin:

(a) kull meta jiġi riċevut ħlas għal dawk il-provvisti, sal-limitu inkluż f'dak il-ħlas; jew

(b) kull meta tinħareġ fattura ta' taxxa dwar dawk il-provvisti, sal-limitu inkluż f'dik il-fattura.

Eżenzjonijiet.

9. (1) Il-provvisti li tapplika għalihom ir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma provvisti eżentati.

(2) L-importazzjonijiet li tapplika għalihom il-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma importazzjonijiet eżentati.

(3) Kull dispożizzjoni li tinsab f'xi liġi jew bis-saħħa ta' xi liġi li tagħti setgħa lill-Ministru li jagħti eżenzjoni fuq l-importazzjoni ta' oġġetti mid-dazji ta' importazzjoni li jitħallsu bis-saħħa ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni għandha titqies bħalə li tagħti setgħa lill-Ministru li jagħti, fiċ ċirkostanzi, bl-istess mod, u suġġett għall-istess kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li dwarhom ikun hemm provdut f'xi dispożizzjoni bħal dik, eżenzjoni mit-taxxa li tingħabar bis-saħħa ta' dan l-Att mal-importazzjoni ta' l-oġġetti msemmija.

Kap. 337.

TAQSIMA III

Persuni Reġistrati u Persuni Eżentati

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

10. (1) Kull persuna li tiġġestixxi attività ekonomika f'Malta għandha, jekk tkun stabbilta f'Malta, tapplika għand il-Kummissarju sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-Att fi żmien mhux aktar tard minn tletin jum mid-data meta tagħmel xi provvista taxxabbli jew provvista eżenti bil-kreditu.

(2) Kull persuna li tiġġestixxi attività ekonomika u li ma tkunx stabbilita f'Malta għandha, jekk ma tkunx persuna reġistrata, tapplika għand il-Kummissarju sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-Att fi żmien tletin jum mid-data meta tagħmel provvista taxxabbli li ma tkunx provvista ta' servizzi lil persuna reġistrata stabbilita f'Malta li ma tkunx persuna eżentata.

(3) Persuna li ma tkunx persuna reġistrata għandha, jekk hekk tenħtieġ li tagħmel mill-Kummissarju, tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-Att fi żmien tletin jum mid-data meta hija tiġi notifikata b'avviż li jkun fih dik il-ħtieġa.

(4) Persuna li ma tkunx persuna reġistrata u li tiġġestixxi jew tkun bi ħsiebha tiġġestixxi attività ekonomika tista' tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-Att.

(5) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni taħt dan l-Att għandha ssir fuq dik il-formula kif jista' joħroġ il-Kummissarju jew kif jista' jiġi preskritt u b'dak il-mod u għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet kif jista' jeħtieġ il-Kummissarju jew li jistgħu jiġu preskritti.

(6) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jeżentaw lil xi persuna jew klassi ta' persuni mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u jista' b'dawk ir-regolamenti jagħmel eżenzjoni bħal dik kif suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti.

Reġistrazzjoni.

11. (1) Il-Kummissarju għandu jirreġistra lil kull persuna li tkun magħrufa bħala li hi suġġetta biex tiġi reġistrata skond is-subartikolu (1) jew is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att.

(2) Il-Kummissarju għandu jirreġistra lil kull persuna li tkun għamlet applikazzjoni skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att jekk ikun sodisfatt li dik il-persuna tkun qegħda tiġġestixxi jew ikollha il-ħsieb li tiġġestixxi attività ekonomika u li x'aktarx tkun ser tipprovdi provvisti taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu fit-twettieq jew fit-tkomplija ta' l-attività ekonomika tagħha.

(3) Il-Kummissarju għandu jagħti numru ta' reġistrazzjoni lil kull persuna li tiġi reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att u għandu jikkonsenja lil dik il-persuna ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jkun fih dawk il-partikolaritajiet li l-Kummissarju jista' jidħirlu xierqa.

(4) Il-Ministru jista' b'regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni ta' għadd ta' persuni bħala persuna waħda jew sabiex persuna tiġi reġistrata separatament għar-rigward ta' fergħat jew taqsimiet differenti ta' l-attività ekonomika tagħha f' dawk iċ-ċirkostanzi, u għar-rigward ta' dawk il-provvisti u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti msemmija.

(5) Kull persuna reġistrata għandha fi żmien ħmistax-il jum mill-ġrajja ta' xi wieħed minn dawn l-avvenimenti li ġejjin tavża bil-miktub lill-Kummissarju:

(a) kull bidla fiċ-ċirkostanzi li jista' jkollha effett fuq il-partikolaritajiet li jidhru fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha jew li jiġu b'mod ieħor mogħtija lill-Kummissarju fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħha jew li jidhru fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni;

(b) il-waqfien jew it-trasferiment tal-attività ekonomika tagħha jew parti minnha;

(ċ) kull ġrajja oħra kif jista' jiġi preskritt.

Thassir ta' reġistrazzjoni.

12. (1) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien iħassar ir-reġistrazzjoni ta' persuna jekk ikun tal-fehma li dik il-persuna ma tkunx qegħda jew tkun temmet milli tiġġestixxi xi attività ekonomika jew li dik il-persuna x'aktarx ma tagħtix provvisti taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu.

(2) Il-Kummissarju għandu jinnotifika b'avviż lil kull persuna li jkollha r-reġistrazzjoni tagħha mħassra, fejn isemmi d-data meta dik il-persuna tkun temmet milli tibqa' persuna reġistrata.

(3) Meta ir-reġistrazzjoni ta' persuna li ma tkunx persuna eżentata tiġi imħassra dik il-persuna għandha titqies li tkun għamlet, minnufih qabel dak it-tħassir, provvista ta' l-attiv kollu tal-attività ekonomika tagħha f'dak iż-żmien bla ħsara għad-dispożizzjonijiet relattivi li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u għandha tagħti kont għal dik il-provvista fid-denunzja tagħha għall-aħħar żmien ta' taxxa:

Iżda il-Kummissarju jista', jekk ikun tal-fehma li il-valur taxxabbli ta' dik il-provvista hekk meqjusa ikun inqas minn mitt lira, jew kull ammont ieħor kif jista' jiġi preskritt, jeżenta lil dik il-persuna milli tagħti kont għal dik il-provvista kif imsemmi hawn aktar qabel.

(4) It-tħassir ta' reġistrazzjoni ta' persuna ma għandhiex teħles lil dik il-persuna minn kull responsabbilta' li jkollha qabel id-data tat-tħassir jew bis-saħħa ta' kull ħaġa li tkun saret jew naqset li ssir qabel dik id-data, jew mill-obbligu li tagħmel applikazzjoni għal reġistrazzjoni mill-ġdid jekk ikun hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 11 ta' dan l-Att.

Klassifikazzjoni bħala persuna eżentata.

13 (1) Meta persuna reġistrata jew persuna li tapplika għar-reġistrazzjoni tkun tiġġestixxi attività ekonomika li tikkwalifika bħala negozju żgħir dik il-persuna tista' tapplika għand il-Kummissarju biex titqies bħala persuna eżentata.

(2) Meta il-Kummissarju ikun sodisfatt li persuna li tkun għamlet applikazzjoni kif imsemmi hawn aktar qabel tkun tikkwalifika li hekk titqies il-Kummissarju għandu jikklassifika lil dik il-persuna bħala persuna eżentata u għandu jagħti avviż lil dik il-persuna fejn jindika id-data minn meta kienet hekk klassifikata.

(3) Meta persuna tkun klassifikata bħala persuna eżentata minn xi data oħra li ma tkunx id-data tar-reġistrazzjoni tagħha dik il-persuna għandha titqies li tkun, minnufih qabel id-data ta' dik il-klassifikazzjoni, għamlet provvista tal-attiv tal-attività ekonomika tagħha f'dak iż-żmien bla ħsara għad-dispożizzjonijiet relattivi li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u għandha tagħti kont għal dik il-provvista fid-denunzja tagħha għall-aħħar żmien ta' taxxa:

Iżda il-Kummissarju jista', jekk ikun tal-fehma li il-valur taxxabbli ta' dik il-provvista hekk meqjusa ikun inqas minn mitt lira, jew kull ammont ieħor kif jista' jiġi preskritt, jeżenta lil dik il-persuna milli tagħti kont għal dik il-provvista kif imsemmi hawn aktar qabel.

Tħassir ta' klassifikazzjoni ta' persuna eżentata.

14. (1) Persuna eżentata għandha fi żmien tletin jum mid-data li fiha ma tkunx iktar eliġibbli li tkun klassifikata bħala persuna eżentata tapplika għand il-Kummissarju biex tiġi mħassra dik il-klassifika.

(2) Persuna eżentata tista' tapplika għand il-Kummissarju biex tiġi imħassra dik il-klassifika f'kull żmien li tista' hekk tkun intitolata.

(3) Meta l-Kummissarju ikun sodisfatt li persuna eżentata li tkun għamlet applikazzjoni għat-tħassir tal-klassifikazzjoni tagħha tkun meħtieġa bis-subartikolu (1) jew tkun intitolata skond is-subartikolu

(2) ta' dan l-artikolu li tagħmel dik l-applikazzjoni jew b'mod ieħor ikun tal-fehma li dik il-persuna eżentata ma tkunx intitolata li tibqa' klassifikata bħala persuna eżentata hu għandu jħassar il-klassifika ta' dik il-persuna bħala persuna eżentata u għandu jagħti avviż lil dik il-persuna b'dan.

Żmien ta' taxxa.

15. (1) Il-Kummissarju għandu jalloka żmien ta' taxxa lil kull persuna reġistrata li ma tkunx klassifikata bħala persuna eżentata.

(2) Ħlief kif hemm provdut mod ieħor f'dan l-artikolu żmien ta' taxxa jfisser żmien ta' tlett xhur kalendarji li jibda fl-ewwel jum li jiġi minnufih wara t-tmiem ta' żmien ta' taxxa li jkun ġie qabel.

(3) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dwar dik il-klassi jew klassijiet ta' persuni hekk kif jista' jiġi speċifikat f'dawk ir-regolamenti żmien ta' taxxa ta' iktar jew inqas minn tlett xhur.

(4) L-ewwel żmien ta' taxxa għal persuna għandu jibda fid-data meta persuna tiġi reġistrata u jintemm f'dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Kummissarju.

(5) Meta, matul żmien ta' taxxa ta' persuna, ir-reġistrazzjoni tagħha tiġi mħassra jew tiġi klassifikata bħala persuna eżentata, dak iż-żmien għandu jintemm fid-data ta' dak it-tħassir jew ta' dik il-klassifika u għandu jkun l-aħħar żmien ta' taxxa ta' dik il-persuna, bla ħsara għall-allokazzjoni ta' żmien ġdid ta' taxxa lil dik il-persuna jekk hi terġa' tirreġistra jew inkella jekk il-klassifika tagħha tiġi imħassra.

(6) Il-Kummissarju jista' permezz ta' avviż li jiġi notifikat lil persuna reġistrata f'xi każ partikolari jibdel kull żmien ta' taxxa għal dik il-persuna b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat f'dak l-avviż.

Kif tapplika s-Sitt Skeda.

16. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Klassifikazzjonijiet oħra ta' persuni reġistrati.

17. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima il-Kummissarju jista' jikklassifika persuni reġistrati billi ssir referenza għad-deskrizzjoni jew settur tal-attività ekonomika tagħhom u skond dawk il-kriterji l-oħra kif hu jista' jidhirlu meħtieġa jew xierqa u dik il-klassifikazzjoni hekk magħmula għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun il-klassifikazzjoni korretta għall-għan li tiġi stabbilita l-applikabiltà jew le ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li għaliha l-klassifikazzjoni tista' tkun relevanti.

TAQSIMA IV

Kif Tiġi Stabbilita u Titħallas it-Taxxa

Valur taxxabbli.

18. Il-valur ta' provvisti u ta' importazzjonijiet għandu jiġi stabbilit bil-mod stipulat fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att u fid-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-valur taxxabbli ta' provvisti li jinsabu fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra applikabbli skond dan l-Att f'xi każ speċifiku.

Rata ta' taxxa.

19. It-taxxa li titħallas bis-saħħa ta' dan l-Att tkun:

(a) bir-rata ta' ħmistax fil-mija tal-valur taxxabbli ta' kull provvista taxxabbli li ma tkunx provvista msemmija fil-paragrafu (ċ) ta' dan l-artikolu;

(b) bir-rata ta' ħmistax fil-mija tal-valur taxxabbli ta' kull importazzjoni taxxabbli;

(ċ) b'dawk ir-rati l-oħra kif jista' jiġi speċifikat fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dan l-Att, li ma jkunux iktar minn ħmistax fil-mija tal-valur taxxabbli tal-provvisti taxxabbli jew importazzjonijiet taxxabbli speċifikati fl-imsemmija Skeda.

Persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

20. (1) Tkun responsabbli għat-taxxa dovuta fuq provvista taxxabbli dik il-persuna li tagħmel il-provvista.

(2) Ikun responsabbli għat-taxxa dovuta fuq importazzjoni taxxabbli ta' oġġetti l-importatur ta' dawk l-oġġetti.

Żmien meta t-taxxa tkun dovuta u meta għandha titħallas.

21. (1) It-taxxa li titħallas fuq provvista taxxabbli ssir dovuta fil-waqt meta sseħħ il-provvista u għandha titħallas fiż-żmien u bil-mod provdut fl-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(2) It-taxxa li titħallas fuq importazzjoni taxxabbli ssir dovuta meta sseħħ l-importazzjoni u għandha titħallas lill-Kontrollur tad-Dwana f'isem il-Kummissarju qabel ma l-oġġetti importati jiġu kunsinnati għall-użu jew għall-konsum f'Malta.

Ħlas ta' taxxa fuq provvisti taxxabbli.

22. (1) It-taxxa dovuta minn persuna fuq provvisti taxxabbli minnu magħmula matul żmien ta' taxxa tkun l-*output tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien ta' taxxa u għandha titħallas, sal-limitu li tkun teċċedi it-tnaqqis permess skond dan l-Att lil dik il-persuna għal dak iż-żmien, u ma tkunx saret tpaċija ma' xi kreditu eċċessiv dovut lilha, lill-Kummissarju mhux aktar tard mid-data u l-ħin meta dik il-persuna tkun meħtieġa li tagħmel denunzja għaż-żmien ta' taxxa relattiv.

(2) Ikun dovut imgħax fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data meta jkollha titħallas skond dan l-artikolu bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minnu li matulu l-imsemmija taxxa tibqa' ma titħallasx jew b'kull rata oħra li tista' tiġi preskritta.

(3) Il-mod kif għandu jsir il-ħlas tat-taxxa u l-irċevuta li għandha tingħata mill-Kummissarju għandhom ikunu dawk kif il-Kummissarju jista' jiddeċiedi. Il-formoli li għandhom jiġu preżentati mal-ħlas tat-taxxa għandhom ikunu dawk murija fl-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Input tax.

23. L-*input tax* ta' persuna jkun it-total tat-taxxa li titħallas fuq provvisti lilha magħmula u t-taxxa mħallsa fuq importazzjonijiet taxxabbli minnha magħmula sal-limitu li l-provvisti hekk mogħtija jew l-oġġetti hekk importati jkunu ġew jew ser jiġu wżati għal kollox minnha fit-twettieq jew bit-tkomplija ta' l-attività ekonomika tagħha.

Kreditu għal *input tax.*

24. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ikun permess għal kull żmien ta' taxxa ta' persuna kreditu li jkun daqsinsew l-*input tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew li għandhom isiru minn dik il-persuna li jkunu provvisti li għalihom japplika is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ikun permess għall-aħħar żmien ta' taxxa ta' persuna li jkollha ir-reġistrazzjoni tagħha imħassra jew għall-aħħar żmien ta' taxxa ta' persuna li tkun ġiet klassifikata bħala persuna eżentata kreditu li jkun daqsinsew l-*input tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula minn dik il-persuna sa l-aħħar ta' dak iż-żmien ta' taxxa li jkunu provvisti li għalihom japplika is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(3) Dan is-subartikolu japplika għal:

(a) provvisti taxxabbli;

(b) provvisti eżenti bil-kreditu;

(ċ) provvisti magħmula jew li għandhom isiru minn dik il-persuna barra minn Malta sal-limitu li dawk l-imsemmija provvisti barra minn Malta ikunu, kieku ġew magħmula f'Malta, jitqiesu bħala provvisti taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

iżda ma japplikax għall-provvisti li jitqiesu li jkunu saru minn persuna lilha innifisha skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 65 ta' dan l-Att.

(4) Meta l-*input tax* ta' persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa tkun tinkludi taxxa fuq oġġetti jew servizzi magħmula lil dik il-persuna jew fuq importazzjonijiet magħmula minn dik il-persuna li kienu ġew jew li kienu ser jiġu wżati minn dik il-persuna sew bil-għan li jintgħamlu l-provvisti msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu kif ukoll għal għanijiet oħra, għandu jitqies li jkun attribwibbli għall-provvisti msemmija f'dak is-subartikolu dak il-porzjon ta' taxxa fuq l-imsemmija provvisti ta' oġġetti jew servizzi hekk kif jista' jiġi preskritt.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet sabiex tiġi stabbilita l-*input tax* u l-attribuzzjoni ta' *input tax* u jista' b'dawk ir-regolamenti jippreskrivi -

(a) li l-*input tax* ta' persuna reġistrata ma għandhiex titqies bħala kreditu kemm-il darba ma tkunx dokumentata b'fatturi ta' taxxa jew b'kull prova oħra li tista' tiġi speċifikata;

(b) li l-kreditu għall-*input* tax ma għandux jinkludi taxxa li għandha titħallas fuq dawk il-provvisti jew importazzjonijiet kif jista' jiġi speċifikat;

(ċ) li t-taxxa li għandha titħallas fuq dawk il-provvisti jew importazzjonijiet u f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu speċifikati magħmula lil persuna jew minn persuna għandhom jitqiesu bħala *input tax* ta' persuna oħra;

(d) li l-attribuzzjoni ta' *input tax* ta' persuna għall-provvisti għandha tiġi stabbilita billi ssir referenza għal għadd ta' żminijiet ta' taxxa u li kull attribuzzjoni li tista' tkun saret qabel għaż-żminijiet ta' taxxa msemmija skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu għandha tissewwa b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti msemmija;

(e) dawk id-dispożizzjonijiet l-oħra li jistgħu jitqiesu meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata attribuzzjoni ġusta u raġonevoli ta' *input tax* għall-provvisti.

(6) Sa dak iż-żmien li l-Ministru jippreskrivi regolamenti skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu r-regoli msemmija fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom japplikaw.

Tnaqqis.

25. (1) Persuna li tibgħat denunzja għal żmien ta' taxxa jkollha id-dritt li titlob bħala tnaqqis għal dak iż-żmien:

(a) l-ammont ta' kreditu għall-*input tax* lilha permess għal dak iż-żmien;

(b) kull tnaqqis ieħor kif jista' jiġi preskritt.

(2) Meta l-*output tax* ta' persuna għal żmien ta' taxxa ikun jeċċedi t-tnaqqis li jista' jintalab skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dik il-persuna tista' tpaċi dak l-eċċess ma xi kreditu eċċessiv li jirriżulta minn xi żmien ta' taxxa u li jkun għadu ma tħallasx lilha skond l-artikolu 26 ta' dan l-Att.

Ħlas lura ta' kreditu eċċessiv.

26. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, meta t-tnaqqis li huwa permess lil persuna għal żmien ta' taxxa ikun jeċċedi l-*output tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien, l-eċċess għandu jkun kreditu eċċessiv ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien.

(2) L-ammont ta' kreditu eċċessiv ta' persuna għal żmien ta' taxxa għandu, sal-limitu li ma tkunx saret tpaċija ma' xi ammont dovut minn dik il-persuna lill-Kummissarju skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, jkun ħlas lura li għandu jitħallas lil dik il-persuna sa mhux iktar tard minn ħames xhur mit-tmiem taż-żmien li fih għandha tinbagħat id-denunzja ta' dak iż-żmien ta' taxxa jew mill-jum li l-imsemmija denunzja tkun intbagħtet lill-Kummissarju, skond liema tkun l-aktar tardiva.

(3) Ikun dovut lil persuna li jkollu jingħatalha ħlas lura skond dan l-artikolu mgħax bir-rata speċifikata fi jew preskritta skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att mid-data meta l-ħlas lura għandu jitħallas skond dan l-artikolu sad-data meta jitħallas jew meta *cheque* jew *draft* għall-ħlas tiegħu jingħata jew jiġi impustat lil dik il-persuna mill-Kummissarju.

(4) il-Kummissarju jista' bil-għan ta' kull verifika li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġi aċċertat l-ammont li jrid jitħallas lura, itawwal it-terminu ta' żmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu b'mhux iktar minn tnax-il xahar: iżda saddattant ma għandux jiġi sospiż milli jibqa' għaddej l-imgħax fuq dak il-ħlas lura.

TAQSIMA V

Denunzi, Stimi, Penalitajiet u Appelli

Denunzi.

27. (1) Kull persuna reġistrata li ma tkunx persuna eżentata għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv.

(2) Kull persuna li jkollha r-reġistrazzjoni tagħha mħassra u kull persuna li tiġi klassifikata bħala persuna eżentata għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju dwar l-aħħar żmien ta' taxxa fi żmien tletin jum mid-data meta tiġi notifikata b'avviż imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 jew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, skond il-każ, jew f'dak iż-żmien itwal li jista' jiġi speċifikat fl-imsemmi avviż.

(3) Denunzja għandu jkun fiha dikjarazzjoni tal-*output tax* u t-tnaqqis għal dak iż-żmien u għandu jkun fiha dawk id-dikjarazzjonijiet u partikolaritajiet oħra u għandha ssir fuq dik il-formula kif preskritta fil-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u jekk u sakemm it-taxxa li tirriżulta li għandha titħallas skond id-dikjarazzjonijiet fiha magħmula tkun tħallset lill-Kummissarju: iżda meta isir ħlas lill-Kummissarju f'ċirkostanzi li juri li dik il-persuna kellha il-ħsieb li dak il-ħlas jirrelata għal żmien ta' taxxa, dak il-ħlas għandu jitqies li jirrelata għal dak iż-żmien ta' taxxa għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu bla ħsara għas-setgħa tal-Kummissarju skond kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att li jqassam dak il-ħlas b'xi mod ieħor.

Aġġustamenti tad-denunzi.

28. Persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni mhux korretta f'denunzja magħmula lill-Kummissarju għal żmien ta' taxxa tista' titlob bil-mezz ta' avviż lill-Kummissarju biex tagħmel tiswija f'dik id-denunzja fiċ-ċirkostanzi msemmija fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att u tiswija bħal dik għandha issir sal-limitu permess u għandhom japplikaw il-konsegwenzi speċifikati fl-imsemmija Skeda.

Preżunzjoni kwantu għal dikjarazzjoni fid-denunzi.

29. Meta persuna tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal żmien ta' taxxa, l-*output tax* u it-tnaqqis ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien għandhom jitqiesu, ħlief kif hemm provdut fl-artikolu 36 ta' dan l-Att, bħala l-*output tax* u t-tnaqqis li jiġi dikjarat f'dik id-denunzja kif imsewwija b'kull tiswija magħmula skond l-artikolu 28 ta' dan l-Att.

Dikjarazzjoni minn persuni eżentati u dikjarazzjonijiet oħra, eċċ.

30. (1) Kull persuna eżentata għandha tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet ta' kull tant żmien li jistgħu jiġu preskritti.

(2) Kull persuna li tiġġestixxi jew li għandha il-ħsieb li tiġġestixxi jew li tkun waqfet milli tiġġestixxi attività ekonomika għandha tagħti dawk l-istqarrijiet u informazzjoni u għandha tipproduċi dawk id-dokumenti kif il-Kummissarju jista' raġonevolment jeħtieġ għal xi għan ta' dan l-Att jew hekk kif jista' jiġi preskritt.

Setgħat li jsiru stimi meta ma tkunx intbagħtet denunzja.

31. (1) Meta persuna li għandha l-obbligu li tibgħat denunzja għal żmien ta' taxxa tonqos milli tagħmel dik id-denunzja il-

Kummissarju jista' jagħmel stima ta' l-*output tax* u l-*input tax* għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha tkun ġiet suġġetta dik il-persuna u jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna f'kull żmien wara li jgħaddi iż-żmien li fih kellha tintgħamel dik id-denunzja skond dan l-Att u mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi żmien ta' taxxa.

(2) Stima magħmula għal żmien ta' taxxa ta' persuna skond dan l-artikolu ma għandhiex teħles lil dik il-persuna mill-obbligu li tagħmel denunzja għal dak iż-żmien u mir-responsabbiltà għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva jew penali amministrattivi oħra skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att.

(3) Meta tintgħamel denunzja għal żmien ta' taxxa wara li tkun saret stima skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu il-Kummissarju jista' jħassar dik l-istima mingħajr prejudizzju għad-dritt tiegħu li jagħmel stima oħra skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.

(4) It-tħassir ta' stima kif imsemmi qabel ma għandux jeħles lil dik il-persuna li tkun għamlet dak in-nuqqas milli tkun suġġetta għal penali amministrattiva skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.

Setgħat li jsiru stimi meta tkun intbagħtet denunzja.

32. (1) Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja tat-taxxa magħmula minn persuna għal żmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta ta' l-informazzjoni meħtieġa li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jagħmel stima proviżorja ta' l-*output tax* u ta' l-*input tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha dik il-persuna tkun ġiet suġġetta u għandu jinnotifika dik l-istima proviżorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi żmien ta' taxxa.

(2) Meta tinħareġ stima proviżorja għandu jkun indikat b'mod ċar fuqha li dik tkun stima proviżorja u li wara tista' tinħareġ stima fil-limitu ta' żmien speċifikat fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu. Ħlief kif imsemmi qabel stima proviżorja għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li huma meħtieġa li jingħataw fi stimi u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Kummissarju jista' jidħirlu xierqa tista' ssir fuq dik il-formula u jista' jkun fiha dawk il-partikolaritajiet l-oħra kif jista' jiġi preskritt.

(3) Wara li jgħaddi żmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima proviżorja lil persuna dwar żmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jagħmel stima ta' l-*output tax* u ta' l-*input tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha dik il-persuna tkun ġiet suġġetta u għandu jinnotifika dik l-istima proviżorja lil dik il-persuna.

(4) L-istima magħmula skond is-subartikolu (3) ta' dan l-

artikolu ma għandux ikun fiha xi differenzi fl-ammonti speċifikati fl-istima proviżorja relattiva ħlief għal:

(a) varjazzjonijiet mitluba minn jew bi ftehim ma' l-imsemmija persuna;

(b) varjazzjonijiet li jikkonsistu fis-sostituzzjoni ta' l-ammonti murija fl-istima provizorja b'ammonti li jkunu daqsinsew jew eqreb ta' dawk dikjarati fid-denunzja relattiva.

Setgħat li jsiru stimi lill-persuna eżentata.

33. Meta l-Kummissarju ikollu għaliex jaħseb li persuna tkun ġiet soġġetta għal penali amministrattiva dwar xi ħaġa li tkun saret minnha matul xi żmien li kienet klassifikata bħala persuna eżentata hu jista' jagħmel stima ta' dik il-penali u jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna fi żmien sitt snin mit-tmiem ta' dak iż-żmien.

Stimi.

34. (1) Stima magħmula skond l-artikolu 31, 32 jew 33 ta' dan l-Att għandha ssir fuq dik il-formula u għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Kummissarju jista' jidhirlu xierqa jew kif jista' jiġi preskritt.

(2) Tista' ssir stima b'riferenza għal dak it-tagħrif, kull estimi jew kriterju li l-Kummissarju jista', skond kif jiddeċiedi, iqis li jkun xieraq.

Stimi addizzjonali u stimi riveduti.

35. Is-setgħa li issir stima għandha tinkludi is-setgħa li ssir stima addizzjonali jew reviżjoni ta' stima fl-istess limiti ta' żmien u skond l-istess dispożizzjonijiet li japplikaw għal stima oriġinali: iżda il-Kummissarju ma għandux jerġa' jiftaħ xi ħaġa li dwarha ikun hemm deċiżjoni tal-appell.

Preżunzjoni kwantu għall-ammonti murija fi stimi.

36. Meta ssir stima għal żmien ta' taxxa kull ammont ta' taxxa u tnaqqis kalkolat f'dik l-istima jkun meqjus, ħlief jekk u sal-limitu li l-istima tkun imħassra jew riveduta, li jkun u li dejjem kien it-taxxa u t-tnaqqis fil-fatt dovuti u permessi, għal dak iż-żmien għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att.

Penali amministrattiva għal denunzja li ma tkunx korretta.

37. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, meta d-denunzja magħmula minn persuna għal żmien ta' taxxa ikun fiha dikjarazzjoni bin-nieqes ta' l-*output tax* jew dikjarazzjoni biż-żejjed tat-tnaqqis għal dak iż-żmien dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija mit-total ta' —

(a) l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-ammont korrett ta' *output tax* fuq l-ammont ta' *output tax* kif dikjarat fid-denunzja; u

(b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis.

(2) Meta persuna tagħmel tiswija ta' dikjarazzjoni bin-nieqes jew dikjarazzjoni biż-żejjed kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 ta' dan l-Att qabel ma tkun ġiet notifikata bi stima proviżorja għal dak iż-żmien, dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għaxra fil-mija mit-total ta' —

(a) l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-ammont korrett ta' *output tax* fuq l-ammont ta' *output tax* kif dikjarat fid-denunzja; u

(b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis.

(3) Meta issir denunzja ta' taxxa lill-Kummissarju minn persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa li ma jkunx fiha stqarrija sħiħa u korretta ta' dak li hu meħtieġ li jiġi dikjarat minn dik il-persuna f'dik id-denunzja u dik il-person ma tagħmilx tiswija ta' dik id-dikjarazzjoni bin-nieqes jew dikjarazzjoni biż-żejjed skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att qabel ma tiġi notifikata bi stima għal dak iż-żmien hija għandha, kemm-il darba hija ma tkunx minħabba dak in-nuqqas saret suġġetta għall-penali amministrattiva ogħla taħt id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu tkun suġġetta għall-penali amministrattiva ta' mitejn lira.

Penali amministrattiva fin-nuqqas li tintbagħat denunzja.

38. Kull persuna li, meta tkun meħtieġa tagħmel denunzja għal żmien ta' taxxa, tibqa' ma tagħmilx dik id-denunzja fiż-żmien stipulat fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att tkun dovuta tħallas penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal dak li jkun ogħla minn —

(a) wieħed fil-mija ta' l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-*output tax* fuq it-tnaqqis, mingħajr ma jingħata kont ta' xi kreditu eċċessiv miġjub 'il quddiem minn żmien ta' taxxa ta' qabel, kif dikjarat f'dik id-denunzja, u

(b) għaxar liri

għal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir id-denunzja skond dan l-Att u d-data meta din tingħata lill-Kummissarju.

Penali amministrattiva fin-nuqqas ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

39. Kull persuna li, meta tkun meħtieġa tapplika għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att, tibqa' ma tagħmilx dik l-applikazzjoni fiż-żmien imsemmi fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att tkun dovuta tħallas penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal dak li jkun ogħla minn –

(a) wieħed fil-mija ta' l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-*output tax* fuq it-tnaqqis għall-ewwel żmien ta' taxxa li jiġi wara r-reġistrazzjoni, u

(b) għaxar liri

għal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir l-applikazzjoni skond l-imsemmija dispożizzjonijiet u dik id-data li tiġi l-aktar kmieni mid-data meta tingħata r-reġistrazzjoni lill-Kummissarju u d-data meta dik il-persuna tiġi reġistrata mill-Kummissarju.

Penali amministrattiva għal nuqqas minn persuna eżentata.

40. Persuna eżentata li ma jkollhiex iktar id-dritt li tibqa' klassifikata bħala persuna eżentata u li ma tapplikax għat-tħassir ta' dik il-klassifika fil-limitu ta' żmien imsemmi fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att tkun suġġetta għall-penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal dak li jkun ogħla minn –

(a) għaxra fil-mija ta' l-eċċess, jekk ikun hemm, ta' l-*output tax* fuq it-tnaqqis għall-ewwel żmien ta' taxxa li jiġi wara t-tħassir tal-klassifika tagħha, u

(b) mitt lira

għal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir l-applikazzjoni skond l-imsemmija dispożizzjonijiet u dik id-data li tiġi l-aktar kmieni mid-data meta tingħata l-applikazzjoni lill-Kummissarju u d-data meta il-klassifika ta' dik il-persuna tiġi imħassra mill-Kummissarju.

Penalitajiet amministrattivi għandhom jitħallsu.

41. Kull penali amministrattiva li għaliha tkun suġġetta xi persuna skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha tkun dovuta u għandha titħallas minn dik il-persuna mingħajr il-ħtieġa li tinħareġ xi stima dwarha u kull ammont ta' xi penali amministrattiva dovut minn persuna ma għandux jeħles lil dik il-persuna minn xi penali oħra li għaliha setgħat kienet jew setgħat issir suġġetta skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att.

Skuża raġonevoli.

42. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa 41, inklużi, ta' dan l-Att ebda penali amministrattiva ma tkun dovuta minn persuna għal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skużanti raġonevoli għal dak in-nuqqas:

Iżda:

(a) li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn titħallas xi taxxa dovuta, jew

(b) meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha il-fiduċja,

ma jitqisqux li huma skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.

Appell kontra stima.

43. Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Ħwejjeġ oħra li jistgħu jinġiebu fl-Appell.

44. Jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar -

(a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni;

(b) il-klassifika ta' xi persuna reġistrata bħala persuna eżentata u it-tħassir ta' dik il-klassifika;

(ċ) jekk transazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintgħamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le;

(d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti;

(e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli;

(f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata għal xi żmien ta' taxxa;

(ġ) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att;

(ħ) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le;

(i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu;

(j) kull ħaġa li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell;

(k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva,

dik il-kwisjoni tista' tiġi riferita lill-Bord ta' l-Appelli dwar it- Taxxa fuq il-Valur Miżjud minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.

Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

45. Għandu jitwaqqaf Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bil-għan li jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jsiru skond l-artikoli 43 u 44 ta' dan l-Att.

46. Id-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tapplika għar- Hwejjeġ regolati bid-Disa' Skeda.
rigward ta' kull appell magħmul jew ta' kwistjoni riferita lill-Bord, l-għamla u l-kompetenza tal-Bord, u r-regolamenti tal-proċeduri tal-Bord.

47. (1) Kull waħda mill-partijiet ta' appell jew ta' referenza Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.
lill-Bord, li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak il-Bord, tista' tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni għal quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq kull punt ta' liġi biss b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien tletin jum mid-data meta id-deċiżjoni appellata tkun ġiet lilha notifikata.

(2) Il-bord imwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi Kap. 12.
ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw l-appelli li jsiru taħt dan l-artikolu u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar kull appell.

TAQSIMA VI

Dokumentazzjoni u Tagħrif

48. (1) Kull persuna reġistrata għandha żżomm Dokumentazzjoni li għandha tinżamm.
dokumentazzjoni xierqa u suffiċjenti tat-transazzjonijiet kollha li tagħmel fit-twettieq u fit-tkomplija ta' l-attività ekonomika tagħha sabiex tiffaċilita l-verifika bla diffikultà tad-data, tal-valur u x-xorta ta' dawk it-transazzjonijiet, it-taxxa li għandha titħallas fuqhom u kull tnaqqis permess dwar dan, u kull tagħrif ieħor kif muri fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Id-dokumentazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tinżamm u tinħażen bil-mod, ikollha d-dettalji u tkun dokumentata aktar bid-dokumenti u kontijiet murija fl-imsemmija Skeda u għandha tinżamm sew jekk dik il-persuna tibqa' persuna reġistrata sew jekk le, għal żmien ta' mill-inqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu magħha.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jeħtieġu persuni reġistrati li jaħżnu, jipproċessaw u jipproduċu tagħrif u dokumenti fuq jew b'dawk il-mezzi u makni li jistgħu jiġu speċifikati f'dawk ir-regolamenti.

(4) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jeħtieġ lil persuna reġistrata li tipproduċi d-dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu.

Wiri ta' prezzijiet.

49. Meta persuna reġistrata tindika l-prezz ta' oġġetti offerti għal bejgħ bl-imnut, dak il-prezz għandu jiġi ndikat b'mod li jkun jinkludi t-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att, jekk ikun hemm, dwar il-provvista ta' l-oġġetti msemmija.

Fattura ta' taxxa.

50. (1) Kull persuna reġistrata, li ma tkunx bejjiegħ bl-imnut, li tagħmel provvista li ma tkunx provvista li tirreferi għaliha it-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att (eżenzjonijiet bla kreditu) lil persuna reġistrata oħra għandha tagħti lil dik il-persuna l-oħra fattura ta' taxxa fi żmien wieħed u tletin jum mid-data msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att.

(2) Persuna reġistrata li tkun bejjiegħ bl-imnut u li tagħmel provvista taxxabbli lil persuna reġistrata oħra għandha, fuq talba ta' dik il-persuna l-oħra, tagħtiha fattura ta' taxxa fi żmien wieħed u tletin jum mid-data msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att.

(3) Meta persuna reġistrata tipprovdi lilha nnifisha b'dokument li jkun maħsub bħala fattura ta' taxxa dwar provvista taxxabbli lilha magħmula minn persuna reġistrata oħra, dak id-dokument jista', bl-approvazzjoni tal-Kummissarju, jitqies bħala l-fattura ta' taxxa meħtieġa li tiġi provduta mill-fornitur skond dan l-artikolu.

(4) Il-formula ta' fattura ta' taxxa, il-formula ta' fattura li għandha tinħareġ minn persuna eżentata, kull partikolar li għandu jidher fiha u l-mod kif din għandha tinħareġ, għandu jkun fihom dak it-tagħrif kif jidher fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Dokumenti li għandhom jinghataw f'każijiet oħra.

51. Kull persuna reġistrata li tagħmel provvista, minbarra provvista li għaliha japplika l-artikolu 50 ta' dan l-Att għandha tagħti lill-persuna li lilha tkun għamlet il-provvista, dik il-fattura, riċevuta jew dokument ieħor kif muri fl-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att u għandu jkollha l-forma u għandha turi dawk il-partikolaritajiet u tinħareġ b'dak il-mod kif muri fl-imsemmija Skeda.

Produzzjoni ta' fatturi minn persuni li jkunu inghataw provvista.

52. Persuna li tkun ingħatat fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew xi dokument ieħor kif meħtieġ bl-artikolu 50 jew 51 ta' dan l-Att għandha tipproduċi, jekk hekk tenħtieġ li tagħmel hekk skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, dik il-fattura ta' taxxa, fattura oħra jew dokument ieħor lill-Kummissarju jew lil kull uffiċjal ieħor hekk awtorizzat mill-Kummissarju.

Spezzjonijiet.

53. Il-Kummissarju għandu bil-għan li jiġi żgurat twettieq skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu is-setgħa –

(a) li jidħol u jispezzjona kull fond fejn tiġi ġestita jew tkun suspettata li qed tiġi ġestita xi attività ekonomika jew fejn oġġetti, proprjetà, kotba, kull *record* jew dokument li jirrigwardaw dik l-attività jkunu qed jinżammu jew ikunu suspettati li qed jinżammu;

(b) li jispezzjona u jeħtieġ l-produzzjoni ta' kotba, kull *record* jew dokument, inkluż tagħrif li jinqara permezz tal-makni, jew kopja jew estratt tagħhom li jirrigwardaw l-attività ekonomika ta' xi persuna;

(ċ) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 55 ta' dan l-Att, jitlob lil persuna li tagħti dak it-tagħrif li jista' jeħtieġ bil-għan li jiġi stabbilit jekk ikunux saru xi provvisti taxxabbli jew xi provvisti eżenti bil-kreditu minn jew lil dik il-persuna jew il-valur ta' kull tali provvista u li jeħtieġu lil xi persuna li tattendi fl-uffiċċju tal-Kummissarju bil-għan li tagħti dak it-tagħrif;

(d) jitlob il-partikolaritajiet kollha inklużi l-isem, il-kunjom, l-indirizz u li tintwera il-Karta ta' l-Identità ta' kull persuna li tkun suspettata li qed tikser xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att.

Dħul f'postijiet ta' abitazzjoni.

54. Jekk ikun meħtieġ li jsir xi dħul bis-saħħa tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 53 ta' dan l-Att ġewwa xi fond li jkun kollu kemm hu jew f'parti minnu okkupat bħala fond residenzjali, dak id-dħul ikun meħtieġ li jiġi awtorizzat minn qabel b'mandat iffirmat minn Maġistrat u ma għandux isir bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu.

Tagħrif li jkollhom ċertu detenturi ta' liċenza.

55. (1) Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dmir ta' segretezza professjonali, ma għandu jenħtieġ ebda tagħrif mill-Kummissarju bis-saħħa ta' dan l-Att mingħand persuni li s-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkun jirreferi għalihom ħlief biss bil-għan li tiġi stabbilita x'inhi t-taxxa li għandha titħallas u x'ikun kull tnaqqis permess lil dik il-persuna taħt dan l-Att jew sabiex jiġi żgurat li dik il-persuna tkun miexja b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Dan is-subartikolu jirreferi għal:

(a) bank liċenzjat taħt l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju; Att XV ta' l-1994.

(b) kumpanija ta' assigurazzjoni dwar kummerċ ta' assigurazzjoni fit-tul li jitmexxa bis-saħħa ta' liċenzja mogħtija taħt l-Att ta' l-1998 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni; Att XVII ta' l-1998.

(ċ) kull persuna li jkollha liċenzja li tmexxi negozju ta' investiment taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment;

Att XIV ta' l-1994.

(d) skema ta' investiment kollettiv li jkollha liċenzja taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment;

(e) *stockbroker* li jkollu liċenzja taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta.

Kap. 233.

Segretezza uffiċjali.

56. (1) Ħlief hekk kif jista' jenħtieġ għall-għanijiet ta' dan l-Att, jew meta l-Prim Ministru jordna mod ieħor, kull persuna li jkollha xi dmir uffiċċjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att għandha tqis u tittratta kull dokument u tagħrif li għandu x'jaqsam ma' dan l-Att bħala sigriet u kunfidenzjali.

(2) Ebda persuna li tkun maħtura taħt dan l-Att jew impjegata sabiex twettaq id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandha tenħtieġ li ġġib quddiem xi qorti, tribunal, bord jew kumitat ta' inkjesta xi dokument jew li tikxef xi ħaġa li tkun taf biha fit-twettieq ta' dmirijietha taħt dan l-Att ħlief b'dak il-mod li jista' jkun legalment meħtieġ bil-għan li jitwettqu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew bil-għan jew fil-waqt ta' xi appell magħmul skond dan l-Att jew prosekuzzjoni għal xi reat kontra xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jippermetti lid-Direttur tal-Verifika jew lil kull uffiċjal awtorizzat mid-Direttur tal-Verifika li jkollu aċċess għal kull dokumentazzjoni jew dokument hekk kif jista' jkun meħtieġ għat-twettieq tad-dmirijiet uffiċċjali tiegħu u għal dan il-għan id-Direttur tal-Verifika u kull uffiċċjal awtorizzat bħal dak għandhom jitqiesu bħala persuna li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli l-oħra ta' dan l-artikolu jew ta' kull liġi oħra, l-Kummissarju għandu jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dak it-tagħrif, li jkun tagħrif miksub mill-Kummissarju għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, hekk kif jista' jiġi ordnat mill-Ministru.

TAQSIMA VII

Każijiet Speċjali

Każijiet speċjali.

57. (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dispożizzjonijiet speċjali dwar il-provvisti li is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jirreferi għalihom, u jista', b'dawk ir-regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet:

(a) li provvista titqies bħala żewġ provvisti separati jew aktar jew li għadd ta' provvisti għandhom jitqiesu bħala provvista waħda;

(b) dwar il-ħin u il-lok li fihom għandhom jitqiesu li jkunu seħħew il-provvisti;

(ċ) dwar li il-valur taxxabbli ta' provvisti għandu jiġi stabbilit b'dak il-metodu jew wieħed minn dawk il-metodi li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi;

(d) dwar kif tiġi stabbilita l-*input tax* li għandha tkun tgħodd għall-provvisti;

(e) dwar kull dokumentazzjoni u dokument addizzjonali li għandhom jinżammu u jiġu prodotti għar-rigward ta' l-imsemmija provvisti;

u kull regolamenti bħal dawk għandhom ikunu japplikaw minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att.

(2) Dan is-subartikolu japplika għal:

(a) provvisti magħmula minn operaturi ta' vjaġġi u aġenti ta' l-ivvjaġġar u minn persuni oħra li jagħmluha ta' prinċipali u li jagħmlu provvisti li s-soltu jiġu provduti minn operaturi ta' vjaġġi u aġenti ta' l-ivvjaġġar;

(b) provvisti ta' oġġetti sekondaman;

(ċ) provvisti minn bejjiegħa bl-imnut;

(d) provvisti ta' servizzi professjonali;

(e) provvisti skond kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' l-inġinerija ċivili, elettrika u mekkanika;

(f) dawk il-provvisti l-oħra li jistgħu jiġu msemmija għall-għanijiet ta' dan l-artikolu b'ordni magħmul mill-Ministru u pubblikat fil-Gazzetta.

(3) Sa dak iż-żmien li l-Ministru jippreskrivi regolamenti skond dan l-artikolu, ir-regolamenti msemmija fil-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att, għandhom japplikaw.

TAQSIMA VIII

Ġbir, Garanzija u Ħlas Lura

Kawża mill-Kummissarju.

58. (1) Tista' issir kawża għal kull taxxa u għall-penali amministrattiva taħt dan l-Att sabiex dawn jinġabru, skond ma jeħtieġ il-każ fil-qorti kompetenti ta' kompetenza ċivili.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa u ta' penali amministrattiva f'kull żmien matul sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu.

(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jitwaqqaf b'att ġudizzjarju li jiġi preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fih jintalab il-ħlas ta' l-ammont dovut.

Titolu eżekuttiv.

59. (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.

Restrizzjonijiet fuq il-ħelsien ta' oġġetti importati.

60. (1) Ebda oġġett importat ġewwa Malta ma għandu jiġi kunsinnat għall-użu f'Malta jew jittieħed minn, jinħeles jew jinġabar minn xi depożt tad-dwana ħlief -

(a) meta l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti tkun importazzjoni eżentata, jew

(b) meta it-taxxa fuq dik l-importazzjoni tkun thallset skond dan l-Att, jew

(ċ) bl-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju.

(2) Awtorizzazzjoni ghall-ghanijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tinghata taht dawk il-kondizzjonijiet u ma' l-ghoti ta' dik il-garanzija li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi.

Setgħat li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti importati.

61. (1) Il-Kontrollur tad-Dwana ghandu jkollu, bil-ghan li jiżgura, jiġbor u jhares f'isem il-Kummissarju it-taxxa li titħallas taħt dan l-Att fuq importazzjonijiet taxxabbli, l-istess setgħat u jimxi skond l-istess proċeduri li jkunu skond kull liġi oħra mwettqa u segwiti minnu bil-ghan li jiżgura, jiġbor u jhares id-dazji ta' l-importazzjoni.

Kap. 37
Kap. 337

(2) Kull dispożizzjoni ta' l-Ordinanza tad-Dwana jew ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew f'kull regolament magħmul bis-saħħa tagħhom dwar kif jiġu applikati l-ħlasijiet minn bejgħ ta' oġġetti importati ghall-ħlas ta' dazji ta' importazzjoni dovuti fuq dawk l-oġġetti ghandha tiftiehem bħala dispożizzjoni dwar kif jiġu applikati l-imsemmija ħlasijiet ghall-ħlas ta' dazji ta' importazzjoni u ta' kull taxxa dovuta taħt dan l-Att fuq l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Privileġġ speċjali.

62. Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa imsemmija ghandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fil-paragrafu (a) jew fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2009 tal-Kodiċi Ċivili.

Garanzija għal taxxa dovuta fuq provvisti.

63. (1) Jekk, f'xi każ partikolari, il-Kummissarju ikollu għaliex jaħseb li t-taxxa dovuta minn xi persuna reġistrata ma tkunx tista' tinġabar fil-waqt meta dik it-taxxa ikollha titħallas skond dan l-Att, huwa jista' bil-mezz ta' avviż li jiġi notifikat lil dik il-persuna, jitlob li jsir il-ħlas tat-taxxa f'dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat f'dak l-avviż u it-taxxa, malli dan, ikollha titħallas f'dak iż-żmien minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att.

(2) Meta jintalab ħlas mingħand persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tista', minflok ma tagħmel il-ħlas imsemmi, tagħti dik il-garanzija għat-taxxa li għandha titħallas skond kif il-Kummissarju jista' jaċċetta li jsir.

Żmien iqsar għall-għemil ta' denunzja.

64. Jekk, f'xi każ partikolari, il-Kummissarju ikollu għaliex jaħseb li t-taxxa dovuta minn persuna reġistrata tista' mod ieħor tkun

preġudikata, huwa jista', bil-mezz ta' avviż bil-miktub, jeħtieġ lil dik il-persuna li tagħmel denunzja għal żmien ta' taxxa qabel iż-żmien permess skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, u għar-rigward ta' dik id-denunzja ta' taxxa kull referenza f'dan l-Att għaż-żmien mogħti skond xi dispożizzjonijiet taħt dan l-Att għandha għalhekk tiftiehem bħala referenza għaż-żmien speċifikat b'dak l-avviż.

Reverse charge.

65. Meta ssir provvista taxxabbli ta' servizzi minn persuna li ma tkunx stabbilita f'Malta lil persuna reġistrata stabbilita f'Malta li ma tkunx persuna eżentata, il-persuna msemmija stabbilita f'Malta għandha titqies li tkun hi stess ipprovdiet dawk is-servizzi fit-twettieq jew fit-tkomplija ta' l-attività ekonomika tagħha u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inkluż l-obbligu li persuna tagħti rendikont u tħallas it-taxxa, ħlief meta, fejn ikun mod ieħor provdut espressament, dawn għandhom hekk jinqraw u jiftehmu.

Rappreżentanti.

66. (1) Kull segretarju, *manager*, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew *trustee* ta' xi persuna oħra jew ta' xi *trust, fund,* jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, *trust, fund* jew enti ieħor, skond il-każ.

(2) Meta persuna li ma tkunx stabbilita f'Malta tkun jew tenħtieġ li tiġi reġistrata taħt dan l-Att kull persuna residenti f'Malta li lilha tiġi provduta dik il-provvista taxxabbli jew li tkun aġent jew b'mod ieħor ikollha relazzjoni tan-negozju magħha għandha, jekk tiġi hekk maħtura mill-Kummissarju permezz ta' avviż bil-miktub, u sakemm xi persuna oħra residenti f'Malta li tkun aċċettabbli għall-Kummissarju tkun ġiet hekk maħtura mill-persuna imsemmija l-ewwel, tkun rappreżentanti ta' l-imsemmija persuna.

(3) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu rappreżentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu.

(b) Kull ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir minn rappreżentant li jaġixxi f'dik il-kariga għandha titqies għall-għanijiet ta' dan l-Att li tkun saret jew naqset milli ssir mill-persuna li huwa ikun qiegħed jirrappreżenta.

(ċ) Avviż li jiġi notifikat lil rappreżentant jew ħlas lura li jsir lil rappreżentant fil-kariga tiegħu ta' rappreżentant taħt kull dispożizzjoni ta' dan l-Att għandhom jitqiesu bħala notifikat jew magħmul lill-persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha.

(d) Li persuna tkun jew tinħatar rappreżentant ta' persuna oħra ma jeħlisx lit-tieni persuna minn kull obbligu jew responsabbiltà taħt dan l-Att.

(4) Rappreżentant li jkollu taħt it-tmexxija jew kontroll tiegħu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa ikun rappreżentant tagħha ma għandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx ħaseb biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt dan l-Att.

(5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa *in bona fede* u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjeta' li huwa ikun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa ikun ir-rappreżantant tagħha.

Tqassim ta' ħlas.

67. (1) Meta jkun dovut xi mgħax minn persuna fuq xi taxxa, ħlief taxxa li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li dik il-persuna tagħmel lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna, fuq dak l-imgħax qabel ma jitqassam fuq xi taxxa.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu meta tkun dovuta xi penali amministrattiva minn persuna, ħlief għall-penali li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dik il-penali amministrattiva qabel ma jitqassam fuq xi taxxa oħra.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ħlief taxxa li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, tkun dovuta għal iktar minn darba kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dik it-taxxa li tkun dovuta l-ewwel qabel ma jitqassam fuq it-taxxa li tkun saret dovuta wara.

Ħlas lura.

68. (1) It-taxxa mħallsa ma għandhiex titħallas lura ħlief fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 26, 69, 70, 71 jew il-paragrafu (ħ) ta' l-artikolu 75 ta' dan l-Att.

(2) Meta il-Kummissarju ikollu iħallas lura xi ammont lil xi persuna li jkun dovut minnha xi mgħax, penali amministrattiva jew xi taxxa oħra, il-Kummissarju jista' jnaqqas dik it-taxxa, mgħax jew penali amministrattiva minn dak l-ammont sa l-istess limitu li għalih dak l-ammont, kieku kien ħlas magħmul minn dik il-persuna, kien jista' jitqassam għal dak l-imgħax, penali jew taxxa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 67 ta' dan l-Att u fl-istess ordni: tnaqqis taħt dan is-subartikolu jista' ukoll isir dwar taxxa li tista' tinżamm riżervata skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(3) Kull ħlas lura li jkun dovut skond xi dispożizzjoni ta' dan l-Att għandu jsir mingħajr ebda tqassim ieħor ħlief dak li joħroġ minn dan l-Att bil-mezz ta' ordni miktub mill-Ministru.

Ħlas lura ta' taxxa imħallsa żejda u li ma kellhiex titħallas.

69. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu meta jirriżulta li xi taxxa mħallsa minn persuna ma kinetx dovuta jew kienet iżjed mit-taxxa dovuta taħt dan l-Att, il-Kummissarju għandu jħallas lura, meta tingħieblu dik il-prova li huwa jista' jqis xieraq li jeħtieġ, dik it-taxxa jew dak is-sehem minnha li ma kinetx dovuta lil dik il-persuna jew lil xi persuna oħra li jista' jkollha jedd għal dak il-ħlas lura: iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tmur 'l hemm jew tieħu post id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-mod u ż-żmien li fih tista' ssir talba għal ħlas lura taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kif ukoll dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet, inkluż l-inqas ammont li dwaru jista' jintalab ħlas lura, kif jidhirlu xieraq.

(3) Meta jirriżulta minn xi sentenza finali mogħtija f'appell magħmul skond dan l-Att, li xi ammont ta' taxxa imħallas minn persuna ma kienx dovut, il-Kummissarju għandu jħallas lura dak l-ammont lil dik il-persuna fi żmien tletin jum mid-data meta dik is-sentenza tgħaddi b'ġudikat.

(4) Mgħax bir-rata speċifikata fi jew prekritta skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att ikun dovut fuq ħlas lura li għalih jirreferi is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għaż-żmien li jintemm fid-data meta dak il-ħlas lura isir jew jiġi impostat *cheque* jew ċedola mill-Kummissarju lill-persuna li għandu jsirilha l-ħlas lura, liema mgħax jibda għaddej -

(a) jekk u sal-limitu li l-ammont li għandu jitħallas lura kien mitlub bħala kreditu eċċessiv f'denunzja magħmula lill-Kummissarju mill-appellant, mid-data stabbilita skond l-artikolu 26 ta' dan l-Att;

(b) jekk u sal-limitu li l-ammont li għandu jitħallas lura kien imħallas mill-appellant bħala kondizzjoni għall-validità ta' l-appell tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, mid-data meta dak l-ammont tħallas lill-Kummissarju;

(ċ) f'kull każ ieħor, mid-data meta l-ħlas lura isir dovut skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

Arranġamenti internazzjonali.

70. (1) Jekk il-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li jkunu saru xi arranġamenti mal-gvern ta' xi territorju barra minn Malta bil-għan li jingħata ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxa li titħallas taħt dan l-Att u xi taxxa bħal dik li titħallas bis-saħħa tal-liġijiet ta' dak it-territorju, u li jkun jaqbel li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom seħħ, dawk l-arranġamenti għandhom iseħħu minkejja kull ħaġa oħra f'dan l-Att.

(2) Jekk il-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li jkunu saru xi arranġamenti mal-gvern ta' xi territorju barra minn Malta bil-għan li jagħti ħlas lura, fuq bażi reċiproka, fuq taxxa imħallsa taħt dan l-Att lil persuni stabbiliti barra minn Malta u li jkun jaqbel li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom seħħ, dawk l-arranġamenti għandhom iseħħu minkejja kull ħaġa oħra f'dan l-Att.

(3) Meta jirriżulta li tkun tħallset xi taxxa għall-importazzjoni ta' oġġetti li tkun eżenti mid-dazji ta' importazzjoni skond arranġamenti diplomatiċi u konsulari li jkollhom seħħ bis-saħħa ta' xi liġi jew li tkun tħallset xi taxxa fuq provvisti jew importazzjonijiet minn persuna li tikkwalifika għal eżenzjoni minn taxxa skond dawk l-arranġamenti internazzjonali li l-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jispeċifika, il-Kummissarju għandu jħallas lura, fuq talba li ssir f'dak iż-żmien u b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt, u meta tingħieb dik il-prova li jista' jeħtieġ, it-taxxa hekk imħallsa lil dik il-persuna.

(4) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' kull arranġament li jkollu seħħ taħt dan l-artikolu.

Ħlas lura lill-persuni mhux residenti.

71. Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għall-ħlas lura mill-Gvern lill-persuni li ma jkunux residenti ammont li ma' jkunx iktar mit-taxxa imħallsa fuq provvisti magħmula lil dawk il-persuni ta' oġġetti esportati minn dawk il-persuni barra minn Malta, u jista' f'dawk ir-regolamenti jippreskrivi limitazzjonijiet għal dak il-ħlas lura u għall-

persuni li jistgħu jitolbu dak il-ħlas lura, u iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet li taħthom dak il-ħlas lura jista' jintalab u l-proċeduri ta' dak il-ħlas lura.

TAQSIMA IX

Mixxellanji

Validità ta' avviżi, eċċ.

72. (1) Kull avviż, mandat jew proċediment ieħor li jsir b'għan skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandux jitqies li jkun null jew li jista' jiġi annullat minħabba f'nuqqas materjali jew li jkun difettuż minħabba f'xi żball, difett jew omissjoni li jkollu, jekk dan ikun materjalment u effettivament jaqbel mal-ħsieb u skond it-tifsir ta' dan l-Att.

(2) Fil-każ ta' korp ta' persuni jkun biżżejjed jekk jidher biss l-isem ta' dak il-korp ta' persuni fuq kull avviż, mandat jew proċediment, inkluż kull proċediment quddiem il-Qorti ta' l-Appell, maħruġ jew magħmul taħt jew għall-għanijiet ta' dan l-Att.

Tqassim u notifika ta' avviżi, eċċ.

73. (1) Kull avviż li jingħata mill-Kummissarju taħt dan l-Att għandu jiġi ffirmat mill-Kummissarju nnifsu jew minn persuna jew persuni minnu awtorizzati u kull avviż bħal dak ikun validu jekk il-firma tkun stampata, ittimbrata jew miktuba fuq dak l-avviż.

(2) Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: iżda *cheque* jew ċedola impostati mill-Kummissarju għandu jitqies li jkun ħlas ta' dak l-ammont magħmul fid-data meta jkun ġie impostat.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu avviż jitqies li jkun ġie indirizzat sew jekk dan ikun ġie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz mogħti minn persuna lill-Kummissarju għandu jitqies bħala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jingħatax avviż ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju.

(4) Il-Ministru jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi l-ħinijiet ta' l-għeluq ta' l-uffiċċju tal-Kummissarju u kull

żmien indikat fi jew taħt dan l-Att għall-għemil, tqassim jew notifika ta' denunzja, avviż jew dokument ieħor lil jew fuq il-Kummissarju jew għal kull ħlas lill-Kummissarju għandu jitqies li jintemm fil-ħin ta' l-għeluq ta' l-aħħar jum ta' dak iż-żmien.

(5) Meta id-data li fiha issir xi denunzja, avviż jew dokument ieħor ikollhom jintgħamlu, jintbagħtu jew jiġu notifikati jew jitqiesu li ġew notifikati jew li fiha jsir dovut ħlas li jkollu isir skond xi dispożizzjoni ta' dan l-Att taħbat, li ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, is-Sibt jew il-Ħadd, jew f'jum nazzjonali jew btala pubblika skond kif stabbilit fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi Oħra, dik id-data għandha titqies li taħbat fl-ewwel jum tax-xogħol li ma jkunx is-Sibt, li jiġi wara dak is-Sibt, Ħadd, festa nazzjonali jew btala pubblika.

74. Għall-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa - Mgħax. Kap. 123. Att XVIII ta' l-1994.

(a) l-imgħax li jitħallas jew li għandu jitħallas taħt dan l-Att mill-Kummissarju lil persuna għandu jitqies bħala *income* ta' dik il-persuna;

(b) l-imgħax li jitħallas jew li għandu jitħallas taħt dan l-Att minn persuna lill-Kummissarju għandu jitqies bħala spiża mġarrba fil-produzzjoni ta' l-*income* ta' dik il-persuna;

(ċ) penalitajiet amministrattivi li jitħallsu jew li għandhom jitħallsu taħt dan l-Att minn persuna lill-Kummissarju ma għandhomx jitqiesu bħala spejjeż imġarrba fil-produzzjoni ta' l-*income* ta' dik il-persuna.

75. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li bihom — Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

(a) jemenda, iħassar jew jissostitwixxi kull Skeda minbarra id-Disa' Skeda, li tinsab ma' dan l-Att;

(b) jippreskrivi kull ħaġa li f'xi każ partikolari titqies meħtieġa bil-għan li jiġi evitat kull tgħawwiġ konsiderevoli fil-kompetizzjoni li jista' mod ieħor jirriżulta mill-mod kif jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ċ) jipprovdi għal *rounding up* jew *rounding down* ta' kull ammont f'xi kalkolu magħmul għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, jew sabiex ma jingħatax każ ta' kull ammont żgħir li joħroġ minn dak il-kalkolu;

(d) jippreskrivi kull ħaġa li tista' tiġi preskritta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) jippreskrivi dwar kull kondizzjoni li tista' tiġi imposta fuq, u kull deċiżjoni li tista' tintgħamel mill-Kummissarju skond dan l-Att;

(f) jippreskrivi kull ħaġa oħra sabiex jiżgura il-ħlas tat-taxxa u b'mod ġenerali sabiex jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ġ) jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi kull regolament magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att;

(ħ) jippreskrivi dak il-ħlas lura ta' taxxa mħallsa taħt dan l-Att lil dawk il-persuni jew klassijiet ta' persuni li jkun suġġett għal dawk l-iskemi u dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet hekk kif jista' jiġi preskritt f'dawk ir-regolamenti.

TAQSIMA X

Reati u Pieni

Meta wieħed jonqos milli japplika għal reġistrazzjoni, jew li jżomm jew jagħti kull dokumentazzjoni u denunzja.

76. Kull persuna li -

(a) tonqos milli tapplika għal reġistrazzjoni fiż-żmien u bil-mod meħtieġa bl-artikolu 10 ta' dan l-Att;

(b) tonqos milli żżomm jew tagħti kull dokumentazzjoni, dokument u kontijiet għaż-żmien u bil-mod meħtieġ b'dan l-Att jew b'kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu;

(ċ) tonqos milli tagħmel denunzja ta' taxxa jew kull denunzja addizzjonali, dikjarazzjoni jew tagħti tagħrif jew li ġġib kotba, dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet, jew tonqos milli tħallas xi taxxa jew penali amministrattiva meta tkun meħtieġ tagħmel dan bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn tlett mitt lira u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti għandha tordnalha biex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, iżda f'kull każ mhux iktar minn tlett xhur, u fin-nuqqas min jagħmel ir-reat ikollu iħallas multa oħra ta' mhux inqas minn żewġ liri u mhux iktar minn għaxar liri għal kull

żmien li matulu ikompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-Qorti.

77. Kull persuna li —

Nuqqasijiet f'kull dokumentazzjoni, eċċ. u stqarrijiet qarrieqa.

(a) xjentement tonqos li tagħti kont għal xi attività taxxabbli imwettqa minnha fir-*records*, dokumenti u kontijiet meħtieġa b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;

(b) tagħmel xi denunzja, dikjarazzjoni jew tagħti tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att li tkun taf li jkun mhux korrett jew qarrieqi f'xi rigward materjali;

(ċ) tiffalsifika xi *records*, dokumenti jew kontijiet meħtieġa li jinżammu taħt dan l-Att jew tħejji jew tagħmel jew tgħin fit-tħejjija jew fl-għemil jew tagħmel użu minn, xi *records*, dokumenti jew kontijiet foloz;

(d) bil-għan li taħbi xi prova li tkun taf jew li tkun mistennija li raġonevolment tkun taf li tkun rilevanti għal xi għan ta' dan l-Att, tiddistruġġi, tħassar, tagħmel ħsara jew taħbi xi tagħrif maħżun jew xi *records*, dokumenti jew kontijiet;

(e) tonqos milli tagħti jew tipproduċi fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument kif u meta meħtieġ bl-artikolu 50, 51 jew 52 ta' dan l-Att jew tagħti fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;

(f) tagħti fattura jew dokument ieħor dwar provvista li juru li għandha titħallas taxxa fuq dik il-provvista meta tkun taf li ma għandha titħallas ebda taxxa jew li t-taxxa li għandha titħallas tkun inqas minn dik murija, jew mod ieħor iżżid ma' prezz jew tinkludi fi prezz għal provvista xi ammont li juri li jirrappreżenta xi taxxa li fil-fatt ma tkunx dovuta jew li tkun ogħla mit-taxxa dovuta;

(ġ) tapplika biex tkun klassifikata bħala persuna eżentata għall-għanijiet ta' dan l-Att f'ċirkostanzi li juri li kienet taf jew setgħat b'diliġenza tkun taf li ma kinetx intitolata li tkun hekk klassifikata;

(ħ) tkun klassifikata bħala persuna eżentata għall-għanijiet ta' dan l-Att u ma tibqax iktar eliġibbli biex tkun hekk klassifikata,

tonqos milli tapplika biex thassar dik il-klassifika bil-mod meħtieġ u fil-limitu ta' żmien imsemmi f'dan l-Att;

(i) tkun klassifikata bħala persuna eżentata għall-għanijiet ta' dan l-Att turi b'konnessjoni ma' xi tranżazzjoni li ma tkunx hekk klassifikata bil-għan li tagħmel qliegħ finanzjarju;

(j) ma tkunx klassifikata bħala persuna eżentata għall-għanijiet ta' dan l-Att turi b'konnessjoni ma' xi tranżazzjoni li tkun hekk klassifikata bil-għan li tagħmel qliegħ finanzjarju;

(k) wara li tkun għaddet jew inkludiet ma' prezz ta' prodotti jew servizzi minnha mogħtija lil persuna oħra xi ammont li jkun maħsub li juri li jirrappreżenta xi taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att xjentement tonqos milli tagħti kont għal dak l-ammont fir-*records* tagħha jew li tħallas dak l-ammont lill-Kummissarju;

(l) tikseb pussess jew ikollha x'taqsam ma' xi prodotti, jew taċċetta il-provvista ta' xi servizzi meta jkollha għaliex taħseb li t-taxxa fuq il-provvista ta' dawk l-oġġetti jew servizzi tkun ġiet jew tkun se tiġi skartata;

(m) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra oġġetti jew servizzi li l-kisba tagħhom jew is-sehem fihom jew l-aċċettazzjoni tagħhom tirrendi lil dik il-persuna l-oħra ħatja ta' reat bis-saħħa tal-paragrafu (l) ta' dan l-artikolu,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u ħamsin lira u mhux iżjed minn elf lira u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, multa oħra li tkun daqs għaxar darbiet it-taxxa perikolata, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dawk il-multi u priġunerija flimkien.

Ħtija regolari.

78. (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat jew taħt l-artikolu 76 jew taħt l-artikolu 77 ta' dan l-Att u terġa' tinstab ħatja ta' reat taħt xi wieħed mill-artikoli msemmija qabel fi żmien sitt xhur mid-data li fiha dik il-persuna tkun instabet ħatja tar-reat ta' qabel, il-multa ma għandha fl-ebda każ tkun inqas minn tlett mitt lira.

(2) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' erba' reati taħt xi wieħed mill-artikoli msemmija qabel li jsiru fi żmien erbgħa u għoxrin xahar, il-Qorti għandha fuq dik l-aħħar sejba ta' ħtija u b'żieda mal-piena għal dik is-sejba ta' ħtija tordna is-sospensjoni għal żmien determinat ta' mhux inqas minn ġimgħa u mhux iżjed minn xahar ta' kull liċenzja, permess, *warrant* jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mill-

pulizija jew minn xi awtorità oħra sabiex tmexxi l-attivita' ekonomika jew attivitajiet ekonomiċi li dwaru jkun relatat ir-reat.

Tfixkil ta' uffiċjali.

79. Kull persuna li —

(a) tfixkel, ittellef, ixxekkel jew tagħmel xi ħaġa bil-ħsieb li tfixkel, ittellef jew ixxekkel, jew iddejjaq jew tattakka lill-Kummissarju jew lil xi persuna li tkun qed twettaq kif imiss xi setgħa jew dmir lilha mogħti jew impost fuqha b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu;

(b) tkun inkarigata minn xi fond li l-Kummissarju jew persuna awtorizzata mill-Kummissarju ikollha is-setgħa li tidħol fih skond il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 53 ta' dan l-Att, tonqos li tippermetti dak id-dħul mill-Kummissarju jew mill-persuna awtorizzata jew tonqos milli tieħu dawk il-miżuri li jistgħu ikunu raġonevolment meħtieġa għal-għan ta' xi dħul bħal dak, jew ta' xi spezzjon ta' dak il-fond jew ta' xi oġġetti, attiv, kotba, *records* jew dokumenti li jkun qegħdin jinżammu hemm ġew,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elf lira, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Reati li għandhom x'jaqsmu ma' l-importazzjonijiet.

80. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 18 u 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza imsemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għat-total meta tgħodd flimkien it-taxxa li jkollha titħallas fuq l-oġġetti u id-doppju tal-valur ta' l-oġġetti, jew multa ta' ħamsa u għoxrin lira, skond liema tkun l-akbar, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b'taħrika, bl-istess mod u għamla, u skond id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw dwar dawk l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun suġġetta għat-taxxa taħt dan l-Att bħallikieku kull riferenza li tinsab f'dik l-Ordinanza għad-dazju msemmi f'dik l-Ordinanza kienet ukoll riferenza għat-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att.

(3) L-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għat-taxxa taħt dan l-Att għandha titqies, għall-finijiet kollha ta' kull liġi, bħala importazzjoni projbita kemm-il darba ma titħallasx it-taxxa imsemmija jew, meta il-ħlas tat-taxxa ikun ġie pospost skond xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, il-kondizzjonijiet imposti dwar dak il-posponiment ma jkunux tħarsu kif imiss.

Reati ġenerali.

81. Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja teħel, kemm-il darba ir-reat ma jkunx suġġett għal piena ogħla taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt liri, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tlett xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Reati minn uffiċjali prinċipali ta' korpi ta' persuni u minn prinċipali.

82. (1) Meta xi ħaġa issir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa iġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-għemil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-għemil jew nuqqas.

(2) Meta xi ħaġa issir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettieq ta' l-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegat sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-għemil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-għemil jew nuqqas.

Prosekuzzjoni.

83. (1) Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu irtirati fuq talba tal-Kummissarju.

(2) Minkejja id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu il-jedd ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti kriminali taħt din it-Taqsima.

(3) Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħt dan l-Att u il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi piena għal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima.

(4) L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation* tal-Ħatjin ma għandhomx japplikaw dwar xi sejbien ta' ħtija taħt dan l-Att. Kap. 152

(5) Fi proċedimenti kriminali taħt din it-Taqsima jew taħt xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att, il-Kummissarju personalment jew kull uffiċjal ieħor li jissemma' minnu jista', minkejja id-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iġib il-provi, jittratta u b'kull mod ieħor imexxi il-prosekuzzjoni minflok il-pulizija jew flimkien magħhom.

(6) Jekk tkun tenħtieġ bħala parti mill-każ tal-prosekuzzjoni ix-xiehda tal-Kummissarju jew ta' xi uffiċjal kif imsemmi qabel huwa għandu jinstama' qabel ma jibda' iwettaq id-dmirijiet ta' uffiċjal prosekutur kemm-il darba il-ħtieġa li jagħti xiehda ma tqumx fi stadju ulterjuri tal-proċedimenti: iżda il-Kummissarju jew uffiċjal ieħor kif imsemmi qabel jista' isemmi l-fatti li jikkostitwixxu ir-reat qabel ma jagħti xiehda.

Penali f'każ ta' kompromess.

84. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-Kummissarju jista' f'każ ta' xi reat li jsir taħt dan l-Att, jidħol fi ftehim bil-miktub ma' min jagħmel ir-reat li bis-saħħa tiegħu min jagħmel ir-reat iħallas somma ekwivalenti għall-multa li tista' tiġi imposta bħala piena skond dan l-Att meta dik il-persuna tinstab ħatja ta' dak ir-reat, iżda b'dan illi meta il-liġi tipprovdi l-inqas u l-ogħla ammont ta' multa li tista' tiġi hekk imposta is-somma li għandha titħallas b'riżultat ta' dak il-ftehim għandha tkun somma ekwivalenti għall-imsemmi l-inqas ammont miżjud b'nofs id-differenza bejn l-imsemmija l-inqas u l-ogħla ammonti, u malli jiġi iffirmat xi ftehim bħal dak mill-Kummissarju u minn min jagħmel ir-reat, għandha tintemm kull responsabbiltà kriminali ta' min jagħmel ir-reat taħt dan l-Att għar-rigward ta' dawk ir-reati li dwarhom ikun sar il-ftehim.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll f'kull każ meta min jagħmel ir-reat ikun akkużat quddiem qorti dwar ir-reat iżda qabel ma tingħata sentenza finali dwar dak il-każ:

Iżda meta ma jkunux inbdew proċeduri quddiem il-qorti issomma li għandha titħallas dwar xi ftehim kif kontemplat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha titnaqqas b'għaxra fil-mija.

(3) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu il-Kummissarju jista' f'każ ta' reat minn xi persuna kontra id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (e) tal-artikolu 77 ta' dan l-Att, jidħol fi ftehim ma' min jagħmel ir-reat, li bis-saħħa tiegħu min jagħmel ir-reat iħallas multa ta' ħamsin lira fil-każ ta' ewwel reat, mitt lira fil-każ tat-tieni reat u mitejn lira fil-każ tat-tielet reat fi żmien sebat ijiem mid-data li jirċievi avviż mill-Kummissarju f'dan ir-rigward, u mal-ħlas ta' dik il-multa, għandha tintemm kull responsabbilta' kriminali taħt dan l-Att għar-riward ta' dawk ir-reati li dwarhom ikun sar il-ftehim.

(4) Kull somma dovuta bis-saħħa ta' xi ftehim li jsir skond is-subartikolu (1) jew is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandha tkun dovuta lill-Gvern bħala dejn ċivili. Il-Kummissarju ma għandux jagħmel ftehim bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1) jew (3) ta' dan l-artikolu kemm-il darba dak il-ftehim ma jkunx imsieħeb bil-ħlas tas-somma dovuta jew bl-għoti ta' garanzija biżżejjed għall-ħlas tagħha.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu bla ħsara għal kull proċedimenti jew konfiska mibdija jew li jkollhom effett bis-saħħa ta' xi liġi oħra.

(6) L-imsemmi ftehim u l-ħlas ta' dik il-multa hekk imposta ikun bla ħsara għal xi taxxa, mgħax jew penali amministrattiva dovuta taħt dan l-Att.

TAQSIMA XI

Dispożizzjonijiet Transitorji

Tħassir u riżerva. Att XII ta' l-1997.

85. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa itemm milli jibqa' fis-seħħ mid-data effettiva.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, għandhom jibqgħu japplikaw dwar kull importazzjoni u kull provvista ta' servizzi u bejgħ ta' prodotti magħmula qabel id-data effettiva u dwar kull ħaġa li għandha ssir jew li ma għandhix issir taħt dak l-Att qabel id-data effettiva u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Taxxa fuq l-Infieq, u ta' l-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għandhom ikomplu japplikaw sal-limitu li kienu japplikaw minnufih qabel id-data effettiva. Kap. 341. Att XII ta' l-1994.

(4) Minkejja t-tħassir ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, l-emendi magħmulin fl-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni bil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 77 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, għandhom jibqgħu japplikaw minkejja li l-oġġetti msemmija fl-Att ma jibqgħux suġġetti għal taxxa tas-sisa taħt dak l-Att u l-inqas rata ta' 8.1 fil-mija għandha tibqa' tapplika għar-rigward ta' oġġetti li fl-1 ta' Lulju, 1997 ma kienux suġġetti għal imposta taħt l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali. Kap. 336.

86. (1) Għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa l-aħħar żmien ta' taxxa ta' kull persuna li għaliha kien japplika l-artikolu 31 ta' dak l-Att minnufih qabel id-data effettiva għandu jitqies li jintemm minnufih qabel id-data effettiva. Denunzji u ħlas ta' taxxa skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

(2) Sakemm il-Kummissarju ma jiddeċidix mod ieħor f'xi każ jew każi denunzja li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, għandha tintgħamel minn kull persuna li għaliha jirreferi is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar l-aħħar denunzja tagħha u l-ħlas tat-taxxa li għandha titħallas taħt dak l-Att u kalkolat skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak l-Att dwar dak iż-żmien ta' taxxa għandu jsir minn dik il-persuna lid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa maħtur skond dak l-Att mhux iżjed tard mid-data li fiha kien ikollha tintgħamel id-denunzja skond dak l-Att li kieku mhux għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Id-denunzja u l-ħlas għandhom jintgħamlu minkejja kull eżenzjoni taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull obbligu li jintgħamlu denunzi u li jsir ħlas tat-taxxa taħt dan l-Att.

87. Minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att: Reġistrazzjoni, klassifika u żmien ta' taxxa ta' persuni reġistrati skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

(a) Kull persuna li fid-data li tiġi minnufih qabel id-data effettiva kienet persuna reġistrata għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, għandha titqies li tkun applikat għal reġistrazzjoni fid-data effettiva għall-għanijiet ta' u skond dan l-Att.

(b) Sakemm il-Kummissarju ma jiddeċidix mod ieħor f'xi każ jew każijiet partikolari, iż-żmien ta' taxxa li kien japplika għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, minnufih qabel id-data effettiva dwar xi persuna li għaliha jirreferi

il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu għandu jitqies li jkun iż-żmien ta' taxxa mogħti lilu mill-Kummissarju għall-għanijiet ta' u skond dan l-Att: iżda l-ewwel żmien ta' taxxa taħt dan l-Att ta' kull tali persuna għandu jibda fid-data effettiva.

Żmien u valur taxxabbli ta' ċerti provvisti.

88. (1) Meta xi waħda mid-dati li tkun relevanti biex jiġi stabbilit iż-żmien ta' provvista ta' oġġetti jew servizzi, ħlief għal servizzi li għalihom jirreferi is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, skond is-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-imsemmi artikolu tkun data li tiġi qabel id-data effettiva, id-data ta' dik il-provvista għandha, għall-għanijiet ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, tiġi stabbilita skond is-subartikolu (1) u mingħajr xi referenza għas-subartikoli (2) u (3) ta' dak l-artikolu.

(2) Meta jiġi riċevut ħlas jew tinħareġ fattura għal servizzi li għalihom jirreferi is-subartikolu (4) ta' l-artikolu (8) ta' dan l-Att, u dak il-ħlas jew dik il-fattura jirreferi għal żmien li jibda qabel id-data effettiva u jintemm fi jew wara dik id-data għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, dak iż-żmien għandu jinqasam f'żewġ żminijiet l-ewwel wieħed li jintemm fid-data li tiġi minnufih qabel id-data effettiva u it-tieni wieħed li jibda fid-data effettiva u l-valur ta' dak il-ħlas jew ta' dik il-fattura għandu jitqassam skond hekk;

(b) jekk is-servizz in kwistjoni jkun servizz taxxabbli skond it-tifsira mogħtija fid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, il-valur attribwibbli għall-ewwel żmien għandu jitqies għall-għanijiet ta' dak l-Att u ta' dan l-Att li jkun il-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli ta' servizzi magħmula qabel id-data effettiva;

(ċ) jekk is-servizz in kwistjoni jkun servizz taxxabbli skond it-tifsira mogħtija f'dan l-Att il-valur attribwibbli għat-tieni żmien għandu jitqies għall-għanijiet ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, li jkun il-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli ta' servizzi magħmula fi jew wara id-data effettiva.

(3) Meta xi oġġetti jiġu importati ġewwa Malta qabel l-ewwel ta' Jannar, 1999 u ż-żmien meta d-dazju ta' importazzjoni għandu jinħadem skond l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew, meta ma jkollux jitħallas dak id-dazju ta' importazzjoni, iż-żmien meta kien hekk jinħadem li kieku kellu jitħallas, jaħbat f'dik id-data jew warajha, dik l-importazzjoni għandha titqies, kemm għall-fini ta' dan l-Att kif ukoll

għall-fini ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dazju u tas-Sisa, li tkun sehħet f'dik id-data.

Tifsir ta' ċerti kuntratti.

89. Meta, fl-esekuzzjoni ta' kuntratt magħmul qabel id-data effettiva, jiġu provduti oġġetti jew servizzi f'dik id-data jew wara dik id-data, u dik il-provvista tkun provvista taxxabbli, dak il-kuntratt għandu jitfisser, għall-għanijiet kollha ta' kull liġi, daqslikieku l-partijiet ta' dak il-kuntratt kienu ftehmu tibdil fil-kumpens fih stipulat biex jirrifletti d-differenza, jekk ikun hemm, bejn is-sistema tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u dik applikabbli taħt dan l-Att:

Iżda dan l-artikolu ma jkunx jgħodd -

(a) meta joħroġ mill-kuntratt u miċ-cirkostanzi kollha relevanti li l-kumpens stabbilit skond dak il-kuntratt kien qabel ipprovda għal dak it-tibdil jew li l-partijiet kienu eskludew kull tibdil fil-kumpens minħabba l-imsemmija differenza;

(b) meta jew sal-limitu li l-provvista msemmija kienet dovuta li ssir, skond l-istess kuntratt, qabel id-data effettiva u d-dewmien kien dovut għal xi nuqqas mill-persuna li tagħmel dik il-provvista.

Ħlas lura ta' taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet ta' ħażniet kummerċjali.

90. (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi li għandu jsir ħlas lil persuni reġistrati li jkun jaqbel mal-valur jew ta' stima tal-valur jew parti minnu ta' taxxa tas-sisa li kellha titħallas u tħallset u ma tħallsitx lura jew ma għandhiex mod ieħor titħallas lura fuq oġġetti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

(2) Dak il-ħlas ma għandux isir lil persuni reġistrati li huma klassifikati bħala persuni eżentati jew li jkunu hekk ġew klassifikati fi żmien sitt xhur mid-data effettiva u lil persuni li ma jissodisfawx u ma jimxux mal-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti fl-imsemmija regolamenti.

(3) Il-ħlas għandu isir matul dak iż-żmien u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt.

L-EWWEL SKEDA

Artikolu 5(2)

Attivitajiet ta' Awtoritajiet Pubblici

L-attivitajiet imniżżla fit-tieni kolonna tal-awtoritajiet pubblici mniżżla fl-ewwel kolonna ta' din l-Iskeda għandhom jitqiesu li huma attivitajiet ġestiti fit-twettieq jew fit-tkomplija ta' attività ekonomika.

L-ewwel kolonna Awtorità pubblika	*It-tieni kolonna* Attivitajiet
Bank Ċentrali ta' Malta	Manifattura u bejgħ ta' muniti numismatiċi u midalji
Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi	L-attivitajiet kollha
Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili	Provvista ta' servizzi meteoroloġiċi
Dipartiment tad-Dwana	Bejgħ ta' vetturi bil-mutur maqbuda mid-dwana
Dipartiment ta' l-Edukazzjoni	Akkomodazzjoni għal żgħażagħ u studenti li jkunu għal żjara f'Malta
Dipartiment ta' l-Industrija	Analisi fil-laboratorju Eżamijiet għall-kwalità u ħruġ ta' ċertifikati għall-oġġetti esportati Għoti ta' pariri tekniċi li għandhom x'jaqsmu ma' diffikultajiet tekniċi lill-industriji privati
Dipartiment ta' l-Informazzjoni	Servizz ta' stampar lid-dipartimenti tal-gvern u korpi parastatali Bejgħ tal-Gazzetta u pubblikazzjoni oħra lil dipartimenti tal-gvern, korpi parastatali u lill-pubbliku
Dipartiment tas-Saħħa	Dħul u kura fl-isptar lill-pazjenti barranin Investigazzjonijiet patoloġiċi u radjoloġiċi Bejgħ ta' mediċini u tilqim Kiri ta' ambulanzi Bejgħ u tindif ta' siti ta' oqbra
Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi	Legar ta' kotba u bejgħ ta' ħobż

Forzi Armati ta' Malta	Kiri ta' *patrol boats* lill-privat Kiri ta' *helicopters* lill-privat Spezzjonijiet ta' qxur ta' bastimenti minn bugħaddasa Dmirijiet ta' sigurtà mal-banek u attivitajiet simili
It-Tarzna ta' Malta	Attivitajiet kollha
Ministeru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd	Ħlas ta' kwarantina Bejgħ ta' trab tal-ħalib, bajd u prodotti magħmula mill-ħalib Bejgħ ta' ħaxix Bejgħ ta' bhejjem Bejgħ ta' pjanti dekorattivi, siġar tal-frott, żraġen, xtieli tal-frott, pjanti u fjuri Bejgħ ta' qamħ, tiben u demel Bejgħ ta' ħut u tagħmir għas-sajd Servizzi ta' ilma tal-*bowser* Servizzi ta' tilqim, żbir u bexx Kiri u provvista ta' faċilitajiet għall-friża u bejgħ ta' silġ Servizzi ta' biċċerija
Ministeru għall-Affarijiet tal-Familja	Provvista ta' kura residenzjali u *nursing* Provvista ta' komunikazzjonijiet bit-telefon
Ministeru għall-Ambjent	Jaġixxi bħala kuntrattur għal servizzi ta' tindif Bejgħ ta' *compost* Bejgħ ta' dokumenti għall-offerti Tiswija ta' ħsarat Xogħol ta' matrudaxxa Kiri ta' tagħmir u vetturi Oġġetti fis-sengħa tal-metall Tiswija ta' tagħmir u vetturi Bejgħ ta' pjanti
Ministeru għat-Turiżmu	Bejgħ ta' ikel imsajjar minn studenti bħala parti mit-tagħlim tagħhom ta' kuljum Faċilitajiet għal akkomodazzjoni ta' gruppi ta' studenti jew ta' individwi

IT-TIENI SKEDA

Artikolu 6

Provvista ta' Oġġetti u Servizzi

Permuta

1. F'kuntratt ta' permuta kull parti għandha titqies li tagħmel provvista ta' kull oġġett u servizz li tagħti jew tipprovdi wara u skond dak il-kuntratt.

Kunsinna fi żmien imtawwal

2. Il-kunsinna tal-pussess ta' oġġetti wara u skond ftehim għall-bejgħ ta' dawk l-oġġetti fi żmien imtawwal għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Hire purchase

3. Il-kunsinna tal-pussess ta' oġġetti wara u skond ftehim għall-kiri ta' dawk l-oġġetti għal ċertu żmien bi ħsieb espress li l-proprjetà ta' dawk l-oġġetti tgħaddi għal għand l-iehor f'waqt li ma jkunx iktar tard mid-data meta jkun tħallas il-prezz miftiehem kollu għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Provvisti b'xejn

4. (1) It-trasferiment jew tneħħija mingħajr korrispettiv minn persuna ta' l-attiv li jagħmel parti mill-attiv ta' l-attività ekonomika tagħha u inkluż it-trasferiment jew tneħħija ta' dak l-attiv minn dik il-persuna lilha innifisha għandhom jitqiesu bħala provvista ta' dak l-attiv li ssir b'korrispettiv fil-kors jew fl-avvanz ta' dik l-attività.

(2) Il-valur taxxabbli ta' provvista li għalih japplika il-paragrafu (1) ta' din il-partita għandu jkun il-prezz li jkollu jitħallas minn dik il-persuna kieku jkollu jixtri fiż-żmien ta' dik il-provvista oġġetti identiċi jew simili għall-oġġetti involuti, jew, meta l-valur ma jkunx jista' jiġi hekk aċċertat, in-nefqa sabiex jiġu prodotti dawk l-oġġetti f'dak iż-żmien.

(3) Il-paragrafu (1) ta' din il-partita ma japplikax għal -

(a) rigal ta' oġġetti magħmul fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività, minbarra meta dak ikun jagħmel sehem minn għadd ta' rigali li jsiru lill-istess persuna, meta in-nefqa li d-donatur jagħmel ma' tkunx ta' iktar minn għoxrin lira;

(b) rigal li jkun kampjun industrijali f'għamla li l-pubbliku ma jkunx jista', normalment isibha għall-bejgħ;

(ċ) trasferiment jew tneħħija ta' attiv li tkun ġiet akkwistata bħala attiv fiss fl-istess kondizzjoni ħlief għal xedd u kedd minn persuna meta jirriżulta mir-

records ta' l-attività ekonomika ta' dik il-persuna li ma kinetx tikkwalifika għal u ma talbetx xi kreditu ta' *input tax* skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jew xi ħlas lura skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, dwar l-akkwist ta' dak l-attiv.

Użu privat

5. Meta xi oġġetti li jagħmlu sehem mill-attiv ta' attività ekonomika imwettqa minn persuna jintużaw minn (iżda mhux trasferiti lil) dik il-persuna stess jew minn xi persuna oħra għal xi għan li ma jkunx l-għan ta' dik l-attività ekonomika, sew jekk jitħallas jew ikollu jitħallas xi korrispettiv jew le, il-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività għandha titqies bħala li tkun għamlet provvista ta' servizzi b'korrispettiv fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività. Il-valur taxxabbli ta' dik il-provvista għandu jkun in-nefqa sħiħa li tiġi lil dik il-persuna sabiex jiġu provduti dawk is-servizzi.

Provvista b'korrispettiv ta' attiv li jagħmel sehem minn attività ekonomika

6. It-trasferiment jew tneħħija b'korrispettiv minn persuna ta' attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika tagħha inkluż:

(a) it-trasferiment jew tneħħija ta' dak l-attiv minn persuna lilha innifisha;

(b) il-bejgħ b'irkant fil-Qorti skond kull proċediment mibdi minn kreditur jew kredituri ta' dik il-persuna;

(ċ) it-trasferiment ta' dak l-attiv bi ħlas ta' korrispettiv b'ordni magħmul minn jew f'isem awtorità pubblika skond il-liġi,

għandu jitqies bħala provvista ta' dak l-attiv fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività ekonomika:

Iżda meta jirriżulta mir-*records* ta' dik l-attività ekonomika li dik il-persuna kienet akkwistat dak l-attiv bħala attiv fiss fl-istess kondizzjoni ħlief għal xedd u kedd u ma kinetx tikkwalifika għal u ma talbetx xi kreditu ta' *input tax* skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' l-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jew xi ħlas lura skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, dwar l-akkwist ta' dak l-attiv il-valur taxxabbli ta' dik il-provvista għandu ikun limitat għall-eċċess, jekk ikun hemm, ta' dak il-korrispettiv fuq il-prezz li bih kien akkwistat dak l-attiv.

Irkant ġudizzjarju

7. (1) Meta jinbiegħ attiv li jagħmel parti mill-attività ekonomika ta' persuna permezz ta' bejgħ fl-irkant fil-qorti wara u skond kull proċediment mibdi minn kreditur jew kredituri ta' dik il-persuna, ir-Reġistratur tal-qorti li taħt l-awtorità tagħha jaqa'

dak il-bejgħ għandu jħallas, wara li jinnotifika b'dan lill-persuna jew persuni li jidhru li jkollhom interess fil-kwistjoni, lill-Kummissarju mir-rikavat li jiġi depożitat fil-qorti, bi preferenza fuq kull persuna oħra li ma jkollhiex preċedenza fuq it-talba tal-Kummissarju kif hemm provdut fl-artikolu 62 ta' dan l-Att it-taxxa li jkollha titħallas, jekk ikun hemm, fuq il-provvista li titqies li tkun saret skond il-partita 6 ta' din l-Iskeda.

(2) Jista' jagħmel oppożizzjoni li jsir il-ħlas imsemmi fil-paragrafu (1) ta' din il-partita kull min ikollu interess fil-kwistjoni u dan bil-mezz ta' ċitazzjoni li ssir kontra il-Kummissarju fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika imsemmija f'dak il-paragrafu.

(3) Ma għandha tiġi approvata ebda offerta *animo compensandi* għall-għanijiet ta' l-artikolu 331 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kemm-il darba it-taxxa li jkollha titħallas, jekk ikum hemm, fuq dik il-provvista ma tkunx ġiet depożitata fil-qorti u mħallsa mir-Reġistratur skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita.

Għeluq tan-negozju u klassifikazzjoni bħala persuna eżentata

8. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12 u tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, meta ir-reġistrazzjoni ta' persuna li ma tkunx persuna eżentata tiġi mħassra jew meta persuna reġistrata tiġi klassifikata bħala persuna eżentata f'data li ma tkunx dik id-data tar-reġistrazzjoni tagħha taħt dan l-Att, għandha titqies li tkun għamlet provvista, minnufih qabel dak it-tħassir, ta' l-attiv kollu li kien jagħmel parti mill-attività ekonomika tagħha f'dak iż-żmien u għandhom japplikaw il-partiti 4 u 5 ta' din l-Iskeda.

Trasferiment ta' negozju vijabbli

9. (1) It-trasferiment li persuna reġistrata tagħmel ta' l-attiv ta' l-attività ekonomika tagħha ma għandha titqies la bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi jekk -

(a) l-attiv jiġi provdut lil persuna reġistrata li lilha tagħmel it-trasferiment ta' l-attività ekonomika tagħha, jew parti minn dik l-attività li tkun tista' titħaddem separatament, bħala negozju vijabbli, u

(b) kull attiv bħal dak għandu jintuża minn min isirlu it-trasferiment fit-twettieq ta' l-istess xorta ta' attività, sew bħala parti minn attività ekonomika li teżisti sew jekk le, bħal dik li titwettaq minn min jagħmel it-trasferiment, u

(ċ) dak it-trasferiment jiġi reġistrat fid-dokumentazzjoni ta' min jagħmel it-trasferiment billi jindika in-numru ta' reġistrazzjoni ta' min ikun sarlu it-trasferiment.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-partiti 4 u 6 ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-partita.

Provvisti minn aġenti indipendenti

10. Meta isiru provvisti ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' aġent li jaġixxi f'ismu stess dik il-provvista għandha titqies kemm bħala provvista lil dak l-aġent u provvista minn dak l-aġent.

Provvisti minn intermedjarji

11. Meta provvista issir permezz ta' intermedjarju li jaġixxi f'isem u għal persuna oħra u sal-limitu li l-Kummissarju ikun sodisfatt li l-provvista issir kif imsemmi qabel, dik il-provvista għandha titqies bħala provvista magħmula minn dik il-persuna l-oħra.

Kuntratt ta' xogħlijiet

12. Il-kunsinna ta' oġġetti wara u skond kuntratt ta' xogħlijiet, minbarra kuntratt ta' kostruzzjoni, sew jekk il-materjal ikun ġie provdut kollu kemm hu jew f'parti minnu mill-kompratur sew jekk le, għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Drittijiet fuq proprjetà

13. (1) It-trasferiment ta' attiv li jkun definit mil-liġi bħala proprjetà immobbli għandu jitqies bħala provvista ta' oġġetti: iżda konċessjoni ta' ċens għal inqas minn ħamsin sena għandha titqies bħala provvista ta' servizzi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita l-assenjament ta' kull jedd fuq proprjetà jew ta' kull proprjetà intanġibbli sew jekk tkun is-suġġett ta' dokument li jistabbilixxi t-titolu sew jekk le huwa provvista ta' servizzi.

Obbligazzjoni li jieqaf att jew li jiġi tollerat att

14. Obbligazzjoni li jieqaf att jew li jiġi tollerat att jew sitwazzjoni hija provvista ta' servizzi.

Provvisti inċidentali

15. (1) Il-provvista minn persuna ta' oġġetti għall-għan u fil-kors ta' servizzi ta' manutenzjoni jew tiswija provvisti minn dik il-persuna għandhom jitqiesu bħala parti minn dawk is-servizzi.

(2) Salv kif hemm provdut mod ieħor fl-Att jew f'xi regolamenti magħmula taħt l-Att, meta provvista tkun tinkludi l-provvista sew ta' oġġetti sew ta' servizzi u l-korrispettiv għal dik il-provvista ma jkunx jiddistingwi bejn il-korrispettiv għall-oġġetti u il-korrispettiv għas-servizzi, il-provvista għandha titqies bħala provvista ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi skond ix-xorta prinċipali ta' dik il-provvista.

IT-TIELET SKEDA

Artikolu 7

Lok ta' Provvista ta' Servizzi

Regola ġenerali

1. Ħlief kif provdut mod ieħor f'din l-Iskeda provvista ta' servizzi għandha titqies bħala li tkun saret fil-pajjiż fejn il-persuna li tagħmel il-provvista tkun qegħda stabbilita.

Servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà immobbli

2. Provvista ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà immobbli, inklużi s-servizzi ta' perit arkitett, aġent tal-proprjetà immobbiljari jew espert, prezzatur jew stimatur, xogħol ta' bini u sorveljar fuq is-sit ta' xogħol ta' bini għandhom jitqiesu bħala li jkunu saru fil-pajjiż fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

Trasport

3. Provvista ta' servizzi ta' trasport għandha titqies li tkun saret fil-lok fejn jibda il-vjaġġ.

Servizzi meqjusa li provduti fejn ikunu twettqu materjalment

4. Provvista ta' servizzi elenkati f'din il-partita għandha titqies li tkun saret fil-pajjiż fejn ikunu materjalment twettqu l-attivitajiet:

(a) attivitajiet kulturali, artistiċi, sportivi, xjentifiċi, edukattivi u ta' divertiment, l-attivitajiet ta' promoturi u organizzaturi ta' l-imsemmija attivitajiet, u kull attività li għandha x'taqsam ma' dawn;

(b) attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport, bħalma huma t-tagħbija, ħatt u maniġġ;

(ċ) il-valutazzjoni ta' proprjetà mobbli tanġibbli;

(d) xogħol li jsir fuq proprjetà tanġibbli.

Kiri ta' proprjetà mobbli tanġibbli

5. Provvista ta' servizzi li tkun tikkonsisti fil-kiri ta' proprjetà mobbli tanġibbli, bl-eċċezzjoni ta' kull għamla ta' trasport, għandha titqies li tkun saret fil-pajjiż fejn il-proprjetà tintuża mill-kerrej.

Servizzi provduti fejn ix-xerrej huwa stabbilit

6. Il-provvista ta' servizzi elenkati f'dan il-paragrafu għandha titqies li tkun saret fil-pajjiż fejn ix-xerrej li jingħatawlu jew għalih jintgħamlu is-servizzi ikun qiegħed stabbilit:

(a) it-trasferiment jew assenjament ta' *copyright, patent, trademark,* isem kummerċjali jew liċenzja jew ta' kull dritt li għandu x'jaqsam magħhom;

(b) servizzi ta' reklamar;

(ċ) servizzi ta' konsulenti, inġinieri, *consultancy bureaus*, avukati, prokuraturi legali, *accountants*, awdituri, konsulenti finanzjarji, *data processing* u x-xandir ta' tagħrif;

(d) obbligazzjonijiet biex wieħed jieqaf milli jwettaq jew jaħdem għal kollox jew f'parti f'xi attività ekonomika;

(e) transazzjonijiet bankarji, finanzjarji, assigurattivi u ri-assigurattivi, minbarra il-kiri ta' fond sabiex fih jiġu depożitati b'mod fiż-żgur kull oġġett jew dokument;

(f) il-provvista ta' personnel;

(ġ) is-servizzi ta' aġent li jaġixxi f'isem u minflok ħaddieħor, meta huwa jipprokura għall-prinċipal tiegħu xi wieħed mis-servizzi msemmija f'din il-partita.

IR-RABA' SKEDA

Artikolu 9 (1)

Provvisti Eżentati

TAQSIMA WIEHED

Eżenzjonijiet bil-Kreditu

1. *Oġġetti esportati*

(1) Il-provvista ta' oġġetti li tikkonsisti fl-esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti minn min jagħmel il-provvista.

(2) Il-provvista ta' oġġetti lil persuna stabbilita f'Malta li tiġġestixxi n-negozju ta' organizzazzjoni jew finanzjar ta' l-esportazzjoni ta' oġġetti, bil-għan ta' l-esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti minn dik il-persuna mingħajr il-kunsinna attwali ta'

dawk l-oġġetti lil dik il-persuna, sakemm l-oġġetti jiġu fil-fatt esportati mingħajr ebda proċessar jew tibdil fihom u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, provi jew garanziji li l-Kummissarju jista' jordna jew jeħtieġ.

2. *Servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti esportati u importati*

(1) Il-provvista ta' servizzi fil-ksib għal persuna taxxabbli ta' l-esportazzjoni ta' oġġetti minn Malta jew il-provvista ta' oġġetti jew servizzi barra minn Malta.

(2) Il-provvista ta' servizzi lil persuna stabbilita barra minn Malta li tikkonsisti f'xogħol fuq proprjetà mobbli tanġibbli li tkun importata bil-għan li jsir dak ix-xogħol fuqha f'Malta u li tkun esportata minn Malta mill-persuna li tkun għamlet il-provvista ta' dawk is-servizzi jew mix-xerrej tagħha.

(3) Il-provvista ta' servizzi lil persuna stabbilita barra minn Malta fil-ksib ta' l-importazzjoni ta' oġġetti f'Malta.

3. *Oġġetti f'depożt, provvisti minn ħwienet ħielsa minn dazju u attivitajiet ta' Port Ħieles*

(1) Bejgħ ta' oġġetti li jsir fil-waqt li l-oġġetti jkunu f'depożt tad-dwana u li jagħmel il-Kontrollur tad-Dwana bis-saħħa ta' l-artikolu 36 ta' l-Ordinanza tad-Dwana jew ta' kull dispożizzjoni li temenda jew tissostitwixxi lil dak l-artikolu.

(2) Il-provvista ta' oġġetti u servizzi minn operatur ta' ħanut ħieles minn dazju bis-saħħa ta', u skond liċenzja maħruġa taħt ir-regolamenti ta' l-1991 dwar Ħanut Ħieles minn Dazju (A.L. 177 ta' l-1991), jew taħt kull dispożizzjoni oħra li tidħol minflok dawk ir-regolamenti.

(3) Provvista minn kumpanija ta' oġġetti u servizzi li sseħħ f'żona ta' Port Ħieles kif imfissra fl-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta meta dik il-provvista tkun tikkostitwixxi attività li l-imsemmija kumpanija ikollha liċenzja sabiex twettaqha skond dak l-Att.

4. *Servizzi fil-port*

Il-provvista ta' servizzi mill-Awtorità Marittima ta' Malta, inkluż:

(a) il-ħruġ ta' liċenzi u ċertifikati, li għandhom x'jaqsmu ma' kull ma għandu x'jaqsam ma' portijiet u ċentri tal-*yachting* skond l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Att XVII ta' l-1991) u r-regolamenti magħmula taħt l-istess Att, jew skond ftehim speċjali milħuq mill-imsemmija Awtorità għar-rigward ta' kull ħaġa imsemmija f'dawk ir-regolamenti u li jkun jipprovdi għal xi ħlasijiet minflok xi rati li jinġabru taħt dawk l-istess regolamenti;

(b) il-ħruġ ta' liċenzi u ċertifikati, li għandhom x'jaqsmu ma' kull ma għandu x'jaqsam ma' xogħol fil-port, skond l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-

Port (Kap. 171), u ta' kull regolament magħmul taħt dik l-Ordinanza jew skond ftehim speċjali milħuq mill-imsemmija Awtorità għar-rigward ta' kull ħaġa imsemmija f'dawk ir-regolamenti u li jkun jipprovdi għal xi ħlasijiet minflok xi rati li jingabru taħt dawk l-istess regolamenti;

(ċ) il-ħruġ ta' ċertifikati u l-għoti ta' reġistrazzjoni, li għandha x'taqsam mar-reġistrazzjoni ta' bastimenti u li jingħataw skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234), u kull regolament magħmul bis-saħħa ta' l-istess Att.

5. *Trasport internazzjonali*

Il-provvista ta' servizzi li jikkonsistu fit-trasport internazzjonali ta' oġġetti u passiġġieri.

6. *Il-provvista u għoti ta' karburanti lil bastimenti u inġenji ta' l-ajru*

(1) Il-provvista ta' oġġetti għall-għoti ta' karburanti u proviżjon ta' bastimenti li jivvjaġġaw fil-bogħod bil-baħar bil-għan li jwettqu attivitajiet kummerċjali, industrijali jew ta' sajd, ta' opri li jintużaw sabiex jeħilsu u jagħtu għajnuna fuq il-baħar, u ta' inġenji ta' l-ajru li jintużaw minn linji ta' l-ajru li joperaw b'korrispettiv fit-traffiku internazzjonali.

(2) L-għoti ta' karburanti lil dgħajjes li jintużaw għal sajd fl-ibħra lokali.

7. *Provvista, tiswija eċċ. ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru*

(1) Il-provvista, tiswija, tibdil, *chartering* u kiri ta' bastimenti jew inġeni ta' l-ajru msemmija fil-paragrafu (1) tal-partita 6 ta' din l-Iskeda, u il-provvista, kiri, tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir, inkluż tagħmir tas-sajd, inkorporati jew użati fihom.

(2) Il-provvista ta' servizzi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu (1) ta' din il-partita, sabiex jitwettqu il-ħtiġiet diretti tal-bastimenti u inġenji ta' l-ajru msemmija f'dak il-paragrafu jew tal-merkanzija tagħhom.

8. *Ikel*

Il-provvista ta' ikel, kif imfisser fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda, minbarra provvista ta' ikel fil-kors ta' *catering* kif imfisser f'dik il-Parti, iżda inkluża il-provvista ta' ikel minn *canteen*, li jkun jinsab f'area tax-xogħol jew studju u li esklużivament iservi ikel lil ħaddiema u studenti f'dak il-post.

9. *Oġġetti farmaċewtiċi*

Il-provvista ta' oġġetti farmaċewtiċi, kif imfisser fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda.

10. *Saħħa u welfare*

(1) Il-provvista ta' servizzi minn persuna fl-eżerċizzju ta' professjoni regolata bl-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31).

(2) L-għoti ta' ħarsien jew kura medika jew kirurġija f'xi sptar jew istituzzjoni tal-Gvern jew f'kull sptar jew istituzzjoni oħra li jiġu approvati mill-Ministru għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu.

(3) Il-provvista ta' organi umani, demm uman u ħalib uman.

(4) Il-provvista ta' servizzi tal-*welfare*, magħdudin servizzi mogħtija minn djar għal persuni anzjani u djar għal persuni li jbatu minn xi inkapaċità fiżika jew mentali permanenti, u servizzi għall-protezzjoni u ħarsien tat-tfal, żgħażagħ u persuni li jbatu minn xi inkapaċità fiżika jew mentali permanenti, mogħtija minn istituzzjoni tal-Gvern jew minn istituzzjoni jew organizzazzjoni li jingħataw għarfien mill-Kummissarju bħala istituzzjoni li ma għandhiex l-għan li tagħmel profitt jew approvata mill-Ministru għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu bħala istituzzjoni li l-attivitajiet tagħha jaqgħu fi ħdan il-politika soċjali u *welfare policy* tal-Gvern.

(5) Il-provvista ta' servizzi ta' trasport għall-morda, miġruħin jew persuna b'diżabilità b'vetturi attrezzati proprju għal dak il-għan.

(6) Il-provvista ta' oġġetti meta dik il-provvista ikollha x'taqsam mal-provvista ta' servizzi imsemmija fil-paragrafi (2) u (4) ta' din il-partita u tkun essenzjali għall-isptar, istituzzjoni jew dar, skond il-każ, li jkunu qegħdin jipprovdu dawk is-servizzi.

11. *Edukazzjoni*

(1) Il-provvista ta' edukazzjoni jew riċerka edukattiva, inkluż tagħlim li jsir f'ċertu distanza, minn skola jew istituzzjoni tal-Gvern, mill-Università ta' Malta, minn skola jew istituzzjoni reġistrata taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) jew minn kull stabbiliment edukattiv li jkollu għarfien bħala hekk mill-Kummissarju.

(2) Il-provvista ta' edukazzjoni jew riċerka edukattiva, inkluż tagħlim li jsir f'ċertu distanza, tal-għamla provduti minn skola jew università, jew ta' tagħlim reliġjuż, minn istituzzjoni li ma jkollhiex bħala għan li tagħmel il-profitti, u li jkollha dak l-għarfien mill-Kummissarju.

(3) Tagħlim privat mogħti minn għalliema li jaġixxu f'kapaċità individwali f'suġġetti li s-soltu jiġu mgħallma fil-kors ta' edukazzjoni provduta minn skola jew università iżda eskluż it-tagħlim f'attivitajiet jew dixxiplini rikreattivi, fiżiċi jew sportivi.

12. *Servizzi minn każini tal-banda*

Il-provvista ta' servizzi li tikkonsisti f'esekuzzjonijiet pubbliċi minn soċjetà filarmonika sakemm il-Kummissarju ikun sodisfatt li tkun tikkostitwixxi każin tal-banda *bona fede*.

13. *Trasport*

Il-provvista ta' —

(a) trasport provvist minn *scheduled bus service* li jkun jikkonsisti fi vjaġġi *scheduled* fuq rotot *scheduled*;

(b) vjaġġi bil-baħar *scheduled* bejn ġżira u oħra provvisti minn trasportaturi awtorizzati;

(ċ) trasport għal skola provvist minn stabbiliment edukattiv li għandu l-għarfien bħala hekk tal-Kummissarju jew li jiġi provdut minn xi stabbiliment bħal dak bil-għan li jiġi provdut minnu bħala trasport għal skola u trasport għal skola organizzat jew provvist minn uffiċċju ċentrali;

(d) Trasport provdut jew organizzat minn prinċipal jew minn uffiċċju ċentrali biex jittrasporta l-impjegati minn u lejn il-post tax-xogħol tagħhom u li għandu l-għarfien bħala hekk mill-Kummissarju.

Fil-paragrafu (ċ) u (d) ta' din il-partita "uffiċċju ċentrali" għandu jkollu t-tifsira mogħtija bl-Avviż Legali Nru. 144 ta' l-1991 jew f'xi regolamenti oħra li jissostitwixxu dak l-Avviż Legali.

14. *Servizzi ta' Investiment*

Il-provvista ta' kull servizz speċifikat fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment.

15. *Provvista ta' deheb*

Il-provvista ta' deheb lil u mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

16. *Oġġetti stampati u oġġetti oħra*

(1) Il-provvista ta' kotba, gazzetti, oġġetti stampati u oġġetti oħra li jaqgħu taħt it-tifsira ta' "Oġġetti stampati u oġġetti oħra" li tinsab fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda.

(2) Il-provvista ta' informazzjoni elettronika, manjetika, ottika jew kull informazzjoni oħra li tinqara permezz ta' makni li, meta tiġi stampata, ikollha il-

karatteristika ta' kotba, gazzetti u ta' xi għamla oħra ta' oġġetti stampati li jaqgħu taħt it-tifsira ta' "Oġġetti stampati u oġġetti oħra" li tinsab fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda.

17. *Oġġetti msemmija fil-partita 8 tal-Ħames Skeda*

Il-provvista ta' oġġetti msemmija fil-partita 8 tal-Ħames Skeda.

TAQSIMA TNEJN

Eżenzjonijiet bla kreditu

1. *Proprjetà immobbli*

(1) Il-kiri ta' proprjetà immobbli minbarra -

(a) il-kiri jew l-għoti ta' akkomodazzjoni f'kull fond li għall-għan ta' dak il-kiri jew dik l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jkollu liċenzja bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel (Kap 197), jew ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala (Kap. 240), jew ġewwa *holiday camp* jew *camping site*;

(b) il-kiri ta' fondi u siti għall-*parking* ta' vetturi meta dawk il-fondi jew siti jkunu ġew dikjarati mill-Kummissarju li huma *parking areas* jew li jmisshom jitqiesu bħala hekk skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti;

(ċ) il-kiri ta' tagħmir u makkinarju installat b'mod permanenti;

(d) il-kiri ta' proprjetà minn *limited liability company* minn persuna reġistrata għall-għanijiet ta' l-attività ekonomika ta' dik il-persuna l-oħra.

(2) It-trasferiment ta' proprjetà immobbli.

(3) Għall-għanijiet ta' din il-partita "proprjetà immobbli" u kiri ta' proprjetà immobbli" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda.

2. *Servizzi ta' assigurazzjoni*

Il-provvista minn persuni liċenzjati taħt l-Att ta' l-1998 dwar Intraprizi ta' Assigurazzjoni jew l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* ta' l-Assigurazzjoni (Att XVIII ta' l-1998) ta' servizzi li dwarhom huma hekk liċenzjati.

3. *Servizzi ta' kreditu, bankarji u oħrajn*

(1) L-għoti u in-negozjar ta' kreditu u l-*credit management* mill-persuna li tkun tat dak il-kreditu.

(2) In-negozjar jew kull għamil ta' negozju fi *credit guarantees* jew kull garanzija oħra dwar flus u l-*credit guarantees management* mill-persuna li tkun qed tagħti dak il-kreditu.

(3) Transazzjonijiet, inkluż negozjar, dwar kontijiet ta' depożitu u korrenti, ħlasijiet, trasferimenti, djun, *cheques* u strumenti negozjabbli oħra, iżda eskluż il-ġbir u *factoring* ta' djun.

(4) Transazzjonijiet, inkluż negozjar, dwar flus li jiċċirkolaw, noti bankarji u muniti li normalment jintużaw fil-pajjiż.

(5) Transazzjonijiet, inkluż negozjar, eskluż *management u safekeeping*, f'ishma, parteċipazzjoni f'kumpaniji jew assoċjazzjonijiet, *debentures* u titoli oħra, eskluži dokumenti li jistabbilixxu titolu għal oġġetti:

Iżda ebda ħaġa f'din il-partita ma għandha titqies li tmur aktar 'l hemm mid-dispożizzjonijiet tal-partita 14 ta' Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda.

4. *Servizzi ta' telefonija bil-fil*

Il-provvista ta' servizzi li tikkonsisti f'telefonija bil-fil.

5. *Kultura*

Il-provvista ta' dawk is-servizzi kulturali li jistgħu jiġu approvati mill-Ministru.

6. *Sports*

Il-provvista minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt ta' dawk is-servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' rikreazzjoni portiva jew fiżika kif tista' tiġi approvata mill-Ministru.

7. *Servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti servizzi eżentati*

(1) Il-provvista ta' *personnel* minn istituzzjoni li ma tagħmilx profitt li jkollha dak l-għarfien mill-Kummissarju bil-għan li tipprovdi servizzi imsemmijin fil-paragrafu (2) jew (4) tal-partita 10 jew tal-paragrafu (1) jew (2) tal-partita 11 ta' Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda.

(2) Il-provvista ta' oġġetti u servizzi minn organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt fil-kors ta' attività maħsuba għall-ġbir ta' fondi li jintużaw għall-provvista ta' oġġetti u servizzi li huma eżentati skond il-paragrafu (2) jew (4) tal-partita 10 jew skond il-paragrafu (1) jew (2) tal-partita 11 ta' Taqsima Wieħed ta' din l-Iskeda: sakemm dik l-attività jkollha l-għarfien tal-Kummissarju li tkun b'mod esklussiv maħsuba għal dak il-għan.

8. *Servizzi minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt lill-membri tagħhom*

Il-provvista ta' servizzi għal benefiċċju tal-membri tagħhom wara li jsir ħlas li jiġi stabbilit skond ir-regoli ta' organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt b'għanijiet ta' xorta politika, ta' *trade union*, patrijottika, filosofika, filantropika jew ċivika jew li l-għan ewlieni tagħhom ikun li jirrappreżentaw u jġibu 'l quddiem is-sehem komuni jew interessi personali tal-membri tagħhom: iżda f'kull każ meta, fil-fehma tal-Ministru, dik l-eżenzjoni x'aktarx tikkaġuna tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, dik l-eżenzjoni għandha tkun suġġetta għal dawk l-eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet li l-Ministru jista' b'ordni bil-miktub jistabbilixxi.

9. *Lotteriji*

Lottu u lotteriji tal-Gvern, il-provvista ta' servizzi ta' aġenziji li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u dawk il-provvisti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-logħob ta' l-azzard li l-Ministru jista' japprova.

TAQSIMA TLIETA

Tifsiriet ta' espressjonijiet użati f'din l-Iskeda

Għall-għanijiet ta' din l-Iskeda, l-espressjonijiet mogħtija f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda għandu jkollhom it-tifsira lilhom mogħtija f'din it-Taqsima.

1. *Ikel*

"Ikel" tfisser l-oġġetti speċifikati fit-Tariffa ta' d-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt:

(i) Kapitolu 1 iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi
0101.11.00.00; 0101.19.90.10; 0105.11.11.10;
0105.11.19.10; 0105.11.91.10; 0105.11.99.10; 0105.12.00.10;
0105.19.20.10; 0105.19.90.10; 0105.92.00.10; 0105.93.00.10;
0105.99.10.10; 0105.99.20.10; 0105.99.30.10; 0105.99.50.10;
0106.00.20.90; 0106.00.90.00.

(ii) Kapitoli 2 sa 4 inklużi, iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi 0301.10.10.00; u 0301.10.90.00 f'Kapitolu 3.

(iii) Affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi
0504.00.00.00; 0505.90.00.10; 0506.90.00.10; 0508.00.00.10;
0510.00.10.00; 0511.10.00.00; 0511.91.10.00; 0511.91.90.10;
0511.99.50.00 0511.99.80.00 f'Kapitolu 5.

(iv) Affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi
0601.20.10.00; 0602.10.10.00; 0602.20.10.00 0602.20.90.00;
0602.90.10.00; 0602.90.20.00; 0602.90.30.00 f'Kapitolu 6.

(v) Kapitoli 7 sa 12 inklużi, iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi 1209.30.00.00; 1209.99.91.00; 1209.99.99.00 f'Kapitolu 12.

(vi) Kapitolu 13 iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestatura 1301.10.00.00.

(vii) Kapitoli 15 sa 20 inklużi, iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi

1501.00.11.00; 1502.00.10.00; 1503.00.11.00; 1503.00.30.00;
1505.10.00.00; 1505.90.00.00; 1507.10.10.00; 1507.90.10.00;
1508.10.10.00; 1508.90.10.00; 1511.10.10.00; 1511.90.91.00;
1512.11.10.00; 1512.19.10.00; 1512.21.10.00; 1512.29.10.00;
1513.11.10.00; 1513.19.30.00; 1513.21.11.00; 1513.21.19.00;
1513.29.30.00; 1514.10.10.00; 1514.90.10.00; 1515.11.00.00;
1515.19.10.00; 1515.21.10.00; 1515.29.10.00; 1515.30.10.00;
1515.30.90.00; 1515.40.00.00; 1515.50.11.00; 1515.50.91.00;
1515.60.10.00; 1515.60.90.00; 1515.90.10.00; 1515.90.21.00;
1515.90.31.00; 1515.90.40.00; 1515.90.60.00; 1516.20.10.00;
1518.00.10.00; 1518.00.31.00; 1518.00.39.00; 1518.00.91.00;
1518.00.95.00; 1518.00.99.00; 1521.10.10.00; 1521.10.90.00;
1521.90.10.00; 1522.00.31.00; 1522.00.39.00; 1522.00.91.00;
1522.00.99.00 f'Kapitolu 15.

(viii) Kapitolu 21 iżda eskluż affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi

2106.90.20.42; 2106.90.20.44; 2106.90.20.46; 2106.90.20.48;
2106.90.20.49; 2106.90.20.92; 2106.90.20.95; 2106.90.20.98;
2106.90.98.42; 2106.90.98.46; 2106.90.98.49.

(ix) Is-subintestaturi

2202.90.10.11; 2202.90.10.31; 2202.90.10.39; 2202.90.91.11;
2202.90.95.11; 2202.90.99.11; 2202.90.99.40; 2209.00.11.00;
2209.00.19.00; 2209.00.91.00; 2209.00.99.00 f'Kapitolu 22.

(x) Kapitolu 23.

(xi) Is-subintestaturi

2501.00.10.00; 2501.00.91.00; f'Kapitolu 25.

(xii) Is-subintestaturi

3301.90.21.00; 3301.90.29.00; 3301.90.39.00; 3302.10.21.00;
3302.10.29.91; 3302.10.29.93; 3302.10.40.00; 3302.10.90.00
f'Kapitolu 33.

2. *Il-provvista ta' ikel fil-kors ta' catering*

(1) "Il-provvista ta' ikel fil-kors ta' *catering*" tfisser ikel li jkun tajjeb għall-konsum immedjat, sew jekk dak l-ikel jiġi kunsmat fil-post fejn ikun provdut sew jekk le, li jikkonsisti fi -

(a) ikliet jew *snacks*;

(b) *milkshake*, te, kafè jew ċikkulata provduti f'għamla likwida;

(ċ) ġelat jew prodotti li jkun fihom il-ġelat barra minn *family packs*, u *lollipops* tas-silġ.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita -

(a) "ikliet jew *snacks*" tfisser u tinkludi:

(i) ikliet sħan jew kesħin inklużi *antipasto* u dežerta;

(ii) *sandwiches, toast, chips* tal-patata, *sausage rolls*, pizza, pastizzi, qassatat u *snacks* simili;

(iii) gallettini, kejkijiet, ħelu u oġġetti simili, iżda esklużi dawk siġillati f'pakketti mill-manifattur u provduti f'dak il-pakkett siġillat oriġinali, u dawk l-oġġetti li kull wieħed waħdu jiżen 500 gramma jew aktar;

(b) "*family packs*" tfisser ġelati ta' volum ta' mhux inqas minn 500 millilitru.

3. *Oġġetti farmaċewtiċi*

"Oġġetti farmaċewtiċi" tfisser l-oġġetti speċifikati fit-Tariffa ta' d-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt:

(i) Is-subintestatura 2905.45.00.00 f'Kapitolu 29.

(ii) Kapitolu 30.

(iii) Is-subintestaturi
3301.90.31.00; 3306.10.00.00;
3306.20.00.00; 3306.90.00.00; 3307.90.00.10 f'Kapitolu 33.

(iv) Is-subintestatura 3407.00.00.10 f'Kapitolu 34.

(v) Is-subintestatura 3507.10.00.00 f'Kapitolu 35.

(vi) Is-subintestaturi 3822.00.00.10 u 3824.90.60.00 f'Kapitolu 38.

(vii) Is-subintestaturi 4818.40.91.00 u 4818.40.99.00 f'Kapitolu 48.

(viii) Is-subintestaturi 5601.10.10.90 u 5601.10.90.90f'Kapitolu 56.

(ix) Is-subintestatura 7015.10.00.00 f'Kapitolu 70.

(x) Is-subintestaturi
9001.30.00.00; 9001.40.41.00;
9001.40.49.00; 9001.40.80.00; 9001.50.41.00; 9001.50.49.00;
9001.50.80.00; 9004.90.10.10; 9004.90.90.10;
it-testaturi 9018, 9019, 9020, 9021, 9022 u 9023; u
s-subintestatura 9025.11.91.00, f'Kapitolu 90.

(xi) Is-subintestatura 9402.10.00.10 f'Kapitolu 94.

4. *Oġġetti stampati u oġġetti oħra*

"Oġġetti stampati u oġġetti oħra" ifissru l-oġġetti speċifikati fit-Tariffa ta' d-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt:

(i) Is-subintestatura 4820.20.00.00 f'Kapitolu 48.

(ii) Kapitolu 49 iżda eskluži affarijiet li jidhru taħt is-subintestaturi 4906.00.00.00; 4907.00.91.00; 4907.00.99.00; 4908.10.00.00; 4908.90.00.00; 4909.00.10.00; 4909.00.90.00; 4910.00.00.90; u 4911.99.00.10.

(iii) Is-subintestatura 7118.90.00.00 f'Kapitolu 71.

(iv) Kapitoli 98 iżda eskluži affarijiet li jidhru taħt is-subintestatura 9803.00.00.00.

5. *Proprjetà immobbli*

(1) Salv id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' din il-partita "proprjetà immobbli" tfisser kull attiv li huwa proprjetà immobbli skond kif mfisser bil-liġi.

(2) "Kiri ta' proprjetà immobbli" tinkludi:

(a) il-provvista ta' kull akkomodazzjoni taħt kull titolu ġewwa proprjetà immobbli u kull forma oħra ta' provvista għall-użu ta' proprjetà immobbli;

(b) konċessjoni ta' ċens għal inqas minn ħamsin sena.

6. *Organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt*

"Istituzzjoni li ma tagħmilx profitt" jew "organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt" tfisser istituzzjoni jew organizzazzjoni:

(i) li l-għanijiet huma mfissra ċar fl-istatut tagħhom;

(ii) li l-għanijiet tagħhom jeskludu espressament li jintgħamel xi profitt;

(iii) li l-istatut tagħhom ikun jipprovdi li ebda parti mill-qliegħ jew proprjetà tagħhom ma tkunx direttament jew indirettament disponibbli lil xi membru, proprjetarju jew azzjonist;

(iv) li, fil-fehma tal-Kummissarju, jitmexxew u jiġu amministrati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istatut tagħhom u bil-għan ta' l-iskopijiet dikjarati tagħhom;

(v) li m'għandhomx xi skop sistematiku li jagħmlu profitt.

IL-ĦAMES SKEDA

Artikolu 9 (2)

Importazzjonijiet Eżentati

1. Ir-ri-importazzjoni ta'-

(a) oġġetti li jiġu ri-importati mhux alterati;

(b) kampjuni li jkunu ġew esportati temporanjament.

2. L-importazzjoni ta' oġġetti li huma murija għas-sodisfazzjon tal-Kontrollur tad-Dwana li jkunu ġew mogħtija barra minn Malta lil xi persuna għal distinzjoni fl-arti, letteratura, xjenza jew sport, jew għal servizz pubbliku jew xort'oħra bħala xiehda ta' għemil jew kondotta meritevoli, u importati minn jew f'isem dik il-persuna.

3. L-importazzjoni ta' oġġetti u materjal mit-Tarzna ta' Malta għat-tagħmir u manutenzjoni tat-Tarzna, jew li huma meħtieġa in konnessjoni mas-servizzi mogħtija minn dik il-korporazzjoni, barra minn oġġetti u materjal użati -

(a) f'oġġetti prodotti minn dik il-korporazzjoni u maħsuba biex jintużaw f'Malta, jew

(b) f'bastimenti reġistrati lokalment li ma jkunux bastimenti msemmija fil-partita 6 ta' Taqsima Wieħed tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

4. (1) L-importazzjoni ta' idejn, dirgħajn, riġlejn u saqajn artifiċjali u oġġetti kirurġiċi oħra ta' xorta simili, magħduda *spare parts* u aċċessorji, għas-serħan ta' inkapaċità permanenti tal-persuna, iżda illi, fil-każ ta' *spare parts* u aċċessorji, il-Kontrollur tad-Dwana ikun sodisfatt li jkunu importati sabiex isiru lokalment idejn, dirgħajn, riġlejn u saqajn artifiċjali jew dawk l-oġġetti l-oħra, u siġġijiet ta' l-invalidi li l-Kontrollur tad-Dwana ikun sodisfatt li jkunu għall-użu esklużiv ta' persuna li tkun tbati minn xi difett fiżiku jew inkapaċità permanenti.

(2) L-importazzjoni ta' oġġetti li jkunu speċifikament maħsuba għall-edukazzjoni, l-impieg jew l-avvanz soċjali ta' persuna li tbati minn xi inkapaċità fiżika jew mentali permanenti, b'dan illi l-Kontrollur tad-Dwana ikun sodisfatt li l-imsemmija oġġetti jkunu importati għall-użu esklużiv ta' l-imsemmija persuna.

5. L-importazzjoni ta' ċrieket ta' l-aġħsafar għall-użu minn *ringers* ta' l-aġħsafar kwalifikati għall-istudju tad-drawwiet ta' l-immigrazzjoni ta' l-aġħsafar.

6. L-importazzjoni ta' rigali *bona fede* ta' xorta mhux kummerċjali li kull tant jiġu riċevuti minn persuna mingħand oħra li tirrisjedi barra minn Malta u li jkunu maħsuba għall-użu personali ta' min jirċevihom jew għall-familja tiegħu, kemm-il darba ir-rigal la jkun alkoħol u lanqas tabakk jew prodotti tat-tabakk u l-valur totali CIF tar-rigali kull darba ma' jkunx iżjed minn ħamsin lira.

7. L-importazzjoni ta' *braille* u kull oġġett ieħor għall-użu ta' l-għomja importat permezz ta' istitut rikonoxxut jekk il-Kontrollur tad-Dwana ikun sodisfatt li dawk l-oġġetti jkunu importati għall-użu esklużiv ta' persuna għamja.

8. L-importazzjoni ta' kalċijiet, ċiborji, pissidi, sferi, ċnieser, navetti ta' l-inċens, slaleb, kandlieri, kruċifissi, vari, vażetti ta' l-Olju Santu, lampieri tas-santwarju, Stazzjonijiet tal-Via Sagra, karti tal-gloria ta' fuq l-altar, impulluzzi, relikwarji, lanterni tal-purċissjoni, tabernakoli u bibien tat-tabernakoli, troni ta' l-espost u orgnijiet, maħsuba għall-qima t'Alla u importati biex jiġu wżati esklużivament għall-qima t'Alla fil-knejjes, kappelli jew postijiet oħra maħsuba esklużivament għal dik il-qima, baldakkini tal-knisja użati f'purċissjonijiet u qniepen tal-knisja.

9. L-importazzjoni ta' apparat li jgħin fis-smigħ maħsub għall-użu tat-torox u partijiet tiegħu identifikabbli.

10. L-importazzjoni ta' oġġetti tad-dar u oġġetti personali, għamara u oġġetti domestiċi oħra, (minbarra armi tan-nar u armi ta' kull xorta), li fl-opinjoni tal-Kontrollur tad-Dwana ikunu ġew użati fid-dar tal-persuna li qed timporta jew mill-familja tagħha, u li jkunu importati minn dik il-persuna meta iġġorr il-mobbli tad-dar tagħha minn pajjiż ieħor għal Malta, iżda dawn l-oġġetti għandhom jiġu importati fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla f'Malta tal-persuna li qed timportahom biex tiġi tirrisjedi f'Malta, jew f'dak iż-żmien ieħor li l-Kontrollur tad-Dwana jista' jippermetti.

11. L-importazzjoni ta' vettura bil-mutur privata importata minn emigrant Malti (ir-raġel u l-mara jgħoddu bħala persuna waħda għall-għanijiet ta' din il-partita) li jiġi lura biex joqgħod f'Malta, b'dan illi dak l-emigrant jissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana illi:

(a) kien ilu joqgħod barra minn Malta għal total ta' għaxar snin matul iż-żmien ta' ħmistax-il sena li jiġi minnufih qabel il-wasla tiegħu biex joqgħod għal kollox f'Malta; u

(b) il-vettura bil-mutur kienet fil-pussess tiegħu għal żmien kontinwu ta' għall-anqas sitt xhur li jiġu minnufih qabel il-wasla tiegħu f'Malta biex joqgħod għal kollox, sakemm ħlasijiet ta' dwana u/jew ħlasijiet fiskali li għalihom hija normalment soġġetta dik il-vettura jkunu tħallsu jew fil-pajjiz ta' oriġini jew fil-pajjiz tat-tluq u bil-kondizzjoni li dik il-vettura bil-mutur tiġi mportata fi żmien sitt xhur mill-wasla f'Malta biex joqgħod għal kollox ta' dak l-emigrant:

Iżda fejn vettura bil-mutur importata kif imsemmi hawn fuq eżentata mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tinbiegħ jew tiġi trasferita minn dik il-persuna għall-użu f'Malta, dik il-vettura bil-mutur titqies li nħarġet mid-depożt fiż-żmien ta' dak il-bejgħ jew trasferiment u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha titħallas fuqha mill-persuna li ssir is-sid tagħha.

12. L-importazzjoni ta' vettura bil-mutur privata importata minn persuna (ir-raġel u l-mara jgħoddu bħala persuna waħda għall-għanijiet ta' din il-partita) li jiġi biex joqgħod f'Malta, b'dan illi dik il-persuna tissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana illi:

(i) għandha fil-pussess tagħha permess tar-residenza maħruġ lilha mill-Gvern skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); u

(ii) il-vettura bil-mutur kienet fil-pussess tagħha għal żmien kontinwu ta' għall-anqas sitt xhur li jiġi minnufih qabel il-ħruġ tal-imsemmi permess, sakemm ħlasijiet ta' dwana u/jew ħlasijiet fiskali li għalihom hija normalment soġġetta dik il-vettura ikunu tħallsu jew fil-pajjiz ta' oriġini jew fil-pajjiz tat-tluq u bil-kondizzjoni li dik il-vettura bil-mutur tiġi mportata fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-imsemmi permess jew mid-data tal-wasla f'Malta biex toqgħod għall-kollox ta' dak il-persuna, skond liema data tiġi l-aktar tardiva:

Iżda fejn, vettura bil-mutur importata kif imsemmi hawn fuq eżentata mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tinbiegħ jew tiġi trasferita minn dak il-persuna għall-użu f'Malta, dik il-vettura bil-mutur titqies li nħarġet mid-depożt fiż-żmien ta' dak il-bejgħ jew trasferiment u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha titħallas fuqha mill-persuna li ssir is-sid tagħha.

13. L-importazzjoni ta'-

(a) bagalji tal-passiġġieri, magħduda ilbies u ħwejjeġ personali użati, li l-Kontrollur tad-Dwana ikun sodisfatt li jkunu maħsuba għall-użu personali tal-passiġġier, iżda eskluži armi tan-nar u armi ta' kull xorta;

(b) dawk il-prodotti tat-tabakk, imbejjed, spirti, *toilet waters* u profumeriji li jistgħu jiġu permessi skond il-Konvenzjoni dwar Faċilitajiet Doganali għal Viżitaturi magħmula fi New York fl-4 ta' Ġunju, 1954;

(ċ) dawk l-oġġetti mixtrija għall-użu tal-passiġġier innifsu jew bħala rigali *bona fede*, li ma jkunux l-oġġetti msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) ta' din il-partita sa valur ta' ħamsin lira, b'dan illi meta l-valur totali ta' dawk l-oġġetti jkun jaqbeż Lm50, din id-dispożizzjoni ma tkunx tgħodd u it-taxxa li titħallas fuq dawk l-oġġetti għandha titnaqqas b'Lm7.50.

14. L-importazzjoni ta' kampjuni ta' ebda valur kummerċjali.

15. L-importazzjoni ta' strumenti jew apparat xjentifiku, maħsub esklużivament għal skopijiet ta' edukazzjoni jew għal riċerki purament xjentifiċi, b'dan illi-

(a) dawk l-istrumenti jew apparat xjentifiku jiġu konsenjati lil istituzzjoni xjentifika jew edukattiva pubblika jew privata li tkun approvata mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għall-fini ta' din id-dispożizzjoni u jkunu wżati taħt il-kontroll u ir-reponsabbiltà ta' dik l-istituzzjoni; u

(b) strumenti u apparat ta' l-istess valur xjentifiku ma jkunux qed jiġu fabbrikati f'Malta.

16. L-importazzjoni ta' reġistrazzjonijiet tal-ħoss u tal-*video* -

(a) ta' karattru edukattiv, xjentifiku jew kulturali magħmula minn Nazzjonijiet Uniti jew minn xi waħda mill-aġenziji speċjalizzati tagħhom;

(b) ta' xorta edukattiva importati minn skola jew istituzzjoni tal-gvern, mill-Università ta' Malta jew minn xi skola jew istituzzjoni li jkunu reġistrati taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni kemm-il darba id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jiċċertifika li l-materjal ikun ta' karattru edukattiv biss u li jkun se jintuża biss u għal kollox għal skopijiet edukattivi minn dik l-iskola;

(ċ) ta' korsijiet ta' l-ilsna.

17. Statwi u dekorazzjonijiet artistiċi ffurmati barra minn Malta minn oriġinali magħmula minn artisti lokali; kemm-il darba ikun miksub permess mill-Kontrollur tad-Dwana qabel ma l-oriġinal jiġi mibgħut barra minn Malta għall-forma.

18. L-importazzjoni ta' oġġetti li l-provvista tagħhom tkun, fil-każi kollha, provvista eżentata skond ir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

19. L-importazzjoni ta' ikel kif imfisser fit-Taqsima Tlieta tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

20. L-importazzjoni ta' *bullion* tad-deheb mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

21. L-importazzjoni ta' oġġetti meta il-Kummissarju ikun sodisfatt li dawk l-oġġetti kienu importati għall-użu temporanju biss, u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet u għall-għoti ta' dik il-garanzija li l-Kummissarju jista' jordna jew jeħtieġ.

22. L-importazzjoni ta' oġġetti li jerġgħu jiġu esportati mingħajr ma jiġu meħlusa jew minnufih hekk kif jiġu meħlusa minn depożt tad-dwana.

23. L-importazzjoni ta' oġġetti li jinqerdu minn sidhom qabel ma jiġu meħlusa jew minnufih hekk kif jiġu meħlusa minn depożt tad-dwana b'dak is-sorveljar u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Kummissarju jista' jeħtieġ jew jordna.

24. L-importazzjoni ta' oġġetti ġewwa Port Hieles kif imfisser fl-Att dwar il-Portijiet Hielsa ta' Malta (Kap. 334): iżda din l-eżenzjoni għandha tkun biss tapplika sal-limitu li dik l-importazzjoni tkun eżenti mid-dazju bis-saħħa ta' l-Att imsemmi, u tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet kollha li jistgħu ikunu japplikaw taħt dak l-Att għal dik l-eżenzjoni mid-dazju.

25. L-importazzjoni ta' oġġetti li tkun eżentata minn taxxa bis-saħħa ta' eżenzjoni mogħtija taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.

IS-SITT SKEDA

Artikolu 16

Negozji Żgħar

1. Attività ekonomika ta' persuna reġistrata li ma tkunx persuna eżentata tikkwalifika bħala negozju żgħir jekk il-valur tal-bejgħ ta' dik il-persuna għaż-żmien relevanti ikun inqas mill-ammont ta' *threshold* li hemm fit-tieni kolonna tat-Tabella f'din l-Iskeda li jkun jikkorrispondi mal-kategorija fl-ewwel kolonna ta' dik it-Tabella li taħtha tiġi klassifikata dik l-attività ekonomika mill-Kummissarju.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda "valur ta' bejgħ" ta' persuna tfisser il-valur taxxabbli totali (kif imfisser fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att) tal-provvisti kollha magħmula minn din il-persuna fil-kors jew avvanz ta' l-attività` ekonomika tagħha matul iż-żmien relevanti, eskluż:

(a) provvisti eżentati bla kreditu

(b) it-trasferiment ta' negozju bħala negozju vijabbli

(ċ) it-trasferiment jew tneħħija ta' attiv fiss

(d) provvisti magħmula lil dik il-persuna u meqjusa li jkunu saru minnha skond l-artikolu 65 ta' dan l-Att.

3. Meta jkun jidher lill-Kummissarju li l-valur ta' bejgħ għal żmien relevanti jkun intlaqat ħażin minħabba ċirkostanzi speċifiċi straordinarji, inkluż il-waqfien temporanju ta' l-attività ekonomika, il-valur ta' bejgħ għandu jkun dak l-ammont li jirriżulta wara dik it-tiswija li l-Kummissarju jista' jqis xierqa fiċ-ċirkostanzi.

4. Fil-każ ta' kumpanija imwaqqfa skond il-liġijiet ta' Malta li tagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji il-valur ta' bejgħ tagħha għandu jitqies li jkun it-total ta' l-ammonti tal-valur ta' bejgħ tal-kumpaniji kollha fi ħdan dak il-grupp. F'din il-partita "grupp ta' kumpaniji" għandha it-tifsira lilha mogħtija fl-artikolu 42 ta' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Att XVII ta' l-1993).

5. "Iż-żmien relevanti" f'xi data partikolari għandu jkun żmien ta' tnax-il xahar li jintemm fl-aħħar jum tat-tlett xhur kalendarji li jiġu qabel dawk li fihom tiġi dik id-data u għall-għanijiet ta' din il-partita u tal-partita 6 ta' din l-Iskeda tlett xhur kalendarji jfissru żmien ta' tlett xhur kalendarji li jintemm fil-31 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju, fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Diċembru, skond il-każ.

6. Iżda, meta, persuna reġistrata tibda l-attività ekonomika tagħha, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin:

(a) matul l-ewwel tletin jum l-attività ekonomika tagħha għandha titqies li tikkwalifika bħala negozju żgħir jekk il-Kummissarju ikun sodisfatt illi jkun raġonevolment mistenni li l-valur ta' bejgħ fl-ewwel tnax-il xahar ikun inqas mit-*threshold* applikabbli taħt it-Tielet kolonna tat-Tabella f'din l-Iskeda;

(b) jekk dik il-persuna tiġi klassifikata bħala persuna eżentata malli tirreġistra għandha titqies li tibqa' eliġibbli għal dik il-klassifika sat-tmiem ta' l-ewwel tlett xhur kalendarji sħaħ li jiġu wara ir-reġistrazzjoni tagħha; wara dan għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-partiti 5 u 10 ta' din l-Iskeda daqslikieku it-*threshold* applikabbli taħt it-Tielet kolonna tat-Tabella kien ammont imnaqqas proporzjonalment skond il-proporzjon li l-għadd ta' xhur kalendarji sħaħ li jkunu għaddew mid-data tar-reġistrazzjoni ikollha għar-rigward ta' tnax-il xahar;

(ċ) jekk dik il-persuna ma tkunx ġiet klassifikata bħala persuna eżentata fid-data tar-reġistrazzjoni ma jkollhiex dritt li tiġi klassifikata bħala persuna eżentata qabel ma jiskadu tnax-il xahar kalendarji sħaħ mid-data tar-reġistrazzjoni u minn dak iż-żmien 'il quddiem għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda.

7. Biex jiġi kalkolat il-valur ta' bejgħ għal żmien li beda qabel id-data effettiva il-valur taxxabbli u id-deskrizzjoni tal-provvisti magħmula qabel id-data effettiva u it-tifsiriet l-oħra kollha relevanti għal dan il-għan għandhom jinftehmu skond it-tifsira tagħhom taħt dan l-Att.

8. Il-Kummissarju għandu jagħmel klassifikazzjoni tal-attività ekonomika ta' kull persuna reġistrata għall-għanijiet ta' din l-Iskeda u għandu javża lil dik il-persuna b'dik il-klassifikazzjoni lil dik il-persuna.

9. Persuna reġistrata li l-attività ekonomika tagħha tikkwalifika bħala negozju żgħir skond din l-Iskeda tkun tista' tapplika għal klassikazzjoni bħala persuna eżentata:

Iżda:

(a) persuna li ġiet klassifikata bħala persuna eżentata u li l-klassifikazzjoni tagħha ġiet kanċellata ma tistax tapplika għal ri-klassifikazzjoni bħala persuna eżentata qabel ma jgħaddu sitta u tletin xhar sħiħ mid-data ta' dik il-kanċellazzjoni;

(b) il-paragrafu (a) ta' dan il-proviso ma għandux ikollu effett qabel l-1 ta' Jannar 2000; u

(ċ) persuna li tibda attività ekonomika ġdida jkollha dritt li tapplika għall-klassifikazzjoni malli tirreġistra fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-partita 6 ta' din l-Iskeda.

10. Persuna li tkun ġiet klassifikata bħala persuna eżentata ma jkollhiex id-dritt li tibqa' hekk klassifikata jekk il-valur tal-bejgħ ta' l-attività ekonomika tagħha għaż-żmien relevanti jkun daqsinsew jew jeċċedi it-*threshold* imniżżla fit-Tielet kolonna tat-Tabella ta' din l-Iskeda li tkun tikkorrispondi mal-kategorija mniżżla fl-Ewwel kolonna ta' dik it-Tabella skond kif tkun ġiet ikklassifikata l-attività ekonomika tagħha mill-Kummissarju.

11. Persuna li tkun ġiet klassifikata bħala persuna eżentata għandha tagħti dak it-tagħrif kollu li l-Kummissarju jista' raġonevolment jitlob għall-għan biex jiżgura il-korrettezza ta' dik il-klassifikazzjoni.

12. Kull persuna reġistrata li tkun ġiet klassifikata bħala persuna eżentata tista' tapplika biex tħassar il-klassifikazzjoni tagħha sakemm ma jkunx mod ieħor preskritt b'regolamenti.

13. Il-formoli li għandhom jintużaw għall-applikazzjoni ta' klassifikazzjoni ta' persuna eżentata u għat-tħassir ta' dik il-klassifikazzjoni, id-dikjarazzjonijiet, tagħrif u dokumenti li għandhom jintgħamlu minn persuni eżentati kull tant żmien jew mod ieħor, id-dettalji li persuna eżentata għandha turi fuq il-fatturi li toħroġ u fuq il-korrispondenza tan-negozju u dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jistgħu ikunu meħtieġa biex jiġi żgurat l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, għandhom ikunu dawk li l-Kummissarju jista' minn żmien għal żmien jidderieġi, sakemm il-Ministru permezz ta' regolamenti ma jippreskrivix mod ieħor.

TABELLA

L-ewwel Kolonna		It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
	Kategorija	*Threshold* li taħtha persuna tista' tagħżel li toħroġ mis-sistema Lm	*Threshold* li fuqha persuna trid tidħol fis-sistema Lm
A	Attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu prinċipalment fil-provvista ta'oġġetti	12,000	15,000
B	Attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu prinċipalment fil-provvista ta' servizzi b'valur miżjud relattivament baxx	8,000	10,000
Ċ	Attivitajiet ekonomiċi oħra	5,000	6,000

IS-SEBA' SKEDA

Artikolu 18

Valur Taxxabbli ta' Provvisti u Importazzjonijiet

1. Ħlief kif jista' jiġi provdut mod ieħor fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, il-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli għandu jkun il-valur totali tal-korrispettiv imħallas jew li għandu jitħallas lil min jagħmel il-provvista mix-xerrej, kompratur jew kull min ikun, għall-provvista, iżda eskluża it-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas bis-saħħa ta' dan l-Att meta ssir dik il-provvista.

2. Meta jitħallas jew ikollu jitħallas il-korrispettiv sħiħ jew parti minnu b'oġġetti, il-valur tiegħu, sal-limitu li hekk jitħallas jew ikollu jitħallas, ikun il-valur tiegħu fis-suq liberu.

3. Il-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli għandu jinkludi:

(a) taxxi, dazji, imposti, drittijiet u kull ħlas ieħor (eskluża it-taxxa fuq il-valur miżjud li tingabar taħt dan l-Att) li titħallas minħabba fil-provvista;

(b) kummissjonijiet, spejjeż ta' pakkjar, trasport u assigurazzjoni u spejjeż inċidentali oħra mitluba minn min jagħmel il-provvista lix-xerrej jew kompratur.

4. Il-valur taxxabbli ta' provvista għandu jkun l-ammont wara dan it-tnaqqis:

(a) kull tnaqqis ta' prezz minħabba fi skonti għal ħlas malajr;

(b) kull skont fil-prezz u roħs mogħti lill-kompratur li jitqies fil-waqt tal-provvista;

(ċ) kull skont u roħs fil-prezz mogħti lill-kompratur wara li tkun saret il-provvista meta il-Kummissarju ikun sodisfatt li dawk hekk ingħataw għal raġunijiet kummerċjali li jkunu saru *in bona fede*.

5. Meta l-korrispettiv għal provvista taxxabbli jkun inqas mill-valur fis-suq liberu u min jagħmel il-provvista u il-persuna lil min issir il-provvista ma jkunux indipendenti minn xulxin, jew meta l-valur tal-korrispettiv għal provvista ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'mod ħafif il-valur taxxabbli ta' dik il-provvista ikun il-valur fis-suq liberu ta' dawk l-oġġetti jew servizzi provduti.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi ta' qabel dan:

(a) żewġ persuni għandhom jitqiesu li ma jkunux indipendenti minn xulxin jekk, sew direttament jew indirettament, xi wieħed minnhom ikollu xi interess fin-negozju jew fil-proprjetà ta' l-ieħor, jew it-tnejn ikollhom interess komuni fin-negozju jew fil-proprjetà, jew xi terza persuna ikollha interess fin-negozju jew fil-proprjetà taż-żewġ persuni, b'dan illi, f'kull każ, dak l-interess ikun għamel influwenza, fil-fehma tal-Kummissarju, fuq il-patti ta' kull ftehim bejn dawk iż-żewġ persuni;

(b) il-valur fis-suq liberu ta' oġġetti jew servizzi tfisser il-prezz li dawn iġibu jekk jinbiegħu jew jitqegħdu fis-suq liberu fid-data u fl-istat li jkunu jinsabu fihom meta dawk l-oġġetti jiġu kunsinnati jew isiru dawk is-servizzi.

7. Meta xi valur rilevanti biex jiġi stabbilit il-valur taxxabbli ta' provvista taxxabbli jingħata f'munita barranija, ir-rata ta' kambju li tkun tapplika tkun ir-rata tan-nofs li tkun ġiet stabbilita mill-Bank Ċentrali għal dik id-data meta jingħataw il-provvisti.

8. Meta l-ammont ta' taxxa li titħallas bis-saħħa ta' dan l-Att ma tkunx identifikata fi ħlas għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas għandu jitqies li jkun jinkludi dik it-taxxa.

9. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita, il-valur taxxabbli ta' oġġetti importati jkun il-valur ta' dawk l-oġġetti fiż-żmien meta it-taxxa fuq dik l-importazzjoni jkollha titħallas skond dan l-Att, liema valur jiġi stabbilit bl-istess mod bħal dak li japplika skond l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni sabiex jiġi stabbilit il-valur li fuqu jitħallas id-dazju *ad valorem* taħt dak l-Att, u id-dispożizzjonijiet kollha rilevanti taħt dak l-Att għandhom ikun japplikaw *mutatis mutandis* u għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu ir-riferenzi għal dawk id-dispożizzjonijiet għall-Kontrollur tad-Dwana għandhom jinftehmu bħala riferenzi għall-Kontrollur tad-Dwana li jkun qiegħed jaġixxi f'isem il-Kummissarju.

(2) Il-valur stabbilit kif imsemmi qabel għandu jiżdied b'kull dazju ta' importazzjoni li jitħallas fuq l-importazzjoni ta' l-oġġetti msemmija bis-saħħa ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, b'kull imposta li titħallas fuq dik l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap. 336), b'kull dazju tas-sisa li jitħallas f'Malta ma' l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti u, fil-każ ta' vetturi bil-mutur, bit-taxxa li titħallas bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Att X ta' l-1994).

(3) Meta dawk l-oġġetti jkunu trasferiti f'Malta qabel id-data meta it-taxxa fuq l-importazzjoni tagħhom ikollha titħallas skond dan l-Att, il-valur taxxabbli jkun il-valur tal-korrispettiv imħallas jew li jkollu jitħallas għal dak it-trasferiment jew il-valur stabbilit bid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita, skond liema tkun ogħla.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-partiti l-oħra ta' din l-Iskeda dwar kif jiġi stabbilit il-valur ta' korrispettiv imħallas jew li jkollu jitħallas għal provvista taxxabbli għandhom japplikaw sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-korrispettiv imsemmi fil-paragrafu (3) ta' din il-partita.

IT-TMIEN SKEDA

Artikolu 19 (ċ)

Rati ta' taxxa

It-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att fuq il-valur taxxabbli tal-provvisti msemmija fl-ewwel kolonna tat-Tabella ta' din l-Iskeda għandha tkun bir-rata speċifikata fit-tieni kolonna ta' dik it-Tabella.

TABELLA

L-ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Tip ta' Provvisti	Rata
Il-provvista ta' akkomodazzjoni f'xi fond li għall-għan ta' dik il-provvista ta' dik l-akkomodazzjoni jkun jenħtieġ li jkollu liċenzja bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel jew ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala jew xi liġi oħra li tissostitwihom. B'dan iżda li meta l-prezz li għandu jitħallas għall-provvista ta' akkomodazzjoni jinkludi l-provvista ta' oġġetti jew servizzi li ma taqax fit-tifsira ta' akkomodazzjoni l-valur taxxabbli tal-provvista ta' akkomodazzjoni għandu jitqies li jkun tmenin fil-mija ta' l-imsemmi prezz u għoxrin fil-mija ta' dak il-prezz għandu jitqies li hu l-valur taxxabbli ta' provvisti li ma humiex imsemmija f'din il-Kolonna.	5%

ID-DISA' SKEDA

Artikolu 46

Appelli quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

1. *Kompożizzjoni tal-Bord*

(1) Il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (f'din l-Iskeda imsejjaħ "il-Bord") jintgħamel minn *Chairman* u żewġ membri oħra li jinħatru mill-Ministru għal żmien tlett snin.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar *panel* ta' persuni ji jistgħu jagħmluha ta' *Chairmen* u *panel* ta' persuni li jistgħu jagħmluha ta' membri oħra tal-Bord, f'liema każ il-membri għandhom hekk joqogħodu skond dik id-distribuzzjoni ta' dmirijiet li l-Ministru jista' jistabbilixxi, inkluża kull dispożizzjoni dwar l-inkapaċità ta' membri li joqogħdu u ċirkostanzi oħra.

(3) Ma jistax jitneħħa membru tal-Bord matul iż-żmien tal-ħatra tiegħu ħlief għal imġieba ħażina bil-provi jew l-inkapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 733 sa 739 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għal kull *Chairman* u membri oħra tal-Bord dwar appelli li jinġiebu quddiem il-Bord bl-istess mod hekk kif japplikaw għal imħallfin għar-rigward ta' kawża li tinġieb quddiem il-qorti.

(5) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew milli tkompli tkun membru tal-Bord jekk hija tkun membru tal-Kamra tad-Deputati.

(6) Fil-każ ta' vakanza fil-Bord li ma tkunx tista' timtela skond id-distribuzzjoni ta' dmirijiet stabbilita skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-Avukat Ġenerali għandu jaħtar persuna sabiex toqgħod hi minflok fis-smiegħ u deċizjoni tal-kawża fejn ikun hemm dik il-vakanza.

(7) Il-membri tal-Bord jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li tista' tiġi stabbilita mill-President ta' Malta.

(8) Il-membri tal-Bord ma jkunux personalment responsabbli għal xi ħaġa li ssir jew li tonqos milli ssir *in bona fede* fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-Bord.

2. *Segretarju tal-Bord*

(1) Għandu ikun hemm segretarju tal-Bord, li jkun uffiċjal pubbliku li jinħatar segretarju mill-Ministru.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar uffiċjali pubbliċi oħra biex jagħmluha ta' segretarji deputati.

3. *Kompetenza tal-Bord*

(1) Il-Bord ikun kompetenti li jisma' kull appell li jsir kontra xi stima u li jikkonferma, inaqqas jew iżid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa li jkunu ġew stmati mill-Kummissarju, jew li jħassar l-istima jew li jagħmel kull dikjarazzjoni jew ordni oħra hekk kif jidhirlu xieraq.

(2) Il-Bord ikun kompetenti li jiddeċiedi kull ħaġa li ssirlu riferenza dwarha skond l-artikolu 44 ta' dan l-Att.

(3) Il-Bord jista' f'kull deċiżjoni li jagħmel, jagħti ordni fuq l-ispejjeż tal-każ hekk kif jidhirlu xieraq.

4. *Appelli kontra stimi*

(1) Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba:

(a) ma tkunx saret denunzja lill-Kummissarju għaż-żmien ta' taxxa li dwaru tkun tirreferi l-istima qabel ma jinġieb l-appell; u

(b) ma tkunx thallset it-taxxa kollha li m'hemmx kwistjoni dwarha li kellha tithallas mill-appellant; u

(ċ) ma jkunx thallas ammont ta' ħamsa fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha jew ħamsin lira skond liema ikun ogħla, u dritt amministrattiv ta' ħamsa u għoxrin lira; u

(d) l-appell ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell; u

(e) l-appell ma jsirx b'dik il-għamla u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt.

(2) Ikun dmir ta' l-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ikun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċċjenti.

(3) Il-Bord jista' jirrifjuta li jikkonsidra xi prova bħala suffiċċjenti għall-għanijiet tal-paragrafu (2) ta' din il-partita jekk l-appellant ikun naqas li jżomm kull dokumentazzjoni u dokument li huma meħtieġa li jinżammu b'dan l-Att jew jonqos milli jipproduċi kull dokumentazzjoni jew dokument bħal dawk.

(4) Il-Bord għandu jagħti id-deċiżjoni tiegħu bil-miktub u jara li kopja ta' dik id-deċiżjoni tiġi notifikata lill-appellant.

5. *Ħlas ta' Taxxa*

(1) Meta ikun sar appell validu kontra stima, il-ħlas ta' daqstant mit-taxxa stmata li jkun hemm kwistjoni dwarha u li ma teħtieġx li tithallas qabel ma jsir l-appell skond il-partita 4(1)(ċ) ta' din l-Iskeda jista' jinżamm riżervat sakemm dak l-appell jiġi sa fl-aħħar deċiż: iżda sadattant ma għandux jiġi sospiż milli jibqa' għaddej l-imgħax fuq dik it-taxxa.

(2) Il-mogħdija taż-żmien imsemmi fl-artikolu (2) ta' l-artikolu 58 ta' dan l-Att għandu ikun sospiż għar-rigward ta' kull taxxa jew multa amministrattiva għal kull żmien li matulu il-ħlas tagħhom jista' jinżamm riżervat skond din il-partita.

(3) Meta it-taxxa li jkollha tithallas b'riżultat ta' deċiżjoni tal-Bord wara appell kontra xi stima tkun iktar mit-taxxa indikata bħala li għandha tithallas f'dik l-istima, l-ammont żejjed għandu jitħallas sa mhux iktar tard mill-aħħar tax-xahar li matulu dik id-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lill-appellant u ikun dovut fuq dak l-ammont żejjed mgħax bir-rata speċifikata fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att mid-data imsemmija għal kull żmien li matulu dak l-ammont żejjed jibqa' mhux imħallas.

6. *Referenzi lill-Bord*

(1) Riferenza lill-Bord fuq kull ħaġa imsemmija fl-artikolu 44 ta' dan l-Att ma tistax tintgħamel, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju, u ma jkunx sar ħlas ta' dritt amministrattiv ta' ħamsa u għoxrin lira u għandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikun hemm imniżżla il-fatti kollha rilevanti għal dik il-kwistjoni u il-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant, dik il-kwistjoni għandha tiġi deċiża.

(2) Il-Bord għandu, wara li jkun sema' lil kull min kellu interess fil-kwistjoni, u ikun kiseb it-tagħrif kollu meħtieġ, jiddeċiedi l-kwistjoni u jara li d-deċiżjoni tiegħu tiġi notifikata lill-partijiet kollha.

7. *Proċeduri tal-Bord*

(1) Il-Bord ikollu is-setgħa li jħarrek lil kull persuna sabiex tagħti xiehda jew sabiex iġib quddiemu kotba jew dokumenti oħra u *iċ-Chairman* ikollu is-setgħa li jagħti il-ġurament lil kull persuna li tidher quddiem il-Bord.

(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-mod kif għandu jsir appell jew rikors quddiem il-Bord, il-post fejn il-Bord iżomm is-seduti tiegħu, il-mod kif il-partijiet jistgħu jiġu assistiti, id-drittijiet li jitħallsu għall-appelli, id-dokumentazzjoni li għandha tinżamm mill-Bord, il-funzjonijiet tas-segretarju tal-Bord, u b'mod ġenerali kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-proċeduri tal-Bord.

A 638

L-GĦAXAR SKEDA

Artikolu 22(3)

Formoli li għandhom ikunu preżentati mal-ħlas tat-taxxa

DIPARTIMENT TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara BKR 13
Tel: 499330
(Ministeru tal-Finanzi)

Għall-verżjoni bl-ingliż ara l-paġna ta' wara.

DENUNZJA TA' TAXXA
Skond Sezzjoni 22(3) ta' l-Att ta' 1998 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

PERJODU TAL-PERJODU | Numru tal-VAT: | Bidu: | Tmiem: | Data ta' l-għeluq:

PROVVISTA / BEJĠĦ		VALUR - Lm		VAT FUQ IL-BEJĠĦ - Lm
Prodotti taxxabbli bi 15%	1		8	
Servizzi Taxxabbli bi 15%	2		9	
Akkomodazzjoni Turistika bil-5%	3		10	
Eżenti bi kreditu - Esportazzjoni	4			XEJN
Eżenti bi kreditu - oħra	5			XEJN
Eżenti bla kreditu	6			XEJN
TOTAL	7	**Lm**	11	**Lm**

XIRI		VALUR - Lm		VAT FUQ IX-XIRI - Lm
Prodotti taxxabbli għal-bejgħ	12		17	
Prodotti eżenti għal-bejgħ	13			XEJN
Infiq kapitali	14		18	
Servizzi u Spejjeż	15		19	
TOTAL	**16**	**Lm**	**20**	**Lm**

EĊĊESS TA' KREDITU		AMMONT - Lm
Kaxxa 20 - 11	21	Lm

Nota: It-taxxa dovuta tista' tiġi ħallas jew fid-Dipartiment, jew b'ċekk, jew f'bank fuq is-*slip* tal-ħlas.

TAXXA LI TRID TITĦALLAS		AMMONT - Lm
Kaxxa 11 - 20	22	
Kreditu ta'qabel	23	
Kaxxa 22 - 23	24	Lm

Jiena, _____
(Isem shiħ b'ITTRI KBAR)

niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni kollha huma korretti u sħaħ.

Tel: _____

Firma: _____ Kariga: _____ Data: ____/____/____

SLIP TAL-ĦLAS Dan id-dokument jista' jintuża biex tiġi ħallas sar bi flus (cash) jew/u b'ċekk iċċertifikat validu mill-bank.

Ammont fi kliem

Ammont Totali	Lm
Ċekkijiet Totali	Lm
Kredit Totali	Lm

Nru. taċ-ċekk _____ Isem il- Bank _____

KREDITA lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud
(Centre Point Building, Triq Ta' Paris, B'Kara BKR 13)

1- Kopja tad-Dipartiment tal-VAT Nru:

VAT FORM 004/99

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13
Tel: 499330
(Ministry of Finance)

TAX RETURN
in terms of Section 22(3) of the Value Added Tax Act, 1998

PERIOD DATES | Registration No:

Starting Date | Ending Date | Return Due by

SUPPLIES		VALUE - Lm	OUTPUT TAX - Lm	
Taxable Goods @ 15%	1		8	
Taxable Services @ 15%	2		9	
Tourist Accommodation @ 5%	3		10	
Exempt With Credit - Exports	4			Nil
Exempt With Credit - Others	5			Nil
Exempt Without Credit	6			Nil
TOTAL	7	Lm	11	Lm

PURCHASES		VALUE - Lm	INPUT TAX - Lm	
Taxable Goods for re-sale	12		17	
Exempt Goods for re-sale	13			Nil
Capital Goods	14		18	
Services & Overheads	15		19	
TOTAL	16	Lm	20	Lm

EXCESS CREDIT		AMOUNT - Lm
Box 20 - Box 11	21	Lm

Note:Tax payable may be paid either at the Department, or by enclosing cheque, or, through any bank, using the payment slip.

TAX PAYABLE		AMOUNT - Lm
Box 11 - Box 20	22	
Excess Credits b/f	23	
Box 22 - Box 23	24	Lm

I, _____
(Full name in BLOCK LETTERS)

declare that all the details and information provided are correct and complete.

Tel No:_____

Signature:_____ Designation:_____ Date:____/____/____

PAYMENT SLIP This document may be considered as a valid receipt if payment has been made in cash or/and if paid-in-cheques have been cleared by the Bank.

Amount in words

Total Cash	Lm
Local Cheques	Lm
Total Credit	Lm

Cheque No: _____ Bank _____

CREDIT Department of Value Added Tax
(Centre Point Building, Ta' Paris Road, B'Kara BKR 13)

2 - Taxable Person's Copy No:

VAT FORM 002/99

IL-ĦDAX-IL SKEDA

Artikolu 24 (6)

Tnaqqis

Eliġibilità ta' kreditu għal input tax

1. (1) Ma għandu jitqies ebda ammont bħala *input tax* ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx persuna reġistrata fiż-żmien meta jkollha titħallas dik it-taxxa.

(2) Għall-għanijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita, meta r-reġistrazzjoni ta' persuna li ssir f'data tintgħamel li tkun effettiva minn data li tiġi qabel, dik il-persuna għandha titqies bħala persuna reġistrata sa minn dik id-data li tkun ġiet qabel.

(3) Ħlief b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti ma għandu jiġi permess lil persuna ebda kreditu għal *input tax* għal xi żmien ta' taxxa kemm-il darba ma ssirx talba fit-taqsima xierqa fuq il-formula ta' denunzja ta' taxxa li tkun saret għal dak iż-żmien.

Meta tinħoloq input tax qabel ma kumpanija tiġi reġistrata

2. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita, meta kumpanija ġġib prova għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju li tħallset jew kellha titħallas taxxa mal-provvista jew importazzjoni ta' oġġetti magħmula lil jew minn persuna għal dik il-kumpanija jew mal-provvista ta' servizzi mogħtija lil persuna għal benefiċċju tal-kumpanija jew bil-għan tal-formazzjoni u reġistrazzjoni tagħha, il-Kummissarju jista' jqis dik it-taxxa bħala sehem mill-*input tax* ta' dik il-kumpanija għall-ewwel żmien ta' taxxa tagħha.

(2) Ma għandhom jitqiesu ebda provvista jew importazzjoni li jkunu saru aktar kmieni minn sitt xhur qabel ir-reġistrazzjoni ta' dik il-kumpanija.

(3) Din il-partita ma tapplikax għal provvista jew importazzjoni magħmula lil jew minn persuna -

(i) li kienet, fiż-żmien tal-provvista jew importazzjoni, persuna taxxabbli;

(ii) li ma tkunx saret membru, direttur jew segretarju ta' dik il-kumpanija;

(iii) kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx ġiet imħallsa lura jew irċeviet obbligazzjoni li titħallas lura minn dik il-kumpanija l-ammont shiħ tal-prezz imħallas għall-oġġetti jew servizzi;

(iv) kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx akkwistat l-oġġetti jew is-servizzi bil-għan ta' xi attivita' ekonomika li tkun ser tiġi ġestita minn dik il-

kumpanija u ma tkunx għamlet użu minnhom għal xi għan ieħor ħlief għan li jkollu x'jaqsam ma' dik l-attivita' ekonomika.

(4) Salv b'mod ieħor li l-Kummissarju jista' jippermetti, talba sabiex jiġi applikat dan ir-regolament għandha ssir minn kumpanija sa mhux aktar tard mid-data meta din tagħmel id-denunzja tagħha għall-ewwel żmien ta' taxxa u għandha tkun appoġġata b'dawk id-dokumenti u provi li l-Kummissarju jista' jqis li jkunu xierqa.

Prova dwar input tax

3. (1) Ma għandu jitqies ebda ammont bħala *input tax* ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew ma' l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew se jiġu wżati minnha fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attivita' ekonomika tagħha.

(2) Ħlief b'kull mod ieħor li l-Kummissarju jista' jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala *input tax* ta' persuna kemm-il darba:

(a) ma jkunx appoġġat b'fattura ta' taxxa jew b'dokument ta' importazzjoni li jkun jindika t-taxxa mħallsa fuq dik l-importazzjoni, miżmuma, f'kull każ, minn dik il-persuna u li tintwera, jekk hekk jintalab, lill-Kummissarju;

(b) ma jingħatax kont sew tiegħu fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna għall-għanijiet ta' l-Att.

Taxxa li ma għandhiex titqies bħala input tax

4. (1) Bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' din il-partita, ma għandu jitqies ebda ammont bħala *input tax* ta' persuna sal-limitu li dak jirrappreżenta taxxa li jkollha titħallas dwar:

(a) il-provvista lil dik il-persuna jew importazzjoni minn dik il-persuna ta':

(i) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ii) xorb alkoħoliku;

(iii) xogħlijiet artistiċi u antikitajiet;

(iv) vetturi bil-mutur, bastimenti jew ajruplani;

(v) oġġetti u servizzi bil-għan li ssir tiswija, manutenzjoni u żamma ta' oġġett li tapplika għalih il-partita (iv) ta' dan is-subparagrafu;

(b) il-provvista ta' kull oġġett u servizz li jintuża fl-għoti minn dik il-persuna ta' riċeviment, divertiment jew ospitalita' ħlief meta dak l-għoti jsir b'kumpens fil-kors normali ta' l-attività ekonomika ta' dik il-persuna;

(ċ) il-provvista ta' kull oġġett u servizz li jintuża fl-għoti minn dik il-persuna lill-impjegati tagħha jew, fil-każ ta' korp ta' persuni, lill-uffiċjali jew impjegati tagħha, ta' trasport jew divertiment: b'dan illi din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal trasport mogħti minn dik il-persuna lill-impjegati tagħha fuq vetturi fejn jistgħu jiġu okkupati mhux inqas minn seba' postijiet.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-partiti (i) sa (v) tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' din il-partita ma għandhomx japplikaw għal:

(a) oġġetti akkwistati minn persuna bil-għan li jerġgħu jinbiegħu, sew fl-istat kif ikunu ġew akkwistati jew wara xi trattar jew proċessar jew inklużi f'oġġetti oħra mogħtija bi provvista minn dik il-persuna, fil-kors normali ta' l-attività ekonomika ta' dik il-persuna;

(b) vetturi bil-mutur, bastiment u ajruplani akkwistati minn persuna u li jintużaw minnha bil-għan ta' trasport ta' oġġetti jew passiġġieri b'kumpens;

(ċ) bastimenti u ajruplani akkwistati minn persuna bil-għan li jiġu provduti minnha bis-saħħa ta' ftehim ta' *charter* jew kiri;

(d) vetturi bil-mutur akkwistati minn persuna bil-għan li jiġu provduti minnha għall-kiri bi *driver* jew għall-kiri *self-drive*, jew li jiġu wżati fit-tagħlim tas-sewqan, sakemm dawn jiġu hekk użati, f'kull każ, fil-kors normali ta' l-attivita' ekonomika ta' dik il-persuna;

(e) vetturi bil-mutur li jkunu maħsuba primarjament għall-ġarr ta' oġġetti b'postijiet biex jiġu okkupati ħdejn ix-xufier biss u li normalment ma jkunux xierqa għat-trasport tal-passiġġieri, jew b'aktar minn disa' postijiet biex jiġu okkupati.

(3) F'din il-partita, "xogħlijiet artistiċi" tfisser —

(a) pitturi, tpinġijiet u pastelli li jsiru bl-idejn, minbarra oġġetti li jitpinġew jew jiġu dekorati bl-idejn;

(b) inċiżjonijet, stampati u litografiji oriġinali;

(ċ) skulturi u statwarji oriġinali, ta' kull materjal;

(d) antikitajiet li jkollhom iżjed minn mitt sena qedem;

(e) kollezzjonijiet u oġġetti tal-kolletturi ta' interess zooloġiku, botaniku, minerarju, anatomiku, storiku, arkejoloġiku, paleontoloġiku u etnografiku.

Taxxa li f'parti minnha titqies bħala input tax

5. Meta xi oġġetti jew servizzi jintużaw jew ikunu ser jintużaw iżda mhux għal kollox fil-kors jew fl-avvanz ta' xi attività ekonomika għandu jitqies bħala *input tax* dak is-sehem mit-taxxa li jkollha titħallas fuq il-provvisti jew importazzjonijiet in kwistjoni daqskemm il-Kummissarju jista' jikkunsidra li jkun raġonevoli li jqis is-sehem ta' l-użu ta' dawk l-oġġetti jew servizzi fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika għall-użu sħiħ tagħhom.

Attribuzzjoni ta' input tax

6. (1) Kull *input tax* għal żmien ta' taxxa li jkun esklusivament attribwibbli għal provvisti li japplika għalihom is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att għandu jiġi permess bħala kreditu għal dak il-perjodu.

(2) Kull *input tax* li jkun esklusivament attribwibbli għal provvisti li ma jkunux imsemmija fil-paragrafu (1) ta' din il-partita ma għandhomx jiġu permessi bħala kreditu.

(3) Kull *input tax* għal żmien ta' taxxa attribwibbli kemm għal provvisti li japplika għalihom is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att kif ukoll għal provvisti oħra għandu jiġi f'sehem minnu permess bħala kreditu għal dak iż-żmien ta' taxxa, liema sehem għandu jiġi stabbilit skond il-partita 7 jew 8 ta' din l-Iskeda.

Attribuzzjoni parzjali

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, is-sehem ta' *input tax* permess bħala kreditu għal żmien ta' taxxa skond il-paragrafu (3) tal-partita 6 ta' din l-Iskeda, ikun ekwivalenti għal dak is-sehem ta' l- imsemmi *input tax* bħalma jikkorrispondi mas-sehem li l-valur tal-provvisti li japplika għalihom is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att, magħmulin matul dak iż-żmien ta' taxxa għandu għall-valur tal-provvisti kollha magħmulin matul dak iż-żmien.

(2) Għall-għanijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita:

(a) il-valur ta' provvisti eżentati għandu jiġi stabbilit bil-mod li japplika sabiex jiġi stabbilit il-valur taxxabbli ta' provvisti taxxabbli;

(b) għandu jiġi eskluż mill-valur tal-provvisti magħmula minn dik il-persuna matul dak iż-żmien —

(i) il-valur ta' kull provvista ta' oġġetti kapitali;

(ii) il-valur ta' kull provvista li taħt jew bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' l-Att dik il-persuna tagħmel lilha nnifisha;

(iii) il-valur ta' kull provvista li ma ssirx minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

(iv) il-valur ta' kull provvista li titqies li tkun saret minn dik il-persuna skond l-artikolu 65 ta' l-Att.

(3) Il-Kummissarju jista' jagħmel dawk l-aġġustamenti fil-valuri li jkollhom jitqiesu bil-għan ta' xi tqassim ta' xi sehem li din il-partita tapplika għalih hekk kif jidhirlu li jkun raġonevoli bil-għan li jiġi eżluż kull tgħawwiġ minħabba fi provvisti li jsiru f'xi żminijiet partikolari, mhux ordinarji, okkazjonali jew inċidentali.

Metodi alternattivi ta' attribuzzjoni parzjali

8. (1) Meta l-provvisti magħmulin matul żmien ta' taxxa ma jkunux jinkludu l-provvisti li japplika għalihom is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att u meta jkollu jsir kreditu parzjali għal *input tax* għal dak iż-żmien, li ma kienx għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tal-partita 7, bis-saħħa tal-paragrafu (3) tal-partita 6 ta' din l-Iskeda, il-Kummissarju jista' jippermetti bħal kreditu dak is-sehem ta' *input tax* għal dak iż-żmien li lilu jista' jidhirlu li jkun raġonevoli, u jista', filli jippermetti dak il-kreditu, jimponi dawk il-kondizzjonijiiet u jeħtieġ dik is-sigurtà li jista' jqis xierqa.

(2) Meta jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju li l-metodu ta' attribuzzjoni ta' *input tax* stipulat fil-partita 7 ta' din l-Iskeda ma jkunux jagħti riżultat ġust u raġonevoli, huwa jista' jippermetti persuna reġistrata tadotta kull metodu ieħor li l-Kummissarju jista' japprova.

(3) Fl-għoti ta' approvazzjoni skond il-paragrafu (2) ta' din il-partita l-Kummissarju jista' –

(a) jeħtieġ li l-istess metodu għandu jibqa' jintuża għal dak iż-żmien li jista' jispeċifika;

(b) jimponi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra u jeħtieġ dik il-garanzija li hu jqis li tkun xierqa.

Aġġustament ta' attribuzzjoni parzjali

9. (1) Fi żmien sitt xhur minn tmien sena kalendarju l-Kummissarju jista' b'avviż bil-miktub jeħtieġ jew jippermetti persuna reġistrata li lilha jkun ġie permess kreditu parzjali għal *input tax* għal xi żmien li jkun jagħlaq matul dik is-sena sabiex jagħmel aġġustament għall-kreditu totali għal *input tax* permessi għal kull żmien ta' taxxa li jagħlaq matul dik is-sena, liema aġġustament ikun jikkonsisti fid-differenza bejn il-kreditu totali permessi kif imsemmi qabel u l-kreditu li jirriżulta minn attribuzzjoni bażata fuq riżultati ta' kull sena.

(2) Il-kreditu li jirriżulta minn attribuzzjoni bażata fuq riżultati ta' kull sena mit-total ta' *input tax* għal kull żmien ta' taxxa li jagħlaq fis-sena kalendarja in kwestjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiiet tal-paragrafu (1) u (2) tal-partita 7 u tal-paragrafu (2) tal-partita 8 ta' din l-Iskeda għandu jkun japplika għall-għan ta' taqsim f'ishma li tapplika għalih din il-partita b'dan illi kull referenza fl-imsemmija paragrafi għal żmien ta' taxxa li jagħlaq f' dik is-sena.

(4) L-aġġustament mitlub jew permezz ta' avviż li jiġi notifikat lil persuna reġistrata skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita għandu jitqies għall-għanijiiet din il-partita kollha ta' l-Att bħala kreditu ulterjuri għal *input tax*, jew bħala passiv ulterjuri għal *output tax*, skond il-każ, għaż-żmien ta' taxxa li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li matulu dak l-avviż jiġi notifikat lil dik il-persuna, u għandu jiġi reġistrat fuq id-denunzja relattiva u jittieħed kont tiegħu skond hekk.

Rounding up

10. (1) Frazzjoni li tirriżulta mill-ħdim ta' xi kalkolu magħmul skond din l-Iskeda għandha tinġieb fis-sħiħ sa l-eqreb lira.

(2) Meta l-ammont ta' *input tax* li jirriżulta li ma jkunx permess bħala kreditu wara u skond taqsim f'ishma magħmul skond il-partita 7, 8, jew 9 ta' din l-Iskeda jkun anqas minn Lm10 moltiplikat bl-għadd ta' xhur jew parti minnhom inkluża fiż-żmien jew f kull żmien ta' taxxa li dak it-taqsim f'ishma jkollu x'jaqsam magħhom dak l-ammont għandu jitqies, minkejja d-dispożizzjonijiet oħra taħt din l-Iskeda, bħala li hu permessibbli bħala kreditu għal *input tax*.

Ħelsien meta jkun hemm djun

11. (1) Meta persuna reġistrata turi għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju li xi ammont lilu dovut bħala kumpens għal provvista magħmula lil persuna oħra, matul żmien ta' taxxa, tkun saret dejn u li tkun tħallset jew ikollha titħallas xi *output tax* minn dik il-persuna reġistrata għar-rigward ta' dik il-provvista, dik il-persuna reġistrata tista' titlob l-ammont ta' dak l-*output tax* sabiex tiġi permess bħala tnaqqis b' żieda ma' kull tnaqqis ieħor lilha permess skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda għal dak iż-żmien ta' taxxa jew għal dak iż-żmien ta' taxxa li jiġi wara hekk kif jista' jippermetti l-Kummissarju.

(2) Talba għal tnaqqis dwar xi dejn għandha ssir skond kull ordni li l-Kummissarju jista' jagħti dwar iċ-ċirkostanzi kif dak jista' jsir u d-dokumenti jew kull prova oħra li jkollha tinġieb.

(3) L-irkupru ta' debitu li jkun ġie permess dwaru tnaqqis skond dan il-paragrafu jew ta' parti minn dak id-debitu għandu jitqies, sal-limitu ta' l-ammont

irkuprat, bħala provvista taxxabbli li tkun qed isseħħ f'dak il-waqt li jitħallas id-debitu jew parti minnu u għandha titqies b' dak il-mod mill-persuna li t-tnaqqis ikun ħekk ġie permess għaliha.

Limitazzjoni ta' output tax attribwibbli lil xi provvisti

12. (1) Din il-partita għandha tapplika għal taxxa li għandha titħallas fuq provvisti taxxabbli magħmula lil persuna reġistrata u għal taxxa mħallsa fuq importazzjonijiet taxxabbli magħmula minn dik il-persuna sal-limitu li tkun attribwibbli għal provvisti magħmula jew li għandhom isiru minn dik il-persuna u speċifikati fis-subparagrafu (a) jew fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu (1) tal-partita 1 tat-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda din il-partita ma għandhiex tapplika għal kull taxxa li tkun attribwibbli għall-provvista ta' akkomodazzjoni f'lukanda ħekk liċenzjata taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, jew xi Att ieħor li jissostitwih, jew għal servizzi mogħtija lil persuni provduti b'akkomodazzjoni f'dik il-lukanda li jikkonsistu f'faċilitajiet provduti ġewwa dik il-lukanda.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita, l-ammont ta' taxxa li għalih tapplika din il-partita li jista' jitqies bħala l-*input tax* ta' persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa ma għandux ikun iżjed mill-ammont ta' *output tax* ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien fuq il-provvisti li għalihom dak l-ammont ikun attribwibbli.

(3) Kull ammont ta' taxxa li ma jitqiesx bħala *input tax* ta' persuna reġistrata għal żmien ta' taxxa unikament minħabba l-limitazzjoni provduta fil-paragrafu (2) ta' din il-partita għandu jitqies li jkun l-*input tax* ta' dik il-persuna għaż-żmien ta' taxxa li jiġi wara b'żieda ma' kull *input tax* oħra għal dak iż-żmien, b'dan illi:

(a) l-ammont ta' taxxa li għalih tapplika din il-partita li jista' jitqies bħala *input tax* għal dak l-imsemmi żmien ta' taxxa li jiġi wara għandu jerġa' jkun suġġett għal dik il-limitazzjoni;

(b) fejn ammont ta' taxxa ma jitqiesx bħala *input tax* għal żmien ta' taxxa minħabba dik il-limitazzjoni u l-provvisti magħmula minn dik il-persuna reġistrata għal għadd ta' żminijiet ta' taxxa konsekuttivi li jiġu wara li jkopru mill-inqas tnax-il xahar ma jkunux jinkludu xi provvisti speċifikati fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-partita 1 tat-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att li ma jkunux provvisti msemmija fil-proviso li jinsab mal-paragrafu (1) ta' din il-partita, dak l-ammont ma għandux jitqies bħala l-*input tax* għal xi żmien ta' taxxa li jiġi wara;

(ċ) ebda ħaġa f'din il-partita ma għandha tiftiehem li tqis xi ammont li ma ġiex meqjus bħala *input tax* minħabba f'dik il-limitazzjoni għal xi żmien ta' taxxa, bħala kreditu eċċessiv għal żmien ta' taxxa.

IT-TNAX-IL SKEDA

Artikolu 28

Dokumentazzjoni ta' Taxxa

Dokumentazzjoni li għandha tinżamm

1. Kull persuna reġistrata għandha żżomm, bil-għan li tagħti kont tat-taxxa, kull dokumentazzjoni u dokument kif ġej:

(a) akkonti u kull dokumentazzjoni xierqa ta' l-attività ekonomika tagħha;

(b) l-akkont tagħha tat-taxxa fuq il-valur miżjud;

(ċ) l-akkont tagħha ta' kull sena tat-taxxa fuq il-valur mizjud;

(d) kopji ta' kull fattura ta' taxxa minnha maħruġa;

(e) kull fattura ta' taxxa li tkun irċeviet;

(f) kull dokumentazzjoni li jkollha x'taqsam ma' kull importazzjoni u esportazzjoni minnha magħmula;

(ġ) kopji tal-irċevuti fiskali kollha maħruġa skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att; u

(ħ) kull nota ta' kreditu, nota ta' debitu u dokument ieħor minnha maħruġa jew irċevuti li jagħtu prova żieda jew tnaqqis fil-kumpens għal xi provvisti jew għal importazzjonijiet.

Hwejjeġ li għandhom jiġu inklużi fil-konteġġi

2. Il-konteġġi u d-dokumentazzjoni ta' kull persuna reġistrata għandhom jinżammu b'dak il-mod li jkun jista' jaċċerta l-verifika ta' dan li ġej:

(a) il-valur totali tal-provvisti magħmula minnha matul kull żmien ta' taxxa, u kull għadd totali tal-valur ta'–

(i) oġġetti taxxabbli b'rata ta' 15%, eskluża t-taxxa;

(ii) servizzi taxxabbli b'rata ta' 15%, eskluża t-taxxa;

(iii) akkomodazzjoni taxxabbli b'rata ta' 5%, eskluża t-taxxa;

(iv) esportazzjonijiet;

(v) provvisti, li ma jkunux esportazzjonijiet, imsemmija fit-Taqsima Wieħed tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att (eżenti bil-kreditu);

(vi) provvisti msemmija fit-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att (eżenti bla kreditu);

(b) il-valur totali ta' l-importazzjonijiet tagħha, xiri u *inputs* oħra għal kull żmien ta' taxxa, u kull għadd totali tal-valur ta'–

(i) oġġetti taxxabbli, mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, eskluża t-taxxa;

(ii) oġġetti eżentati mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu;

(iii) ix-xiri ta' oġġetti kapitali;

(iv) servizzi taxxabbli u *overheads* taxxabbli, eskluża t-taxxa;

(ċ) meta l-provvisti magħmula minnha jinkludu provvisti msemmija fit-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att li l-apporzjonament jew metodu ieħor applikabbli skond l-Att jew kull regolament magħmul bis-saħħa ta' l-Att għall-attribuzzjoni ta' *input tax* għall-provvisti minnha magħmula;

(d) it-taxxa li titħallas jew li għandha titħallas, it-taxxa li titħallas lura jew li għandha titħallas lura u l-kreditu eċċessiv avvanzat, jekk ikun hemm, għal kull żmien ta' taxxa.

Il-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

3. (1) Il-kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud għandu jkun kont separat li jinżamm għal kull zmien ta' taxxa tal- persuna taxxabbli u għandu jinqasam fit-Taqsima ta' *Output Tax* u fit-Taqsima ta' *Input Tax*.

(2) It-taqsima ta' *output tax* tal- kont ta' Taxxa fuq il- Valur Mizjud għandha tindika l-ammont totali ta' *output tax* li għandu jitħallas għaż-żmien ta' taxxa relattiv u għandha titħallas b'rati differenti, u għandu jkun fiha riferenza relattiva għall-konteġġi li minnhom il-valuri tal-provvisti li għalihom tkun tirreferi dik *l-output tax* ikunu jistgħu jiġu verifikati.

(3) It-Taqsima ta' *input tax* tal-Kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha tindika l-ammont totali ta' *imput tax* li tkun permessa li titnaqqas għal dak iż-żmien, b'dan li ssir distinzjoni bejn *input tax* fuq importazzjoni u fuq provvisti, u għandu jkun fiha riferenza relattiva għall-konteġġi li minnhom il-valuri tal-importazzjoni u provvisti li għalihom tkun tirreferi dik l-*imput tax* ikunu jistgħu jiġu verifikati.

Tiswija ta' żbalji

4. (1) Meta persuna reġistrata, f'denunzja għal żmien ta' taxxa magħmula lill-Kummissarju:-

(a) jiddikjara *output tax* biż-żejjed jew bin-nieqes u dak iż-żejjed jew in-nieqes ma jkunx ta' iktar minn ħamsa fil-mija ta' *output tax* dikjarat f'dik id-denunzja, u/jew

(b) jiddikjara il-kreditu għal *input tax* biż-żejjed jew bin-nieqes u dak iż-żejjed jew in-nieqes ma jkunx ta' iktar minn ħamsa fil-mija tal-kreditu għal *input tax* dikjarat f'dik id-denunzja,

hija tkun tista' tagħmel aġġustamenti fil-Kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud għaż-żmien ta' taxxa li matulu jkun ġie skopert id-dikjarar biż-żejjed jew bin-nieqes permezz ta' tnaqqis minn jew ta' żieda ma' l-ammont totali għal-dak iż-żmien ta' taxxa tat-taqsima ta' *output tax* u/jew it-taqsima ta' *input tax,* skond il-każ, u l-*output tax* u l-*input tax,* għal dak iż-żmien għandhom jitqiesu li jkunu l-ammonti totali rispettivi tagħhom kif aġġustati.

(2) Ma jista' jsir ebda aġġustament skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita ħlief meta d-dikjarazzjoni biż-żejjed jew bin-nieqes ta' *output tax* jew ta' *input tax* tirriżulta b'konsegwenza ta' żball tal-persuna taxxabbli.

Aġġustamenti minħabba f'tibdil fil-kumpens

5. (1) Meta *output tax* jew *input tax* dikjarati minn persuna f'denunzja ta' taxxa jirriżulta li jkun ġie dikjarat biż-żejjed jew bin-nieqes minħabba f'żieda jew fi tnaqqis fil-kumpens għal xi provvista jew għat-tħassir ta' provvista magħmula lil jew minn dik il-persuna li jitħallas jew jiġi permess jew isir f'xi żmien ta' taxxa sussegwenti għal dak li matulu l-provvista jkun ingħata kont tagħha, dik il-persuna tista' tagħmel aġġustament fil-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal dak iż-żmien ta' taxxa sussegwenti permezz ta' tnaqqis minn jew żieda ma' l-ammont totali għal dak iż-żmien ta' taxxa tat-taqsima ta' *output tax* u/jew tat-taqsima ta' *input tax, s*kond il-każ, u l-*output tax* u l-*input tax* għal dak iż-żmien għandu jitqies li jkun l-ammonti totali rispettivi tagħhom kif aġġustati.

(2) Ebda ħaġa f'din il-partita ma għandha titqies li tippermetti d-determinazzjoni tal-valur taxxabbli ta' provvista b'mod kuntrarju għal xi dispożizzjoni li tinsab fl-Att b'mod ġenerali u fis-Seba' Skeda li tinsab ma' l-Att b'mod partikolari.

Aġġustamenti bażati fuq riżultati annwali

6. Meta aġġustament ikollu jsir b'konsegwenza ta' attribuzzjoni ta' *input tax* bażata fuq riżultati annwali skond il-Ħdax-il Skeda, dak it-tnaqqis għandu jsir fil-kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond dik l-Iskeda.

Dispożizzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tnaqqis

7. (1) Kull aġġustament fil-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandu jagħmel riferenza b'mod ċar għad-denunzja ta' taxxa li jkun jirreferi għaliha u għal kull dokument li jkollu x'jaqsam mad-dikjarazzjonijiet biż-żejjed jew bin-nieqes.

(2) Ma jista' jsir ebda aġġustament skond il-partita 4 jew 5 ta' din l-Iskeda fil-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal xi żmien ta' taxxa li jkun jibda iktar tard minn sitt xhur wara t-temma taż-żmien ta' taxxa li għar-rigward tiegħu *output tax* jew kreditu għal *input tax* relattivi jkun ġie dikjarat biż-żejjed jew bin-nieqes.

(3) Ma jista' jsir ebda aġġustament fil-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjed għal żmien ta' taxxa għar-rigward ta' xi provvista jew importazzjoni li jkun ingħata kont dwarha fi żmien qabel skond din l-Iskeda.

Denunzji ta' taxxa

8. L-ammont ta' *output tax* u kreditu għal *input tax* li jiġi dikjarat minn persuna f'denunzja ta' taxxa għal żmien ta' taxxa jkun l-ammont ta' *output tax* u kreditu għal *input tax* li jidher fid-dokumentazzjoni ta' dik il-persuna skond din l-Iskeda.

Kont Annwali ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud

9. Il-kont annwali ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun kont li jsir għal kull sena kalendarja u fih għandu jidher it-total tat-totali li jidhru fit-taqsima ta' *output tax* u fit-taqsima ta' *input tax* tal-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal kull żmien ta' taxxa li jtemm matul dik is-sena kalendarja.

Eċċezzjonijiet

10. (1) Il-Kummissarju jista' jeħtieġ, f'xi każijiet jew tipi ta' każijiet partikolari, li jinżammu kull dokumentazzjoni jew dokument addizzjonali, jew jippermetti li dawk il-varjazzjonijiet fid-dokumentazzjoni u fid-dokumenti għandhom jinżammu skond din l-Iskeda bil-mod li jista' jqis li jkun xieraq għal kull għan li joħroġ mill-Att.

(2) Din l-Iskeda għandha tkun bla ħsara għall-ħtiġiet ġenerali ta' l-artikolu 48 ta' l-Att u ta' kull dispożizzjoni speċjali li tinsab fl-Att jew f'kull partita li ssir bis-saħħa ta' l-Att.

IT-TLETTAX-IL SKEDA

Artikolu 50 (4)

Fattura ta' Taxxa

Għamla ta' fattura ta' Taxxa

1. Salv hekk kif il-Kummissarju jista' jippermetti mod ieħor, dokument ma jikkostitwix fattura ta' taxxa kemm-il darba dan ma jkunx jinqara sew u kemm-il darba l-partikolaritajiet kollha meħtieġa b'din l-Iskeda ma jkunux tniżżlu sew u fis-sħubija kollha tagħhom.

Kontenut

2. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partita 4 ta' din l-Iskeda, fattura ta' taxxa li tinħareġ minn persuna li ma tkunx persuna eżentata għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) numru ta' identifikazzjoni tal-fattura;

(b) id-data tal-provvista;

(ċ) l-isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jagħmel il-provvista;

(d) l-isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jirċievi l-provvista;

(e) it-tip tal-provvista billi ssir referenza għall-kategoriji elenkati fil-partita 3 ta' din l-Iskeda;

(f) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tidentifika l-oġġetti jew is-servizzi provduti;

(ġ) għal kull deskrizzjoni, l-għadd ta' oġġetti jew il-limitu tas-servizzi, ir-rata tat-taxxa li titħallas fuqhom, u l-prezz li jkollu jitħallas għalihom f'liri Maltin, eskluża t-taxxa;

(ħ) il-prezz totali li jkollu jitħallas f'liri Maltin, qabel ma jsir xi skont għal ħlas fil-pront u eskluża t-taxxa;

(i) ir-rata mogħtija għal xi skont għal ħlas fil-pront;

(j) l-ammont f'liri Maltin tat-taxxa li għandha titħallas b'kull rata u r-rata li hekk titħallas;

(k) l-ammont totali ta' taxxa li jkollha titħallas f'liri Maltin.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partita 4 ta' din l-Iskeda, fattura ta' taxxa li tinħareġ minn persuna eżentata għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) numru ta' identifikazzjoni tal-fattura;

(b) id-data tal-provvista;

(ċ) l-isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jagħmel il-provvista, u, ħdejn jew minnufih taħt l-imsemmi numru ta' reġistrazzjoni, il-kelmiet "Persuna Eżentata";

(d) l-isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jirċievi l-provvista;

(e) it-tip tal-provvista billi ssir referenza għall-kategoriji elenkati fil-partita 3 ta' din l-Iskeda;

(f) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tidentifika l-oġġetti jew is-servizzi provduti;

(ġ) għal kull deskrizzjoni l-għadd ta' oġġetti jew il-limitu tas-servizzi, ir-rata ta' taxxa li titħallas fuqhom u l-prezz li jkollu jitħallas għalihom f'liri Maltin;

(ħ) il-prezz totali li jkollu jitħallas f'liri Maltin, qabel ma jsir xi skont għal ħlas fil-pront u eskluża t-taxxa;

(i) ir-rata mogħtija għal xi skont għal ħlas fil-pront.

Kategorija ta' provvisti

3. Il-kategorija msemmija fis-subparagrafu (e) tal-paragrafi (1) u (2) tal-partita 2 ta' din l-Iskeda huma:

(a) provvista li ssir b'bejgħ;

(b) provvista ta' oġġetti li ssir bi ftehim ta' *hire-purchase* jew skond patti li bihom il-pussess ta' oġġetti jiddewwem;

(ċ) provvista li ssir b'kiri;

(d) provvista bis-saħħa ta' kuntratt ta' permuta;

(e) provvista ta' oġġetti magħmula minn materjal fornut mill-kompratur;

(f) provvista li ssir b'bejgħ b'kummissjoni;

(ġ) provvista li ssir ma' bejgħ jew radd lura jew b'patti simili;

(ħ) kull provvista oħra.

Fattura ta' Taxxa li tingħata mill-bejjiegħa bl-imnut

4. Fattura ta' taxxa li tenħtieġ minn bejjiegħ bl-imnut għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet biss:

(a) numru konsekuttiv tat-transazzjoni;

(b) id-data tal-provvista;

(ċ) l-isem, indirizz u numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jagħmel il-provvista;

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' min jirċievi l-provvista;

(e) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tiddentifika l-oġġetti jew is-servizzi provduti;

(f) għal kull deskrizzjoni, l-għadd ta' oġġetti, ir-rata tat-taxxa li titħallas fuqhom, u l-prezz li jkollu jitħallas għalihom f'liri Maltin, inkluża t-taxxa;

(g) l-ammont totali tat-taxxa li jkollha titħallas f'liri Maltin:

Iżda riċevuta fiskali maħruġa permezz ta' *Cash Register* fiskali kif imfisser fl-Erbatax-il skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha titqies li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan il-paragrafu jekk ikun fiha b'żieda ma' tagħrif meħtieġ mill-imsemmija paragrafu in-numru ta' Reġistrazzjoni mitbuq permezz tal-makna, tal-persuna li tkun qed tirċievi il-provvisti relattivi.

Fattura għal provvista eżentata

5. Meta persuna reġistrata tagħmel fattura li jkun fiha l-partikolaritajiet preskritti fil-partita 2 jew fil-partita 4 ta' din l-Iskeda u jispeċifika fuqha xi oġġetti jew servizzi li jkunu s-suġġett ta' provvista eżentata, hija għandha tiddistingwi fuq dik il-fattura bejn provvisti eżentati u provvisti taxxabbli u għandha tiddistingwi bejn il-provvisti eżentati msemmija fit-Taqsima Wieħed tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att u provvisti eżentati oħra.

Reverse Charge

6. Fil-każ ta' provvista ta' servizzi li għaliha jkun jirreferi l-artikolu 65 ta' dan l-Att, il-persuna li titqies li tkun qed tagħmel dik il-provvista skond dak l-artikolu għandha tindika l-kliem "*self-reverse charge*" minflok it-tagħrif meħtieġ fis-subparagrafu (d) tal-paragrafi (1) jew (2) tal-partita 2 ta' din l-Iskeda.

Każijiet speċjali

7. Din l-Iskeda għandha tkun mingħajr ebda preġudizzju għal kull dispożizzjoni li tista' tiġi preskritta f'każijiet speċjali.

L-ERBATAX-IL SKEDA

Artikolu 50 (4)

Riċevuti Fiskali

Tifsir

1. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg mod iehor —

"*cash register* fiskali" tfisser *cash register* li jkun jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 ta' din l-Iskeda;

"*fiscal taxi meter*" tfisser taxi meter li jkun jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 11 ta' din l-Iskeda;

"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta jew fattura maħruġa f'għamla li tiġi provduta jew approvata bil-miktub mill-Kummissarju u li jkun fiha t-tagħrif u dettalji kollha meħtiega li jiġu speċifikati fuqha skond dik l-għamla, jew riċevuta maħruġa permezz ta' *cash register* fiskali, jew riċevuti maħruġa permezz ta' *fiscal taxi meter*.

Obbligu li tinħareġ riċevuta

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, kull persuna reġistrata li tagħmel provvista taxxabli jew provvista msemmija fit-Taqsima Wieħed tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att (provvista eżentata bil-kreditu) għandha toħroġ, ħlief meta tenħtieg li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista, riċevuta fiskali skond dawn ir-regolamenti għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista u dik ir-riċevuta fiskali għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas, jew lill-persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas:

Iżda dwar provvista li għaliha ma jsir ebda ħlas iżda li titqies li tkun magħmula bi ħlas skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ir-riċevuta fiskali għandha tinħareġ fid-data li fiha ssir dik il-provvista.

Riċevuta li tinħareġ minn cash register fiskali

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partiti 4, 5 u 6 ta' din l-Iskeda, riċevuta fiskali li tinħareġ minn persuna li tbiegħ bl-imnut jew li n-negozju tagħha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmi fil-partita 2 tat-Taqsima Tlieta tar-Raba' Skeda li

tinsab ma' dan l-Att għandha tinħareġ permezz ta' *cash register* fiskali: iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista', għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali, hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju.

(2) Riċevuta li hija meħtieġa li tinħareġ għal servizz bit-*taxi*, għandha tinħareġ permezz ta' *taxi meter* fiskali: iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista', għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta' *taxi meter* fiskali, hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju.

(3) Għall-għanijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' din il-partita, dan li ġej ma għandux jitqies bħala raġuni valida:

(a) li wieħed ma jkollux *cash register* fiskali jew *taxi meter* fiskali;

(b) li wieħed ma jkollux il-kartolerija jew materjal ieħor meħtieġ biex jitħaddem il-*cash register* fiskali jew *taxi meter* fiskali;

(ċ) difetti fit-tħaddim *ta' cash register* fiskali jew *taxi meter* fiskali ħlief meta jkunu ttieħdu miżuri ta' malajr u raġonevoli biex dawk id-difetti jkunu jistgħu jitrangaw.

Bejgħ li jsir bieb bieb ta' gass, ħalib jew ħobż

4. (1) Persuna li tagħmel provvista minn vettura li tikkonsisti f'konsenja bieb b'bieb, jew f'konsenja li ssir lill-pubbliku fi triq pubblika, ta' gas, ħalib u prodotti tal-ħalib jew ħobż ma għandhiex tenħtieġ li toħroġ riċevuta fiskali għal kull tali provvista jekk huwa joħroġ riċevuta fiskali waħda (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din il-partita msejħa "riċevuta ta' kuljum") li tkun prova ta' dawk il-provvisti kollha magħmulin f'kull jum bil-mod preskritt fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita.

(2) Riċevuta ta' kuljum tkun riċevuta fiskali li tagħti kont tad-differenza bejn l-oġġetti mgħobbija fuq il-vettura li minnha jsiru dawk il-provvisti u l-oġġetti li jifdal fuq il-vettura wara li dawk il-provvisti jkunu twasslu għal dak il-jum bħallikieku dik id-differenza kienet turi oġġetti provvisti f'konsenja waħda.

(3) Persuna li toħroġ riċevuta ta' kuljum għandha żżomm l-oriġinal ta' dawk ir-riċevuti flimkien mar-*records* l-oħra li tkun meħtieġa żżomm għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(4) Persuna li toħroġ riċevuti ta' kuljum tkun meħtieġa li toħroġ riċevuti fiskali skond il-partiti l-oħra ta' din l-Iskeda dwar kull provvista li ma tissemmiex f'din il-partita.

Provvista ta' oġġetti li jsiru minn vending machines

5. (1) Riċevuta fiskali għar-rigward ta' provvisti ta' oġġetti li jsiru permezz ta' *vending machine* għandha tagħti kont tad-differenza fl-għadd ta' oġġetti magazzinati fil-makna kull darba u minnufih wara li l-oġġetti jiġu magazzinati fil-makna u l-għadd ta' oġġetti magazzinati fil-makna minnufih qabel ma l-oġġetti jerġgħu jiġu magazzinati fil-makna bħallikieku dik id-differenza kienet tirrapreżenta l-oġġetti provvisti f'konsenja waħda: b'dan illi l-ewwel riċevuta li tinħareġ skond din il-partita minn persuna li tkun persuna taxxabbli fl-1 jum ta' Jannar, 1999 għandha tagħti kont għad-differenza fl-oġġetti magazzinati fil-makna fl-1 ta' Jannar, 1999 u l-oġġetti magazzinati fil-makna minnufih qabel l-ewwel darba fl-1999 li jiġu magazzinati oġġetti fil-makna.

(2) Persuna li tagħmel provvisti ta' oġġetti permezz ta' *vending machine* għandha tieħu qari tal-ħażniet kull darba li jiġu magazzinati oġġetti fil-makna u hija għandha żżomm *record* ta' dak il-qari u l-oriġinal ta' kull riċevuta maħruġa skond din il-partita flimkien ma' kull record li hija meħtieġa li żżomm għall-għanijiet ta' dan l-Att.

Provvista ta' servizz li jsiru permezz ta' makna

6. (1) Riċevuta fiskali għar-rigward ta' provvisti ta' servizzi li jsiru minn makna li taħdem bil-minuti għandha tinħareġ kull darba li jbattlu l-muniti minn ġewwa l-makna, u għandha tagħti kont għall-valur ta' servizzi mogħtija fi provvista waħda.

(2) Persuna li tagħmel il-provisti speċifiki fil-paragrafu (1) ta'din il-partita għandha żżomm dokumentazzjoni tal-muniti mbattla minn ġewwa l-makna u tal-muniti u oġġetti maħżuna minnha, jekk ikun hemm, fil-makna, u għandha żżomm l-originali ta' kull irċevuta maħruġa skond din il-partita flimkien ma' kull dokumentazzjoni oħra li tenħtieġ iżżomm għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(3) Riċevuta fiskali għar-rigward ta' provvisti ta' servizzi magħmula permezz ta' makna li tithaddem b'biljett elettroniku jew b'xi mezz ieħor għandha tinħareġ kull darba li dak il-biljett jew mezz ieħor jiġi provvist u għandu jkun jikkorispondi għall-prezz imħallas jew li għandu jitħallas għall-provvista ta'dak il-biljett jew mezz ieħor bħalliekieku l-provvista ta'dak il-biljett jew mezz ieħor kienet tirrappreżenta l-provvista ta' servizzi li jistgħu jiġu provduti permezz ta' dak il-biljett jew mezz ieħor.

Reżokont għal riċevuti fiskali provduti jew approvati mill-Kummissarji

7. (1) Kull persuna li tiġi provduta b'għamla ta' riċevuti fiskali mill-Kummissarju għandha tagħti kont ta' kull għamla bħal dik billi żżomm għandha, u tkun tista' tipproduċi meta l-Kummissarju hekk jeħtieġ, kull għamla mhux użata, u billi żżomm kopja waħda w tipproduċi lill-Kummissarju kopja oħra ta'kull riċevuta maħruġa fuq tali għamla u ta' kull għamla imħassra.

(2) Il-kopji ta' kull għamla użata jew imħassra ta'riċevuti fiskali provduti mill-Kummissarju għandhom jingħataw lill-Kummissarju kemm jista' jkun malajr wara l-ktejjeb jew għamla oħra ta' legar li fiha jkun ġew provduti r-riċevuti fiskali jkunu nħlew jew f'dik id-data l-oħra li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(3) Kull persuna li toħroġ riċevuti fiskali fuq formoli approvati mill-Kummissarju għandha tagħti kont għal dawk il-formoli kollha b'dak il-mod li jiġi mitlub mill-Kummissarju, u għal dan il-għan il-Kummissarju jista' jagħti dawk id-direzzjonijiet dwar l-ipproċessar, reġistrar u ħażna tal-formoli u tat-tagħrif li għandu jingħata fihom, kif jidhirlu xieraq.

(4) Kull persuna taxxabbli li tonqos milli tagħti kont għal għamla ta'riċevuti fiskali bil-mod preskritt f'din il-partita għandha titqies, kemm il-darba ma tingiebx prova kontra, li tkun naqset li tagħti kont għal provvista taxxabbli.

Eżenzjoni mill-obbligu li tinħareġ riċevuta fiskali

8. (1) Il-Kummissarju jista', permezz ta'avviż bil-miktub, jeżenta lil kull persuna, u permezz ta'avviż pubblikat fil-Gazzetta jeżenta lil kull persuna, u permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta jeżenta lil klassi ta' persuni minn kull obbligu impost permezz ta' din l-Iskeda, u dik l-eżenzjoni tista' tingħata għal dak iż-żmien u b'dawk il-limitazzjonijiet u bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati f'dak l-avviż.

(2) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien b'avviż bil-miktub jew b'avviż pubblikat fil-Gazzetta, skond il-każ, jirrevoka xi eżenzjoni li tingħata bis-saħħa ta'din il-partita.

Obbligu li irċevuta tinżamm u tiġi prodotta

9. Kull persuna li tinħarġilha riċevuta fiskali għandha għal żmien erbgħa w għoxrin siegħa u għandha, meta hekk tintalab matul dak iż-żmien mill-Kummissarju jew minn uffiċjal awtorizzat mill-Kummissarju, tipproduċi dik l-irċevuta lill-Kummissarju jew lill-uffiċjal minnu awtorizzat.

Cash register fiskali

10. (1) *Cash register* fiskali għandu -

(a) jkun suffiċjenti biex jagħmel dawk il-funzjonijiet li jinsabu elenkati fil-paragrafu (2) ta' din il-partita; u

(b) jkun ta' tip speċifikament approvat mill-Kummissarju permezz ta'avviż pubblikat fil-Gazzetta jew approvat għall-għanijiet ta' u skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jew l-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

(2) Il-funzjonijiet li *cash register* għandu jkun suffiċjenti għalihom għall-għanijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' din il-partita huma:

(a) l-istampar ta'riċevuta maqsuma f'partiti għall-provvisti magħmula f'kull transazzjoni b'mod li jigi indikat:

(i) isem u indirizz ta' min jagħmel il-provvista u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud,

(ii) xi jkunu l-oġġetti jew servizzi provvisti,

(iii) l-għadd ta' kull oġġett provist,

(iv) jekk kull partita tkunx taxxabli jew eżenti mit-taxxa,

(v) it-total tal-kumpens, inkluża t-taxxa tiegħu, imħallas għall-provvisti inklużi fit-transazzjoni,

(vi) numru konsekuttiv tat-transazzjoni,

(vii) il-*logo* tat-taxxa kif speċifikat mill-Kummissarju,

(viii) in-numru tal-*cash register*,

(ix) data u ħin tal-provvista,

(x) u/jew kull tagħrif ieħor li jista' jenħtieg mill-Kummissarju;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' kull transazzjoni odjerna fuq ġurnal stampat;

(ċ) il-ħażna ta' tagħrif fih mgħarraf li jkun meħtieġ f'memorja li ħadd ma jista' jidħol jew ibagħbas fiha.

Taxi meter fiskali

11. (1) *Taxi meter* fiskali għandu –

(a) jkun suffiċjenti biex jagħmel dawk il-funzjonijiet li jinsabu elenkati fil-paragrafu (2) ta' din il-partita; u

(b) jkun ta' tip speċifikament approvat mill-Kummissarju permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta.

(2) Il-funzjonijiet li *taxi meter* fiskali għandu jkun suffiċjenti għalihom għall-għanijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' din il-partita huma:

(a) l-istampar ta' riċevuti b'mod li jiġi indikat:

(i) l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-*taxi* ta' min jagħmel il-provvista u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

(ii) it-total, inkluż it-taxxa, tal-kumpens imħallas għal dak is-servizz;

(iii) numru konsekuttiv tat-transazzjoni;

(iv) il-*logo* tat-taxxa kif speċifikat mill-Kummissarju;

(v) in-numru tat-*taxi meter* fiskali;

(vi) id-data u l-ħin tal-provvista;

(vii) u/jew kull tagħrif ieħor li jista' jenħtieġ mill-Kummissarju;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' kull transazzjoni odjerna fuq ġurnal stampat;

(ċ) il-ħażna ta' tagħrif kif mgħarraf li jkun meħtieġ f'memorja li ħadd ma jista' jidħol jew ibagħbas fiha.

IL-ĦMISTAX-IL SKEDA

Artikolu 57

KAŻIJIET SPEĊJALI

Taqsima A

Servizzi Professjonali

Tifsir

1. F'din l-Iskeda –

"riċevuta fiskali" għandu jkollu t-tifsir mogħti lilha fl-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"servizzi professjonali" tfisser kull wieħed mis-servizzi speċifikati fil-partita 11 ta' din it-Taqsima.

Żmien ta' provvista

2. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, provvista ta' servizzi professjonali għandha titqies li tkun saret fiż-żmien li tiġi l-iżjed kmieni minn:

(a) id-data li fattura tat-taxxa jew riċevuta fiskali, skond il-każ, tinħareġ għal dik il-provvista, sal-limitu inkluż f'dik il-fattura jew riċevuta; u

(b) id-data meta jsir ħlas għad dik il-provvista, sal-limitu inkluż f'dak il-ħlas.

(2) Servizzi professjonali mogħtija minn persuna taxxabbli qabel l-1 ta' Jannar, 1999, għandhom jitqiesu li ġew provduti fid-data li fiha jkunu ġew mogħtija.

(3) Meta jsir ħlas qabel l-1 ta' Jannar 1999 għal servizzi professjonali mogħtija minn persuna reġistrata f'dik id-data jew wara dik id-data, dawk is-servizzi għandhom jitqiesu li ġew provvisti fl-1 ta' Jannar, 1999.

(4) Id-data tal-provvista ta' servizzi professjonali ddeterminata skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandha titqies li tkun id-data tal-provvista ta' dawk is-servizzi għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

Data meta jingħataw servizzi

3. (1) Is-servizzi ta' avukat jew ta' prokuratur legali fl-assistenza li tingħata li xi parti fi proċeduri ġudizzjarji għandhom jitqiesu li jkunu ġew mogħtija –

(a) tal-proċeduri ġudizzjarji jkunu nbdew qabel l-1 ta' Jannar 1999, u d-digriet finali jew sentenza jingħata fit-30 ta' Ġunju 1999 jew qabel dik id-data, f'data li tiġi qabel l-1 ta' Jannar, 1999;

(b) f'kull każ ieħor, fid-data meta digriet finali jew sentenza f'dawk il-proċedimenti tingħata mill-qorti li fiha jkunu nfetħu dawk il-proċedimenti (servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' proċedimenti miftuħa fi qrati differenti jitqiesu provduti separatament) jew, meta l-avukat jew il-prokuratur legali jitlaq jew jinbidel mill-kljient tiegħu f'data li tiġi qabel, f'dik id-data li tiġi qabel.

(2) Is-servizzi ta' perit ġudizzjarju jew ta' espert maħtur minn qorti jew minn tribunal imwaqqaf skond il-liġi għandhom jitqiesu li jkun ingħataw –

(a) fejn il-ħatra tal-perit jew l-espert tkun saret qabel l-1 ta' Jannar 1999 u r-rapport ikun preżentat fit-30 ta' Ġunju, 1999 jew qabel dik id-data, f'data li tiġi qabel l-1 ta' Jannar, 1999;

(b) f'kull każ ieħor, fid-data li fiha r-rapport jiġi ppreżentat jew magħmul lill-qorti jew tribunal jew, meta l-ħatra tiġi mitmuma f'xi data li tiġi qabel, f'dik id-data li tiġi qabel.

(3) Is-servizzi ta' arbitru għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw –

(a) fejn il-ħatra ta' l-artbitru tkun saret qabel l-1 ta' Jannar, 1999 u d-deċiżjoni tingħata fit-30 ta' Ġunju 1999 jew qabel dik id-data, f'data li tiġi qabel l-1 ta' Jannar 1999;

(b) f'kull każ ieħor, fid-data meta tingħata d-deċiżjoni jew, meta l-ħatra tiġi mitmuma f'xi data li tiġi qabel, f'dik id-data li tiġi qabel.

(4) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita, xogħol li jkun sar qabel l-1 ta' Jannar, 1999 minn awditur pubbliku għall-għan biex isir rapport tal-konteġġi għal sena finanzjarja li tibda qabel l-imsemmija data, għandha titqies li tagħmel parti minn provvista ta' servizzi mogħtija qabel l-imsemmija data.

(b) Meta ħlas għal xi servizzi mogħtija minn awditur pubbliku għall-għan li jsir rapport tal-konteġġi għal sena finanzjarja li tintemm fl-1 ta' Jannar, 1999 jew wara dik id-data, isir wara t-30 ta' Ġunju, 1999, l-imsemmija servizzi għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw kollha kemm huma wara l-1 ta' Jannar, 1999.

Provvisti magħmula b'xejn

4. Meta ebda ħlas ma jsir jew ma għandu jsir għall-provvista ta' servizzi professjonali u fejn dik il-provvista għandha titqies bħala provvista taxxabbli magħmula

bi ħlas skond id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, id-data ta' l-imsemmija provvista għandha tiġi stabbilita skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att mingħajr ebda referenza għal din it-Taqsima.

Fatturi u riċevuti għal servizzi professjonali

5. (1) Fejn hu meħtieġ li tinħareġ fattura ta' taxxa għal servizzi professjonali din għandha tinħareġ mhux aktar tard minn wieħed u tletin jum mid-data li fiha jsir il-ħlas għall-imsemmija servizzi, sal-limitu ta' dak il-ħlas:

Iżda fil-każ ta' provista msemmija fil-partita 4 ta' din it-Taqsima, il-fattura ta' taxxa għandha tinħareġ fi żmien wieħed u tletin jum mid-data li fiha jkunu ingħataw is-servizzi.

(2) Fejn hu meħtieġ li tinħareġ riċevuta fiskali għal provvista ta' servizzi professjonali din għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lil persuna li tkun għamlet il-ħlas jew lil persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas:

Iżda fil-każ ta' provvista msemmija fil-partita 4 ta' din it-Taqsima, ir-riċevuta fiskali għandha tinħareġ fid-data li fiha jkunu ingħataw is-servizzi.

(3) Fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali li tinkludi ħlas għal provvista ta' servizzi professjonali ma għandha tinkludi ebda ħlas ieħor għal xi provvista oħra.

Taxxa fuq servizzi fejn it-tariffa tal-ħlas huma stabbiliti bil-liġi

6. (1) It-taxxa li għandha titħallas fuq provvista ta' servizzi professjonali għandha tkun ta' ammont b'żieda ma' l-ammont li jirriżulta li għandu jitħallas għal dawk is-servizzi skond xi tariffa ta' ħlas stabbilita bis-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta.

(2) Ebda ħaġa f'dil-partita ma għandha titfiehem bħala li tenħtieġ lil xi persuna li tkun meħtieġa skond il-Liġi li tistma jew tiddikjara l-ħlas li għandu jitħallas skond dik it-tariffa milli tiddikjara jew tistma wkoll l-imsemmija taxxa.

(3) F'kull kawża għat-twettiq ta' titolu esekuttiv imsemmi fis-subartikolu (ċ) ta' l-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ammont li għalih il-ħlas jista' jkun esegwibbli għandu jkun l-ammont li jintwera fit-taxxa ta' l-ispejjez in kwestjoni miżjud b'kull taxxa li għandha titħallas fuq il-provvista ta' servizzi professjonali li għalihom tirreferi t-taxxa ta' l-ispejjeż kif pruvat permezz ta' fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali jew kopja awtentikata tagħha, meħmuża ma' l-imsemmija taxxa.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' din il-partita għandhom ikunu

bla preġudizzju għad-dritt tad-debitur li jitlob li jingħata il-fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali oriġinali skond il-partita 7 ta' din it-Taqsima.

Taxxa mitluba minn terzi persuni

7. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-partita għandhom japplikaw għal kull kawża għall-ħlas ta' drittijiet ta' servizzi professjonali magħmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi:

(a) il-persuna li kontra tagħha tkun saret il-kawża ma għandhiex tkun marbuta li titħallas l-ammont li jirreferi għat-taxxa, jekk ikun hemm, li għandha titħallas fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi sakemm l-oriġinal tal-fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali għal dawk is-servizzi kif mitlub fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita ma tingħatax lilha, jew, fejn il-kawża tkun saret kontra għadd ta' persuni flimkien, lil xi wieħed minnhom;

(b) fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali mogħtija skond kif imsemmi hawn fuq għandu jkun fiha, minbarra t-tagħrif meħtieġ skond l-Att:

(i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taħt iffirmata mill-persuna li lilha jkunu ngħataw l-imsemmija servizzi:

"Niddikjara li ebda kreditu għall-*input tax* ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li għalihom tirreferi din il-fattura ta' taxxa riċevuta fiskali.";

(ii) meta l-persuna li kontra tagħha tkun saret il-kawża jew it-talba tkun persuna reġistrata, jew, meta l-kawża tkun saret kontra għadd ta' persuni flimkien, jekk xi wieħed minnhom ikun persuna reġistrata, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' l-immsemmija persuna reġistrata;

(ċ) meta fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali għall-ħlas ta' servizzi professjonali kif mitlub bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita tingħata lil persuna reġistrata li hi marbuta bil-ligi li tħallas jew tirrifondi l-imsemmi ħlas din għandha għall-għanijiet ta' dan l-Att titqies daqs li kieku kienet fattura ta' taxxa għal servizzi professjonali provduti lilha.

Għażla għall-adozzjoni ta' skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura

8. (1) Kull persuna li tipprovdi servizzi professjonal tista' titlob lill-Kummissarju jawtorizzaha li tagħti rendikont għaż-żmien ta' provvisti magħmula minnha bil-mod kif provdut fl-Att mingħajr ma ssir referenza għal din it-Taqsima u kull persuna li tkun hekk awtorizzata tista' titlob lill-Kummissarju biex jawtorizzaha li tagħti rendikont għaż-żmien ta' provvisti skond din it-Taqsima.

(2) Il-Kummissarju jista' jiċħad li jagħti awtorizzazzjoni mitluba skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita għal xi raġuni li tidhirlu xierqa jew mingħajr ma tingħata ebda raġuni u jista' jagħti dik l-awtorizzazzjoni taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jidhirlu xieraq li jagħmel, inkluż il-ħlas ta' kull ammont stabbilit minnu li jirrappreżenta xi taxxa li, minħabba fil-bidla fil-mod ta' rendikont dwar it-taxxa, jista' b'xi mod jibqa' skopert.

Kif japplika l-Att

9. Salv b'kull mod ieħor provdut f'din it-Taqsima, id-dispożizzjoniet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att għandhom ikunu jgħoddu għall-provvisti ta' servizzi professjonali.

Servizzi

10. Din it-Taqsima tapplika għal –

(1) Servizzi mogħtija minn persuna li jkollha *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' xi liġi fis-seħħ f'Malta li teżerċita l-professjoni tagħha b'mod indipendenti fl-eżerċizzju ta' dik l-professjoni.

(2) Servizzi minn grupp ta' persuni li għandhom *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' xi ligi fis-seħħ f'Malta biex jeżerċita professjoni kemm jekk imsieħba f'soċjetà sew jekk le iżda esklużа soċjetà kummerċjali.

(3) Servizzi mogħtija minn arbitru fuq talba għal arbitraġġ magħmula skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 970 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(4) Servizzi mogħtija minn perit ġudizzjarju jew minn espert appuntat minn qorti jew minn tribunal imwaqqfa skond il-liġi.

Taqsima B

Oġġetti Użati

Min jista' jagħmel għażla

1. L-għażla msemmija fil-partita 2 ta' din it-Taqsima tista' ssir minn persuna reġistrata li tagħmel provvista taxxabbli ta' oġġetti li kienu ingħatawlha f'Malta bħala oġġetti użati –

(a) fuq provvista li fuqha ma tkun thallset ebda taxxa taħt dan l-Att, inkluża provvista li skond dan l-Att jew kull partita magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att li ma titqiesx bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi, jew

(b) minn persuna reġistrata oħra li għamlet, dwar dik il-provvista, l-għażla taħt il-partita 2 ta' din it-Taqsima u ħarġet fattura ta' bejgħ kif inhu meħtieġ bis-subparagrafu (b) tal-partita 3 ta' din it-Taqsima,

u li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-partita 3 ta' din it-Taqsima.

L-għażla tapplika għall-provvista ta' oġġetti użati

2. (1) Persuna reġistrata tista' tagħżel li tagħti kont għat-taxxa li titħallas fuq provvista taxxabbli msemmija fil-partita 1 ta' din it-Taqsima bħallikieku l-valur taxxabbli ta' dik il-provvista kien l-eċċess, jekk kien hemm, tal-kumpens minnha mitlub għal dik il-provvista fuq il-kumpens minnha mitlub għall-provvista li tkun saret lilha ta' dawk l-oġġetti.

(2) L-ammonti li għandhom jitqiesu bħala l-kumpens mitlub minn u lil persuna taxxabbli għall-għan tal-paragrafu (1) ta' din partita għandhom ikunu l-ammonti indikati bħala l-prezz tat-transazzjoni relattiva fil-fattura ta' bejgħ maħruġa minn dik il-persuna skond il-paragrafu (b) tal-partita 3 ta' din it-Taqsima u fil-fattura ta' bejgħ lilha maħruġa skond dak il-paragrafu jew, meta japplika, il-fattura ta' xiri minnha maħruġa skond il-paragrafu (a) ta' dik il-partita.

Kondizzjonijiet

3. Persuna taxxabbli li tagħmel l-għażla msemmija fil-partita 2 ta' din it-Taqsima —

(a) għandha żżomm, fil-każ meta dawk l-oġġetti jkunu ġew lilha provduti minn persuna li ma kienetx ipprovdiet dawk l-oġġetti fil-kors ta' attività ekonomika, fattura ta' xiri minnha maħruġa fil-waqt meta dawk l-oġġetti jkunu lilha ġew provduti kif imsemmi qabel li jkun fiha t-tagħrif li hemm fil-partita 2 ta' din it-Taqsima;

(b) għandha toħroġ fattura ta' taxxa li jkun fiha t-tagħrif li hemm fil-partita 5 ta' din it-Taqsima u żżomm kopja ta' dik il-fattura;

(ċ) ma għandhiex toħroġ, dwar provvista li dwarha tkun saret dik l-għażla, fattura ta' taxxa jew kull dokument ieħor li jkun juri li xi ammont jkun taxxa jew li jkun attribwibbli għal taxxa;

(d) ma għandhiex tqis it-taxxa, jekk ikun hemm, li tkun inkluża fil-prezz imħallas jew li jkollu jitħallas minnha mal-provvista lilha magħmula ta' l-oġġetti msemmija bħala *input tax*;

(e) għandha żżomm kull dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet li għandhom x'jaqsmu ma' transazzjonijiet ta' oġġetti wżati hekk kif il-Kummissjoni jista' jeħtieġ.

Fattura ta' xiri

4. Salv b'kull mod ieħor li l-Kummissarju jista' jippermetti, fattura ta' taxxa meħtieġa bis-saħħa tal-paragrafu (a) tal-partita 3 ta' din it-Taqsima għandu jidher fiha:

(a) in-numru tal-fattura ta' xiri;

(b) id-data tax-xiri;

(ċ) isem u l-indirizz tal-bejjiegħ;

(d) isem u l-indirizz tax-xerrej;

(e) deskrizzjoni ta' l-oġġetti;

(f) il-prezz totali;

(ġ) referenza relattiva għar-reġistrazzjoni fil-kotba tal-kontijiet tax-xerrej dwar dik it-transazzjoni;

(ħ) il-firma tal-bejjiegħ.

Fattura ta' bejgħ

5. Salv b'kull mod ieħor li l-Kummissarju jista' jippermetti, fattura ta' bejgħ meħtieġa bis-saħħa tal-paragrafu (b) tal-partita 3 ta' din it-Taqsima għandu jidher fiha:

(a) in-numru tal-fattura tal-bejgħ;

(b) id-data tal-bejgħ;

(ċ) isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-bejjiegħ;

(d) isem u l-indirizz tax-xerrej;

(e) deskrizzjoni ta' l-oġġetti;

(f) il-prezz totali inkluża t-taxxa;

(ġ) referenza relattiva għar-reġistrazzjoni fil-kotba tal-kontijiet tal-bejjiegħ dwar dik it-transazzjoni;

(ħ) din id-dikjarazzjoni li ġejja li tiġi ffirmata mill-bejjiegħa: "Niddikjara li ma ntalab jew ser jintalab ebda kreditu għal *input tax* minni dwar oġġetti mibjugħin f'din il-fattura.".

Oġġetti li jerġgħu jittieħdu fil-pussess

6. Meta xi oġġetti wżati jerġgħu jittieħdu fil-pussess –

(a) bil-patti ta' ftehim finanzjarju, jew

(b) minn xi assiguratur fil-konklużjoni ta' *claim* taħt polza ta' l-assigurazzjoni, jew

(ċ) minn *mortgagee* skond id-drittijiet tiegħu taħt *mortgage* fuq bastiment jew ajruplan,

u jiġu provduti mill-persuna li tkun reġgħet ħadithom fil-pussess tagħha fl-istess kundizzjoni bħalma kienu fiż-żmien meta reġgħu ttieħdu fil-pussess, dik il-provvista minn dik il-persuna ma għandha titqies li bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi.

Taqsima Ċ

Artikolu 57 (2) (ċ) (e)

Provvisti minn Bejjiegħa bl-Imnut u minn Kuntratturi ta' Inġinerija Ċivili, Mekkanika u Elettrika

1. Din it-Taqsima tirreferi għal –

(a) bejjiegħa bl-imnut;

(b) kuntratturi ta' inġinerija ċivili, mekkanika u elettrika.

2. Il-Kummissarju jista' jordna li ż-żmien ta' provvisti magħmula minn persuna reġistrata li għaliha tirreferi din it-Taqsima għandu jkun iż-żmien meta jsir ħlas ta' dawk il-provvisti, sal-limitu ta' kull ħlas li ħekk issir u li l-valur taxxabbli ta' dawk il-provvisti għandu jiġi stabbilit b'riferenza għal kull ħekk ħlas.

3. Ordni skond il-partita 2 ta' din it-Taqsima għandha tingħata bil-mezz ta' avviż bil-miktub jew permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta, u jista', permezz ta' dak l-avviż, tiġi msewwija jew imħassra. Ħlief kif speċifikat mod ieħor, dik l-ordni għandha tapplika għall-provvisti kollha magħmula mill-persuna li jkun ingħatalha dak l-avviż mid-data ta' dik l-ordni sakemm dak l-ordni jiġi mħassar.

4. Meta ordni mogħti skond il-partita 2 ta' din it-Taqsima jiġi msewwi jew imħassar, il-Kummissarju jista' jeħtieġ lill-persuna li lilha jkun ingħata dak l-ordni, li tħallas taxxa f'dak l-ammont li l-Kummissarju jista' jidħirlu xieraq u raġonevoli biex jagħmel tajjeb għat-taxxa fuq provvisti li minħabba dik it-tiswija jew tħassir, jista' ma jkunx b'mod ieħor kopert u dik it-taxxa titqies, għall-għanijiet kollha ta' dan l-Att li tkun it-taxxa li għandha titħallas fuq provvisti taxxabbli magħmula min dik il-persuna fid-data li dik it-tiswija jew tħassir isir effettiv.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima ordni li jingħata skond id-dispożizzjonijiet tal-partita 1 ta' din it-Taqsima, ma għandux japplika għal xi provvista li għaliha jirreferu l-partiti 4, 5 u 8 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 46 tal-21 ta' Diċembru, 1998.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati